# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 262

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 59

19 ta' Lulju 2016


Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2016/C 262/01 Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ..... 1


MT

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

(2016/C 262/01)

**WERREJ**

*Paġna*


1. INTRODUZZJONI ... 3
2. IL-KUNĊETTI TA' IMPRIŻA U ATTIVITÀ EKONOMIKA ... 3
2.1. Prinċipji ġenerali ... 3
2.2. Eżerċizzju ta' setgħat pubbliċi ... 5
2.3. Sigurtà soċjali ... 6
2.4. Il-kura tas-saħħa ... 7
2.5. L-edukazzjoni u l-attivitajiet ta' riċerka ... 7
2.6. Il-konservazzjoni tal-kultura u l-patrimonju, fosthom il-konservazzjoni tan-natura ... 8
3. ORIĠINI STATALI ... 9
3.1. L-imputabbiltà ... 9
3.1.1. L-indikaturi għall-imputabbiltà ... 10
3.1.2. L-Imputabbiltà u l-obbligi skont il-Liġi tal-Unjoni ... 11
3.2. Riżorsi tal-Istat ... 11
3.2.1. Prinċipji ġenerali ... 11
3.2.2. L-influwenza ta' kontroll fuq ir-riżorsi ... 13
3.2.3. L-involviment tal-Istat fid-distribuzzjoni mill-ġdid bejn entitajiet privati ... 14
4. VANTAĠĠ ... 15
4.1. Il-kunċett ta' vantaġġ b'mod ġenerali ... 15
4.2. It-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq (OES) ... 17
4.2.1. Introduzzjoni ... 17

4.2.2. Prinċipji ġenerali ... 18

4.2.3. L-istabbiliment tal-konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq ... 19

4.3. Vantaġġ indirett ... 26

5. SELETTIVITÀ ... 27

5.1. Prinċipji ġenerali ... 27

5.2. Selettività materjali ... 27

5.2.1. Is-selettività *de jure* u *de facto* ... 27

5.2.2. Selettività li tirriżulta minn prattiki amministrattivi diskrezzjonali ... 28

5.2.3. Il-valutazzjoni ta' selettività materjali għall-miżuri li jnaqqsu l-imposti normali tal-impriżi ... 29

5.3. Selettività reġjonali ... 32

5.3.1. Awtonomija istituzzjonali ... 32

5.3.2. Awtonomija proċedurali ... 33

5.3.3. Awtonomija ekonomika u finanzjarja ... 33

5.4. Kwistjonijiet speċifiċi dwar miżuri ta' tassazzjoni ... 34

5.4.1. Soċjetajiet kooperattivi ... 34

5.4.2. Impriżi għal investiment kollettiv ... 35

5.4.3. L-amnestiji tat-taxxa ... 36

5.4.4. Id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa u ftehimiet ... 36

5.4.5. Deprezzament/regoli ta' amortizzament ... 39

5.4.6. Reġim tat-taxxa abbażi fissa għal attivitajiet speċifiċi ... 39

5.4.7. Regoli kontra l-abbuż ... 40

5.4.8. Dazji tas-sisa ... 40

6. L-EFFETT FUQ IL-KUMMERĊ U FUQ IL-KOMPETIZZJONI ... 40

6.1. Prinċipji ġenerali ... 40

6.2. Distorsjoni tal-kompetizzjoni ... 41

6.3. Impatt fuq il-kummerċ ... 41

7. INFRASTRUTTURA: XI KJARIFIKI SPEĊIFIĊI ... 44

7.1. Introduzzjoni ... 44

7.2. Għajnuna lill-iżviluppatur/sid ... 44

7.2.1. Attività ekonomika meta mqabbla ma' attivitajiet ta' natura mhux ekonomika ... 44

7.2.2. Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ ... 46

7.2.3. Għajnuna lill-iżviluppatur/lis-sid tal-infrastruttura — ħarsa ġenerali skont kull settur ... 47

7.3. Għajnuna lill-operaturi ... 49

7.4. Għajnuna lill-utenti aħħarin ... 49

8. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI ... 50

## 1. INTRODUZZJONI

1. Fil-kuntest tal-modernizzazzjoni tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni tixtieq tipprovdi kjarifika addizzjonali dwar il-punti ewlenin marbutin mal-kunċett tal-għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, bil-għan li tikkontribwixxi għal applikazzjoni aktar sempliċi, aktar trasparenti u konsistenti tal-prinċipju madwar l-Unjoni Ewropea.

2. Dan l-avviż jikkonċerna biss il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif imsemmi fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat, li kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali (inklużi l-qrati nazzjonali) iridu japplikaw flimkien man-notifika u l-obbligi ta' sospensjoni previsti fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat. Dan ma jikkonċernax il-kompatibiltà tal-għajnuna mill-Istat mas-suq intern skont l-Artikolu 107(2) u (3) TFUE, u l-Artikolu 106(2) tat-Trattat, li huwa l-kompitu tal-Kummissjoni li tivvalutaha.

3. Minħabba li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huwa kunċett oġġettiv u legali ddefinit direttament bit-Trattat ([1]), dan l-Avviż jikkjarifika kif il-Kummissjoni tifhem l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali ("il-Qrati tal-Unjoni"). Dwar kwistjonijiet li għadhom ma ġewx ikkunsidrati mill-Qrati tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tistabbilixxi kif jidhrilha li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat għandu jiġi interpretat. Il-fehmiet li jinsabu f'dan l-Avviż huma mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat mill-Qrati tal-Unjoni ([2]); ir-referenza primarja għall-interpretazzjoni tat-Trattat hija dejjem il-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Unjoni.

4. Għandu jkun enfasizzat li l-Kummissjoni hija marbuta b'dan il-kunċett oġġettiv, u għandha biss marġni limitat ta' diskrezzjoni fl-applikazzjoni tiegħu, jiġifieri fejn l-evalwazzjonijiet li tagħmel il-Kummissjoni jkunu ta' natura teknika jew kumplessa, b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet li jinvolvu valutazzjonijiet ekonomiċi kumplessi ([3]).

5. L-Artikolu 107(1) tat-Trattat jiddefinixxi l-għajnuna mill-Istat bħala "kull għajnuna ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti prodotturi [...], safejn din tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri" ([4]). Dan l-Avviż se jiċċara l-elementi kostitwenti differenti tal-kunċett tal-għajnuna mill-Istat: l-eżistenza ta' impriża, l-imputabbiltà tal-miżura għall-Istat, il-finanzjament tagħha permezz ta' riżorsi tal-Istat, l-għoti ta' vantaġġ, l-għażla tal-miżura u l-effett tagħha fuq il-kompetizzjoni u l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Barra minn hekk, minħabba l-ħtieġa għal linji gwida speċifiċi espressa mill-Istati Membri, dan l-Avviż jipprovdi kjarifika speċifika fir-rigward tal-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura.

## 2. IL-KUNĊETTI TA' IMPRIŻA U ATTIVITÀ EKONOMIKA

6. Ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat japplikaw biss fejn il-benefiċjarju ta' miżura huwa "impriża".

### 2.1. Prinċipji ġenerali

7. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddefinixxiet b'mod konsistenti l-impriżi bħala entitajiet involuti f'attività ekonomika, irrispettivament mill-istatus legali tagħhom u mill-mod kif jiġu ffinanzjati ([5]). Il-klassifikazzjoni ta' entità partikolari bħala impriża għalhekk tiddependi kompletament fuq in-natura tal-attivitajiet tagħha. Dan il-prinċipju ġenerali għandu tliet konsegwenzi importanti:

---

([1]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Diċembru 2008, *British Aggregates* v *il-Kummissjoni*, C-487/06 P, ECLI:UE:C:2008:757, paragrafu 111.

([2]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Lulju 2011, Alcoa Trasformazioni vs il-Kummissjoni, C-194/09 P, ECLI:UE:C:2011:497, paragrafu 125.

([3]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Diċembru 2008, *British Aggregates* vs *Il-Kummissjoni*, C-487/06 P, ECLI:UE:C:2008:757, paragrafu 114, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Settembru 2010, *Il-Kummissjoni* vs *Scott*, C-290/07 P, ECLI:UE:C:2010:480, paragrafu 66.

([4]) Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat japplikaw għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli, li skont l-Artikolu 38(1) tat-Trattat jinkludu prodotti tas-sajd biss sa fejn jista' jiġi deċiż mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill (l-Artikolu 42 tat-Trattat).

([5]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov et al*, Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECLI:UE:C:2000:428, paragrafu 74; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Cassa di Risparmio di Firenze SpA*i *et al*, C-222/04, ECLI:UE:C:2006:8, paragrafu 107.

8. L-ewwel nett, l-istatus tal-entità skont il-liġi nazzjonali mhuwiex deċiżiv. Pereżempju, entità li hija kklassifikata bħala assoċjazzjoni jew klabb tal-isports taħt il-liġi nazzjonali tista' madankollu jkollha titqies bħala impriża skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. L-istess japplika għal entità li hija formalment parti mill-amministrazzjoni pubblika. L-uniku kriterju rilevanti huwa jekk din twettaqx attività ekonomika.

9. It-tieni, l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ma tiddependix fuq jekk l-entità hijiex imwaqqfa biex tiġġenera l-profitti. Entitajiet li ma għandhomx skop ta' qligħ jistgħu joffru prodotti u servizzi fis-suq ukoll ([6]). Fejn dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ jibqgħu barra mill-ambitu tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

10. It-tielet, entità tiġi klassifikata bħala impriża dejjem fir-rigward ta' attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll attivitajiet ta' natura mhux ekonomika għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward ta' dawk tal-ewwel ([7]).

11. Bosta entitajiet legali separati jistgħu jitqiesu li jiffurmaw unità ekonomika waħda għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Din l-unità ekonomika hija għalhekk kkunsidrata bħala l-impriża rilevanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra l-eżistenza ta' sehem li jagħti kontroll u rabtiet funzjonali, ekonomiċi u organiċi oħra bħala rilevanti ([8]).

12. Biex tiċċara d-distinzjoni bejn attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod konsistenti iddeċidiet li kull attività li tikkonsisti f'li jiġu offruti oġġetti u servizzi f'suq hija attività ekonomika ([9]).

13. Il-kwistjoni jekk jeżistix suq għal ċerti servizzi tista' tiddependi fuq kif dawk is-servizzi huma organizzati mill-Istat Membru kkonċernat ([10]) u tista' għalhekk tvarja minn Stat Membru għall-ieħor. Barra minn hekk, minħabba l-għażla politika jew l-iżviluppi ekonomiċi, il-klassifikazzjoni ta' servizz partikolari tista' tinbidel biż-żmien. Dik li mhijiex attività ekonomika llum tista' ssir waħda 'l quddiem, u viċi versa.

14. Id-deċiżjoni ta' awtorità pubblika li ma tippermettix li partijiet terzi jipprovdu ċertu servizz (pereżempju, minħabba li tixtieq tipprovdi s-servizz hija stess) ma teskludix l-eżistenza ta' attività ekonomika. Minkejja tali limitazzjoni fl-aċċess għas-suq, attività ekonomika tista' teżisti fejn operaturi oħra jkunu lesti u kapaċi jipprovdu s-servizz fis-suq konċernat. B'mod iżjed ġenerali, il-fatt li servizz partikolari jiġi pprovdut internament ma għandux rilevanza fuq in-natura ekonomika tal-attività ([11]).

15. Billi d-distinzjoni bejn l-attivitajiet ekonomiċi u dawk mhux ekonomiċi tiddependi sa ċertu punt fuq għażliet politiċi u żviluppi ekonomiċi fi Stat Membru partikolari, mhuwiex possibbli li ssir lista eżawrjenti ta' attivitajiet li *a priori* qatt ma jkunu ekonomiċi. Lista bħal din ma tkunx tipprovdi ċertezza legali ġenwina u għalhekk ftit li xejn tkun utli. Il-paragrafi 17 sa 37 għall-kuntrarju jfittxu li jiċċaraw id-distinzjoni fir-rigward ta' għadd ta' oqsma importanti.

16. Il-fatt sempliċi li entità tkun fil-pussess ta' ishma, anke parteċipazzjoni azzjonarja maġġoritarja, f'impriża li tipprovdi merkanzija jew servizzi f'suq ma jfissirx li din l-entità għandha awtomatikament titqies bħala impriża

---

([6]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-29 ta' Ottubru 1980, *Van Landewyck*, Kawżi Magħquda 209/78 sa 215/78 u 218/78, ECLI:UE:C:1980:248, paragrafu 88; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 1995, *FFSA et al*, C-244/94, ECLI:UE:C:1995:392, paragrafu 21; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Lulju 2008, *MOTOE*, C-49/07, ECLI:UE:C:2008:376, paragrafi 27 u 28.

([7]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2000, *Aéroports de Paris* vs. *il-Kummissjoni*, T-128/98, ECLI:UE:T:2000:290, paragrafu 108.

([8]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Diċembru 2010, *AceaElectrabel Produzione SpA* vs *Il-Kummissjoni*, C-480/09 P, ECLI:UE:C:2010:787, il-paragrafi 47 sa 55; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Cassa di Risparmio di Firenze SpA et al*, C-222/04, ECLI:UE:C:2006:8, paragrafu 112.

([9]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni vs L-Italja*, 118/85, ECLI:UE:C:1987:283, paragrafu 7; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Settembru 1998, *Il-Kummissjoni* vs *l-Italja*, C-35/96, ECLI:UE:C:1998:303, paragrafu 36; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov et al*, Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECLI:UE:C:2000:428, paragrafu 75.

([10]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 1993, *Poucet and Pistre*, Kawżi Magħquda C-159/91 u C-160/91, ECLI:UE:C:1993:63, il-paragrafi 16 sa 20.

([11]) Ara l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Geelhoed tat-28 ta' Settembru 2006, *Asociación Nacional de Empresas Forestales (Asemfo)* C-295/05, ECLI:UE:C:2006:619, il-paragrafi 110 sa 116; Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70, (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1), l-Artikoli 5(2) u 6(1). Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/501/UE tat-23 ta' Frar 2011 dwar l-Għajnuna mill-Istat C-58/06 (ex NN 98/05) implimentata mill-Ġermanja għal Bahnen der Stadt Mohnheim (BSM) u Rheinische Bahngesellschaft (RBG) fil-Verkehrsverbund Rhein-Ruhr, (ĠU L 210, 17.8.2011, p. 1), paragrafu 1 premessi 208 u 209.

għall-finijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Fejn din il-parteċipazzjoni azzjonarja tagħti lok biss għat-tħaddim tad-drittijiet marbuta mal-istatus ta' azzjonist kif ukoll, jekk ikun xieraq, għad-dħul ta' dividendi, li huma biss frott tas-sjieda ta' assi, din l-entità mhux se titqies bħala impriża jekk ma tkunx hija stess li tipprovdi merkanzija jew servizzi f'suq ([12]).

## 2.2. Eżerċizzju ta' setgħat pubbliċi

17. L-Artikolu 107(1) tat-Trattat ma japplikax fejn l-Istat jaġixxi "billi jeżerċita setgħa pubblika" ([13]) jew fejn l-entitajiet pubbliċi jaġixxu "fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet pubbliċi" ([14]). Entità tista' titqies li taġixxi billi teżerċita setgħa pubblika fejn l-attività inkwistjoni tifforma parti mill-funzjonijiet essenzjali tal-Istat jew hija marbuta ma' dawk il-funzjonijiet min-natura tagħha, l-għan tagħha u r-regoli li għalihom hija soġġetta ([15]). Ġeneralment, sakemm l-Istat Membru kkonċernat ma jkunx iddeċieda li jdaħħal mekkaniżmi tas-suq, attivitajiet li intrinsikament jiffurmaw parti mill-prerogattivi ta' awtorità uffiċjali u jitwettqu mill-Istat ma jammontawx għal attivitajiet ekonomiċi. Eżempji ta' tali attivitajiet huma dawn li ġejjin:

(a) l-armata jew il-pulizija ([16]);

(b) is-sigurtà u l-kontroll tan-navigazzjoni bl-ajru ([17]);

(c) il-kontroll u s-sigurtà tat-traffiku marittimu ([18]);

(d) is-sorveljanza ta' kontra t-tniġġis ([19]);

(e) l-organizzazzjoni, il-finanzjament u l-infurzar ta' sentenzi ta' ħabs ([20]);

(f) l-iżvilupp u r-rivitalizzazzjoni ta' art pubblika minn awtoritajiet pubbliċi; ([21]) kif ukoll

(g) il-ġbir ta' dejta li għandu jintuża għal skopijiet pubbliċi fuq il-bażi ta' obbligu statutorju impost fuq l-impriżi kkonċernati sabiex tiġi żvelata din id-dejta ([22]).

18. Sakemm entità pubblika teżerċita attività ekonomika li tista' tiġi sseparata mill-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi, din l-entità taġixxi bħala impriża fir-rigward ta' din l-attività. Għall-kuntrarju, jekk din l-attività ekonomika ma tistax tiġi sseparata mill-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi, l-attivitajiet eżerċitati minn din l-entità kollha kemm hi jibqgħu marbuta mal-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat pubbliċi u għalhekk jaqgħu barra mill-kunċett ta' impriża ([23]).

---

([12]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Jannar 2006, *Cassa di Risparmio de Firenze SpA et al*, C-222/04, ECLI:UE:C:2006:8, il-paragrafi 107 sa 118 u 125.

([13]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni vs l-Italja*, 118/85, ECLI:UE:C:1987:283, il-paragrafi 7 u 8.

([14]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Mejju 1988,*Bodson*, 30/87, ECLI:UE:C:1988:225, paragrafu 18.

([15]) Ara, b'mod partikolari, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Jannar 1994, *SAT/Eurocontrol*, C-364/92, ECLI:EU:C:1994:7, paragrafu 30 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 1997, *Calì & Figli*, C-343/95, ECLI:EU:C:1997:160, paragrafi 22 u 23.

([16]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2011 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.32820 (2011/NN) — ir-Renju Unit — Għajnuna lis-Servizzi tax-Xjenza Forensika, (ĠU C 29, 2.2.2012, p. 4), paragrafu 8.

([17]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Jannar 1994 *SAT/Eurocontrol*, C-364/92, ECLI:UE:C:1994:7, paragrafu 27; Is-Sentenza tal Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Marzu 2009, *Selex Sistemi Integrati* vs *Il-Kummissjoni*, C-113/07 P, ECLI:UE:C:2009:191, paragrafu 71.

([18]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Ottubru 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat N 438/02 — il-Belġju — Għajnuna għall-awtoritajiet tal-port, (ĠU C 284, 21.11.2002, p. 2).

([19]) Is-Sentenza tal Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Marzu 1997, *Calì & Figli*, C-343/95, ECLI:EU:C:1997:160, paragrafu 22.

([20]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2006 dwar l-għajnuna mill-Istat fil-Kawża N 140/06 — il-Litwanja — Għoti ta' sussidji lill-Impriżi tal-Istat fid-Djar Korrettivi, (ĠU C 244, 11.10.2006, p. 12).

([21]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.36346 — il-Ġermanja — skema għall-iżvilupp tal-art GRW għal użu industrijali u kummerċjali (OJ C 141, 9.5.2014, p. 1). Fil-kuntest ta' miżura li appoġġat revitalizzazzjoni (inkluż id-dekontaminazzjoni) ta' art pubblika minn awtoritajiet lokali, il-Kummissjoni stabbilit li t-tħejjija tal-artijiet pubbliċi għall-kostruzzjoni u l-iżgurar li dawn ikunu konnessi ma' utilitajiet (ilma, gass, sistema ta' drenaġġi, elettriku) u netwerks tat-trasport (bil-ferrovija u t-toroq) ma kienx jikkostitwixxi attività ekonomika, iżda kien parti mill-kompiti pubbliċi tal-Istat, jiġifieri l-provvediment u s-superviżjoni tal-art skont il-pjanijiet ta' żvilupp urban u territorjali lokali (ĠU C 141, 9.5.2014, p. 1).

([22]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2012, *Compass-Datenbank GmbH*, C-138/11, ECLI:UE:C:2012:449, paragrafu 40.

([23]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2012, *Compass-Datenbank GmbH*, C-138/11, ECLI:UE:C:2012:449, paragrafu 38, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Marzu 2009, *Selex Sistemi Integrati* v *Commission*, C-113/07 P, ECLI:UE:C:2009:191, il-paragrafi 72 *et seq*.

## 2.3. **Sigurtà soċjali**

19. Jekk l-iskemi fil-qasam tas-sigurtà soċjali għandhomx jiġu kklassifikati bħala li jinvolvu attività ekonomika jiddependi fuq il-mod kif inhuma mwaqqfa u strutturati. Essenzjalment, il-ġurisprudenza tiddistingwi bejn skemi bbażati fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u skemi ekonomiċi.

20. Skemi ta' sigurtà soċjali bbażati fuq is-solidarjetà li ma jinvolvux attività ekonomika ġeneralment ikollhom il-karatteristiċi li ġejjin:

(a) affiljazzjoni mal-iskema tkun obbligatorja ([24]);

(b) l-iskema ssegwi skop esklussivament soċjali ([25]);

(c) l-iskema tkun mingħajr skop ta' qligħ ([26]);

(d) il-benefiċċji huma indipendenti mill-kontribuzzjonijiet li saru ([27]);

(e) il-benefiċċji mħallsa mhumiex neċessarjament proporzjonati mal-qligħ tal-persuna assigurata ([28]); kif ukoll

(f) l-iskema tkun ssorveljata mill-Istat ([29]).

21. Skemi bħal dawn ibbażati fuq is-solidarjetà jridu jkunu distinti minn skemi li jinvolvu attività ekonomika ([30]). Dawn tal-aħħar huma regolarment ikkaratterizzati minn:

(a) sħubija fakultattiva ([31]);

(b) il-prinċipju ta' kapitalizzazzjoni (dipendenza tal-intitolamenti fuq il-kontribuzzjonijiet imħallsa u r-riżultati finanzjarji tal-iskema) ([32]);

(c) in-natura tagħhom bħala attività bi skop ta' qligħ ([33]); kif ukoll

(d) l-għoti ta' intitolamenti li huma supplimentari għal dawk taħt skema bażika ([34]).

([24]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 1993, *Poucet and Pistre*, Kawżi Magħquda C-159/91 u C-160/91, ECLI:UE:C:1993:63, paragrafu 13.
([25]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Jannar 2002, *Cisal and INAIL*, C-218/00, ECLI:UE:C:2002:36, paragrafu 45.
([26]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Marzu 2004, *AOK Bundesverband*, Kawżi Magħquda C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, ECLI:UE:C:2004:150, paragrafi 47 sa 55.
([27]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 1993, *Poucet and Pistre*, Kawżi Magħquda C-159/91 u C-160/91, ECLI:UE:C:1993:63, paragrafi 15 sa 18.
([28]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Jannar 2002, *Cisal and INAIL*, C-218/00, ECLI:UE:C:2002:36, paragrafu 40.
([29]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Frar 1993, *Poucet and Pistre*, Kawżi Magħquda C-159/91 u C-160/91, ECLI:UE:C:1993:63, paragrafu 14; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Jannar 2002, *Cisal and INAIL*, C-218/00, ECLI:UE:C:2002:36, paragrafi 43 sa 48; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Marzu 2004, *AOK Bundesverband*, Kawżi Magħquda C-264/01, C-306/01, C-354/01 u C-355/01, ECLI:UE:C:2004:150, paragrafi 51 sa 55.
([30]) Ara, b'mod partikolari, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 1995, *FFSA et al*, C-244/94, ECLI:UE:C:1995:392, paragrafu 19.
([31]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1999, *Albany*, C-67/96, ECLI:UE:C:1999:430, paragrafi 80 sa 87.
([32]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Novembru 1995, *FFSA et al*, C-244/94, ECLI:UE:C:1995:392, paragrafi 9 u 17 sa 20; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1999, *Albany*, C-67/96, ECLI:UE:C:1999:430, paragrafi 81 sa 85; ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1999, *Brentjens*, Kawżi Magħquda C-115/97 sa C-117/97, ECLI:UE:C:1999:434, paragrafi 81 sa 85; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1999, *Drijvende Bokken*, (C-219/97, ECLI:UE:C:1999:437, paragrafi 71 sa 75, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov et*, Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECLI:UE:C:2000:428, paragrafi 114 u 115.
([33]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1999, *Brentjens*, Kawżi Magħquda C-115/97 sa C-117/97, ECLI:UE:C:1999:434, paragrafi 74 sa 85.
([34]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov et al*, Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECLI:UE:C:2000:428, paragrafi 67 sa 70.

22. Xi skemi jgħaqqdu flimkien il-karatteristiċi taż-żewġ kategoriji. F'dawn il-każijiet, il-klassifikazzjoni tal-iskema tiddependi fuq analiżi ta' elementi differenti u l-importanza rispettiva tagħhom ([35]).

## 2.4. Il-kura tas-saħħa

23. Fl-Unjoni, is-sistemi tas-servizzi tas-saħħa jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri. Jekk u sa liema livell fornituri tal-kura tas-saħħa differenti jikkompetu ma' xulxin jiddependi fuq dawn l-ispeċifiċitajiet nazzjonali.

24. F'xi Stati Membri, l-isptarijiet pubbliċi huma parti integrali minn servizz nazzjonali tas-saħħa u huma kważi kompletament ibbażati fuq il-prinċipju tas-solidarjetà ([36]). Sptarijiet bħal dawn huma direttament iffinanzjati minn kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali u riżorsi oħra tal-Istat u jipprovdu s-servizzi tagħhom mingħajr ħlas fuq il-bażi ta' kopertura universali ([37]). Il-Qrati tal-Unjoni kkonfermaw li, fejn teżisti tali struttura, l-organizz-azzjonijiet rilevanti ma jaġixxux bħala impriżi ([38]).

25. Fejn teżisti din l-istruttura, anki attivitajiet li fihom infushom jistgħu jkunu ta' natura ekonomika, iżda li jitwettqu biss bl-iskop li jfornu servizz ieħor mhux ekonomiku, ma jkunux ta' natura ekonomika. Organizz-azzjoni li tixtri l-merkanzija — anki fi kwantitajiet kbar — biex toffri servizz mhux ekonomiku ma taġixxix bħala impriża sempliċiment għax hija xerrej f'suq partikolari ([39]).

26. F'ħafna Stati Membri oħrajn, sptarijiet u fornituri oħra tal-kura tas-saħħa joffru s-servizzi tagħhom għal rimune-razzjoni, jew direttament mill-pazjenti jew mingħand l-assigurazzjoni tagħhom ([40]). F'sistemi bħal dawn, hemm ċertu livell ta' kompetizzjoni bejn l-isptarijiet fir-rigward tal-forniment tas-servizzi tal-kura tas-saħħa. Fejn dan huwa l-każ, il-fatt li servizz tas-saħħa jiġi pprovdut minn sptar pubbliku mhuwiex suffiċjenti biex l-attività tiġi kklassifikata bħala mhux ekonomika.

27. Il-Qrati tal-Unjoni ċċaraw ukoll li s-servizzi tal-kura tas-saħħa li tobba indipendenti u prattikanti privati oħra jipprovdu għal remunerazzjoni għar-riskju proprju tagħhom għandhom jitqiesu bħala attività ekonomika ([41]). L-istess prinċipji japplikaw għall-ispiżeriji.

## 2.5. L-edukazzjoni u l-attivitajiet ta' riċerka

28. L-edukazzjoni pubblika organizzata fis-sistema edukattiva nazzjonali ffinanzjata u ssorveljata mill-Istat tista' titqies bħala attività mhux ekonomika. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-Istat: "billi jistabbilixxi u billi jżomm sistema ta' edukazzjoni pubblika bħal din, iffinanzjata kompletament jew prinċipalment mill-baġit pubbliku u mhux mill-istudenti jew mill-ġenituri tagħhom […], l-intenzjoni tal-Istat ma tkunx li jeżerċita attivitajiet bi ħlas iżda li jissodisfa l-missjoni tiegħu fl-oqsma soċjali, kulturali u edukattivi fil-konfront taċ-ċittadini tiegħu" ([42]).

---

([35]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Marzu 2009, *Kattner Stahlbau*, C-350/07, ECLI:UE:C:2009:127, il-paragrafi 33 *et seq*.
([36]) Eżempju importanti huwa s-Sistema tas-Saħħa Nazzjonali Spanjola (ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2003, *FENIN*, T-319/99, ECLI:UE:T:2003:50 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 2006, *FENIN* (C-205/03 P, ECLI:UE:C:2006:453, paragrafi 25 sa 28).
([37]) Skont il-karatteristiċi ġenerali tas-sistema, imposti li jkopru biss frazzjoni żgħira tal-kost reali tas-servizz jistgħu ma jaffettwawx il-klassi-fikazzjoni tiegħu bħala mhux ekonomiku.
([38]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2003 *FENIN*, T-319/99, ECLI:UE:T:2003:50, paragrafu 39; ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 2006 *FENIN*, C-205/03 P, ECLI:UE:C:2006:453, paragrafi 25 sa 28.
([39]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2003, *FENIN*, T-319/99, ECLI:UE:T:2003:50, paragrafu 40.
([40]) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2001 fil-Kawża *Geraets-Smits et al*, C-157/99, ECLI:UE:C:2001:404, paragrafi 53 sa 58.
([41]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2000, *Pavlov et al*, Kawżi Magħquda C-180/98 sa C-184/98, ECLI:UE:C:2000:428, paragrafi 75 u 77.
([42]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2007, *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*, C-318/05, ECLI:UE:C:2007:495, paragrafu 68. Ara wkoll id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2001 dwar l-għajnuna mill-Istat N 118/00 Subvention publiques aux clubs sportifs professionnels, (ĠU C 333 28.11.2001, p. 6).

29. In-natura mhux ekonomika tal-edukazzjoni pubblika fil-prinċipju mhijiex affettwata mill-fatt li l-istudenti jew il-ġenituri tagħhom kultant ikollhom iħallsu l-miżati tal-iskola jew ta' reġistrazzjoni li jikkontribwixxu għall-ispejjeż operattivi tas-sistema. Kontribuzzjonijiet finanzjarji bħal dawn spiss ikopru biss parti mill-kostijiet reali tas-servizz u għalhekk ma jistgħux jitqiesu bħala remunerazzjoni għas-servizz ipprovdut. Għaldaqstant dawn ma jbiddlux in-natura mhux ekonomika ta' servizz tal-edukazzjoni ġenerali ffinanzjat l-aktar mill-fondi pubbliċi ([43]). Dawn il-prinċipji jistgħu jkopru s-servizzi edukattivi pubbliċi bħal taħriġ vokazzjonali ([44]), skejjel primarji privati u pubbliċi ([45]) u edukazzjoni preprimarja ([46]), attivitajiet ta' tagħlim sekondarju fl-universitajiet ([47]) u l-provvediment tal-edukazzjoni fl-universitajiet ([48]).

30. Għandha ssir distinzjoni bejn dawn is-servizzi edukattivi pubbliċi u s-servizzi ffinanzjati l-aktar mill-ġenituri jew l-istudenti jew minn dħul kummerċjali. Pereżempju, edukazzjoni ogħla ffinanzjata kompletament mill-istudenti taqa' b'mod ċar taħt il-kategorija tal-aħħar. F'ċerti Stati Membri l-entitajiet pubbliċi jistgħu joffru wkoll servizzi edukattivi li, minħabba n-natura tagħhom, l-istruttura ta' finanzjament u l-eżistenza ta' organizzazzjonijiet privati li jikkompetu magħhom, għandhom jitqiesu bħala ekonomiċi.

31. Fid-dawl tal-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 28, 29 u 30, il-Kummissjoni tqis li ċerti attivitajiet ta' universitajiet u organizzazzjonijiet tar-riċerka jaqgħu barra l-ambitu tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan jikkonċerna l-attivitajiet primarji tagħhom, jiġifieri:

(a) edukazzjoni għal aktar riżorsi umani b'ħiliet aħjar;

(b) it-twettiq ta' riċerka indipendenti u żvilupp għal aktar għarfien u fehim aħjar, inkluż riċerka kollaborattiva u żvilupp;

(c) id-distribuzzjoni tar-riżultati ta' riċerka.

32. Il-Kummissjoni tqis li l-attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien (liċenzjar, ħolqien ta' spin-off jew forom oħrajn ta' ġestjoni tal-għarfien maħluq mill-organizzazzjoni tar-riċerka jew infrastruttura) huma ta' natura mhux ekonomika fejn isiru jew minn organizzazzjoni ta' riċerka jew infrastruttura ta' riċerka (inkluż id-dipartimenti jew is-sussidjarji tagħhom) jew flimkien ma' entitajiet oħra bħal dawn jew f'isimhom, u jekk kull dħul minn dawn l-attivitajiet jerġa' jiġi investit fl-attivitajiet ewlenin tal-organizzazzjonijiet ta' riċerka jew tal-infrastrutturi kkonċernati ([49]).

## 2.6. Il-konservazzjoni tal-kultura u l-patrimonju, fosthom il-konservazzjoni tan-natura

33. Il-kultura hija veikolu ta' identitajiet, valuri u tifsiriet li jirriflettu u jiffurmaw is-soċjetajiet tal-Unjoni. Il-qasam tal-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju jkopri firxa wiesgħa ta' għanijiet u attivitajiet, fost l-oħrajn, mużewijiet, arkivji, libreriji, ċentri artistiċi u kulturali jew spazji, teatri, teatri tal-opra, swali tal-kunċerti, siti arkeoloġiċi, monumenti, siti u bini storiku, id-drawwiet tradizzjonali u l-artiġjanat, festivals u wirjiet. kif ukoll attivitajiet kulturali u artistiċi edukattivi. Il-patrimonju naturali rikk tal-Ewropa, inkluż il-konservazzjoni tal-bijodiversità, il-ħabitats u l-ispeċijiet jipprovdu benefiċċji importanti għas-soċjetajiet fl-UE.

34. Filwaqt li titqies in-natura partikulari tagħhom, ċerti attivitajiet relatati mal-kultura, il-konservazzjoni tal-patrimonju u n-natura jistgħu jiġu organizzati b'mod mhux kummerċjali, u b'hekk ikunu ta' natura mhux ekonomika. Il-finanzjament pubbliku tagħhom jista' għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku ta' attività kulturali jew ta' konservazzjoni tal-patrimonju li tkun aċċessibbli mingħajr ħlas għall-pubbliku ġenerali jissodisfa għan purament soċjali u kulturali li huwa ta' natura

([43]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-EFTA tal-21 ta' Frar 2008 fil-Kawża E-5/07 *Private Barnehagers Landsforbund vs. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA* EFTA Ct. Rep [2008] p. 62, paragrafu 83.
([44]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Settembru 1988 *Humbel*, 263/86, ECLI:UE:C:1988:451, paragrafu 18.
([45]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2007 *Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*, C-318/05, ECLI:UE:C:2007:495, paragrafi 65 sa 71; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2007, *Schwarz*, C-76/05, ECLI:UE:C:2007:492, paragrafi 37 sa 47.
([46]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-EFTA tal-21 ta' Frar 2008 fil-Kawża E-5/07 *Private Barnehagers Landsforbund vs. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA* EFTA Ct. Rep [2008] p. 62.
([47]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Diċembru 2007, *Jundt*, C-281/06, ECLI:UE:C:2007:816, paragrafi 28 sa 39.
([48]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Diċembru 1993, *Wirth*, C-109/92, ECLI:UE:C:1993:916, paragrafi 14 sa 22.
([49]) Ara l-punt 19 tal-Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, (ĠU C 198, 27.6.2014, p. 1).

mhux ekonomika. Bl-istess mod, il-fatt li l-viżitaturi ta' istituzzjoni kulturali jew parteċipanti f'attività kulturali jew ta' konservazzjoni tal-patrimonju inkluża l-konservazzjoni tan-natura miftuħa għall-pubbliku ġenerali jeħtieġ li jħallsu kontribuzzjoni monetarja li tkopri biss parti mill-kostijiet reali ma jbiddilx in-natura mhux ekonomika ta' din l-attività, peress li ma tistax tiġi kkunsidrata bħala remunerazzjoni ġenwina għas-servizz ipprovdut.

35. Għal kuntrarju, attivitajiet kulturali jew ta' konservazzjoni tal-patrimonju (inkluża l-konservazzjoni tan-natura) li prinċipalment ikunu ffinanzjati minn tariffi ta' użu jew viżitatur jew b'mezzi oħra (pereżempju, wirjiet kummerċjali, teatri taċ-ċinema, prestazzjonijiet ta' mużika kummerċjali u festivals u skejjel tal-arti prinċipalment iffinanzjati minn miżati għat-tagħlim) għandhom jiġu kkwalifikati bħala ekonomiċi min-natura tagħhom. Bl-istess mod, il-konservazzjoni tal-patrimonju jew attivitajiet kulturali li minnhom jibbenefikaw biss ċerti intrapriżi aktar milli l-pubbliku ġenerali (pereżempju, ir-restawr ta' bini storiku użat minn kumpanija privata) għandha normalment tiġi kkwalifikata bħala ekonomika min-natura tagħha.

36. Barra minn hekk, ħafna attivitajiet kulturali u ta' konservazzjoni tal-patrimonju huma oġġettivament mhux sostitwibbli (pereżempju, iż-żamma tal-arkivji pubbliċi li jkollhom dokumenti uniċi) u b'hekk jeskludu l-eżistenza ta' suq ġenwin. Fil-fehma tal-Kummissjoni, tali attivitajiet jkunu jikkwalifikaw ukoll bħala ta' natura mhux ekonomika.

37. F'każijiet fejn entità twettaq attivitajiet kulturali jew ta' konservazzjoni tal-patrimonju, li uħud minnhom huma attivitajiet ta' natura mhux ekonomika kif stabbilit fil-paragrafi 34 u 36 u xi wħud minnhom huma attivitajiet ekonomiċi, il-finanzjament pubbliku li tirċievi jaqa' taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat biss sa fejn dan ikopri l-kostijiet marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi ([50]).

## 3. ORIĠINI STATALI

38. L-għoti ta' vantaġġ direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat u l-imputabbiltà ta' tali miżura lill-Istat huma żewġ kundizzjonijiet separati u kumulattivi għall-għajnuna mill-Istat ([51]). Madankollu, ħafna drabi dawn jiġu kkunsidrati flimkien meta tiġi vvalutata miżura skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, minħabba li t-tnejn huma relatati mal-oriġini pubblika tal-miżura inkwistjoni.

### 3.1. L-imputabbiltà

39. F'każijiet meta awtorità pubblika tagħti għajnuna lil benefiċjarju, il-miżura hija skont id-definizzjoni imputabbli lill-Istat, anki jekk l-awtorità inkwistjoni jkollha awtonomija legali minn awtoritajiet pubbliċi oħra. L-istess japplika jekk awtorità pubblika taħtar korp privat jew pubbliku biex jamministra miżura li tagħti vantaġġ. Fil-fatt, il-liġi tal-Unjoni ma tistax tippermetti li r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jiġu evitati permezz tal-ħolqien ta' istituzzjonijiet awtonomi inkarigati mill-allokazzjoni tal-għajnuna ([52]).

40. L-imputabbiltà hija anqas evidenti, madankollu, jekk il-vantaġġ jingħata permezz ta' impriżi pubbliċi ([53]) f'dawn il-każijiet. Huwa meħtieġ li jiġi determinat jekk l-awtoritajiet pubbliċi jistgħux jitqiesu li kienu involuti, b'mod jew ieħor, fl-adozzjoni tal-miżura ([54]).

([50]) Kif spjegat fil-paragrafu 207, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku pprovdut għal faċilitajiet abitwali (bħal ristoranti, ħwienet jew ipparkjar imħallas) ta' infrastrutturi li huma kważi esklużivament użati għal attività mhux ekonomika normalment ma għandu l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Bl-istess mod, il-Kummissjoni tqis li l-finanzjament pubbliku għal faċilitajiet abitwali li jingħataw fil-kuntest ta' attivitajiet ta' natura mhux ekonomika tal-kultura u l-konservazzjoni tal-patrimonju (pereżempju, ħanut, ħanut tax-xorb, jew vestjarju bi ħlas f'mużew) normalment ma għandu l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

([51]) Ara, pereżempju, is-sentenza tal-Qorti tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza vs Il-Kummissjoni*, (*Stardust*), C-482/99, ECLI:UE:C:2002:294, paragrafu 24; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' April 2006, *Deutsche Bahn AG* vs *Il-Kummissjoni*, T-351/02, ECLI:UE:T:2006:104, paragrafu 103.

([52]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1996, *Air France* vs *Il-Kummissjoni*, T-358/94, ECLI:UE:T:1996:194, paragrafu 62.

([53]) Dan il-kunċett ta' impriżi pubbliċi jista' jiġi definit permezz tar-referenza għad-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarjra f'ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17). L-Artikolu 2(b) ta' din id-Direttiva jsostni li "impriżi pubbliċi" tfisser kull impriża li fuqha l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jeżerċitaw direttament jew indirettament influwenza dominanti bis-saħħa tas-sjieda li għandhom tagħha, il-parteċipazzjoni finanzjarja tagħhom fiha, jew ir-regoli li jirregolawha".

([54]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *France* vs *Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:UE:C:2002:294, paragrafu 52.

41. Is-sempliċi fatt li miżura tittieħed minn impriża pubblika *per se* mhuwiex suffiċjenti biex tiġi kkunsidrata bħala imputabbli lill-Istat ([55]). Madankollu, ma jeħtieġx li jintwera li, f'każ partikolari, l-awtoritajiet pubbliċi speċifikament inċitaw l-impriża pubblika biex tieħu l-miżura inkwistjoni ([56]). Fil-fatt, billi rrelazzjonijiet bejn l-Istat u l-impriżi pubbliċi huma neċessarjament mill-qrib, hemm riskju reali li l-għajnuna mill-Istat tista' tingħata permezz tal-intermedjarju ta' dawk l-impriżi b'mod mhux trasparenti u bi ksur tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat stabbiliti bit-Trattat ([57]). Barra minn hekk, preċiżament minħabba r-relazzjonijiet privileġġati li jeżistu bejn l-Istat u l-impriżi pubbliċi, bħala regola ġenerali, se jkun diffiċli ħafna għal parti terza biex turi li l-miżuri meħuda minn tali impriża kienu fil-fatt adottati fuq l-istruzzjonijiet tal-awtoritajiet pubbliċi f'każ partikolari ([58]).

42. Għal dawn ir-raġunijiet, l-imputabbiltà tal- istat fir-rigward ta' miżura meħuda minn impriża pubblika tista' tiġi dedotta minn għadd ta' indikaturi li jirriżultaw miċ-ċirkostanzi tal-każ u l-kuntest li fih tkun ingħatat din il-miżura ([59]).

3.1.1. *L-indikaturi għall-imputabbiltà*

43. Indikaturi possibbli biex jiġi stabbilit jekk miżura hijiex imputabbli jinkludu dawn li ġejjin ([60]):

(a) il-fatt li l-korp inkwistjoni ma setax jieħu d-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma jqis ir-rekwiżiti tal-awtoritajiet pubbliċi;

(b) il-preżenza ta' fatturi ta' natura organika li jorbtu l-impriża pubblika mal-Istat;

(c) il-fatt li l-impriża li permezz tagħha kienet ingħatat l-għajnuna, kellha tqis id-direttivi maħruġa minn korpi governattivi ([61]);

(d) l-integrazzjoni tal-impriża pubblika fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika;

(e) in-natura tal-attivitajiet tal-impriża pubblika ([62]) u l-eżerċizzju tagħhom fis-suq f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni ma' operaturi privati;

(f) l-istatus legali tal-impriża (kemm jekk hija soġġetta għal-liġi pubblika jew għal-liġi ordinarja tal-kumpaniji), għalkemm is-sempliċi fatt li impriża pubblika ġiet kostitwita fil-forma ta' kumpanija b'kapital azzjonarju taħt il-liġi ordinarja ma jistax jiġi kkunsidrat bħala raġuni suffiċjenti biex tiġi eskluża l-imputabbiltà ([63]), meta tiġi kkunsidrata l-awtonomija li din il-forma legali tagħtiha;

(g) il-livell ta' superviżjoni li l-awtoritajiet pubbliċi jeżerċitaw fuq il-ġestjoni tal-impriża;

(h) kull indikatur ieħor li juri l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni tal-miżura kkonċernata jew in-nuqqas ta' probabbiltà li ma kienux involuti, b'kunsiderazzjoni għall-ambitu tal-miżura, il-kontenut tagħha jew il-kundizzjonijiet li tinkludi.

---

([55]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza vs Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:UE:C:2002:294. Ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ġunju 2008 *SIC* vs *Il-Kummissjoni*, T-442/03, ECLI:UE:T:2008:228, paragrafi 93 sa 100.

([56]) Barra minn hekk, mhuwiex meħtieġ li jintwera li, f'każ partikolari, l-aġir tal-impriża pubblika kien ikun differenti kieku din aġixxiet b'mod awtonomu, ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Ġunju 2015, *SACE u Sace BT* vs *Il-Kummissjoni*, T-305/13, ECLI:UE:T:2015:435, paragrafu 48.

([57]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza* vs *Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:UE:C:2002:294, paragrafu 53.

([58]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza* vs *Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:UE:C:2002:294, paragrafu 54.

([59]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza* vs *Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:UE:C:2002:294, paragrafu 55.

([60]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza vs Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:UE:C:2002:294, paragrafi 55 u 56. Ara wkoll l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Jacobs tas-13 ta' Diċembru 2001, *Franza vs Il-Kummissjoni (Stardust)* C-482/99, ECLI:UE:C:2001:685, paragrafi 65 sa 68.

([61]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Ottubru 2014, *Commerz Nederland*, C-242/13, ECLI:UE:C:2014:2224, paragrafu 35.

([62]) Pereżempju, meta l-miżuri jittieħdu minn banek tal-iżvilupp pubbliku li jsegwu objettivi ta' politika pubblika (Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Frar 2013, *Nitrogenmuvek Vegyipari, Zrt. vs Il-Kummissjoni*, T-387/11, ECLI:UE:T:2013:98, paragrafu 63) jew meta jittieħdu miżuri minn aġenziji tal-privatizzazzjoni jew fondi tal-pensjonijiet pubbliċi (Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 2016, *Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni* ("ELAN"), T-507/12, ECLI:UE:T:2016:35, paragrafu 86).

([63]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza* vs *Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:UE:C:2002:294, paragrafu 57.

3.1.2. *L-Imputabbiltà u l-obbligi skont il-Liġi tal-Unjoni*

44. Miżura mhijiex imputabbli lill-Istat Membru jekk l-Istat Membru jkollu l-obbligu li jimplimentha skont il-liġi tal-Unjoni mingħajr ebda diskrezzjoni. F'dan il-każ, il-miżura toriġina minn att leġiżlattiv tal-Unjoni u mhijiex imputabbli lill-Istat ([64]).

45. Madanakollu dan mhuwiex il-każ f'sitwazzjonijiet fejn il-liġi tal-Unjoni sempliċiment tippermetti ċerti miżuri nazzjonali u l-Istat Membru jgawdi diskrezzjoni (i) rigward jekk jadottax il-miżura inkwistjoni jew (ii) meta jistabbilixxi l-karatteristiċi tal-miżura konkreta li tkun rilevanti minn perspettiva ta' għajnuna mill-Istat ([65]).

46. Miżuri li huma adottati b'mod konġunt minn diversi Stati Membri huma imputabbli lill-Istati Membri kollha kkonċernati skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat ([66]).

## 3.2. **Riżorsi tal-Istat**

3.2.1. *Prinċipji ġenerali*

47. Huma biss dawk il-vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat li jistgħu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ([67]).

48. Ir-riżorsi tal-Istat jinkludu r-riżorsi kollha tas-settur pubbliku ([68]), inkluż ir-riżorsi ta' entitajiet intrastatali (deċentralizzati, federali, reġjonali jew oħrajn) ([69]) u, taħt ċerti ċirkostanzi, ir-riżorsi ta' korpi privati (ara l-paragrafi 57 u 58). Huwa irrelevanti jekk istituzzjoni fis-settur pubbliku hijiex awtonoma jew le ([70]). Il-fondi pprovduti mill-bank ċentrali ta' Stat Membru lil istituzzjonijiet ta' kreditu speċifiċi ġeneralment jimplikaw it-trasferiment tar-riżorsi tal-Istat ([71]).

49. Ir-riżorsi ta' impriża pubblika jikkostitwixxu wkoll riżorsi tal-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat minħabba li l-Istat ikun kapaċi jmexxi l-użu ta' dawn ir-riżorsi ([72]). Għall-finijiet tal-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat, trasferimenti fi ħdan grupp pubbliku jistgħu wkoll jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, jekk pereżempju

([64]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' April 2009, *Puffer*, C-460/07 ECLI:UE:C:2009:254, paragrafu 70, dwar id-dritt għal eżenzjonijiet tat-taxxa taħt is-sistema tal-VAT stabbilita mill-Unjoni, u s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' April 2006, *Deutsche Bahn AG vs Il-Kummissjoni* T-351/02, ECLI:UE:T:2006:104, paragrafu 102, dwar eżenzjonijiet mit-taxxa meħtieġa mil-liġi tal-Unjoni.

([65]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 2013, *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda et al*, C-272/12 P, ECLI:UE:C:2013:812 paragrafi 45 sa 53, fuq awtorizzazzjoni mogħtija lil Stat Membru b'deċiżjoni tal-Kunsill li tintroduċi ċerti eżenzjonijiet mit-taxxa. Is-sentenza tiċċara wkoll li l-fatt li deċiżjoni tal-Kunsill fil-qasam tal-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni ġiet adottata fuq proposta mill-Kummissjoni huwa irrilevanti, minħabba li l-kunċett ta' għajnuna mill-Istat huwa kunċett oġġettiv.

([66]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/606/UE tas-26 ta' Frar 2010 dwar l-għajnuna mill-Istat C 9/2009 (*ex* NN 45/08, NN 49/08 u NN 50/08) implimentata mir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Franċiża u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu favur Dexia SA, (ĠU L 274, 19.10.2010, p. 54).

([67]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Jannar 1978, *Van Tiggele*, 82/77, ECLI:UE:C:1978:10, paragrafi 25 u 26; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1996, *Air France* vs *Il-Kummissjoni*, T-358/94, ECLI:UE:T:1996:194, paragrafu 63.

([68]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1996, *Air France* vs *Il-Kummissjoni*, T-358/94, ECLI:UE:T:1996:194, paragrafu 56.

([69]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 1987, *Il-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, 248/84, ECLI:UE:C:1987:437, paragrafu 17; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2002, *Territorio Histórico de Álava et al vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-92/00 u 103/00, ECLI:UE:T:2002:61, paragrafu 57.

([70]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1996, *Air France* vs *Il-Kummissjoni*, T-358/94, ECLI:UE:T:1996:194, paragrafi 58 sa 62.

([71]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat biex tappoġġja l-miżuri favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("il-Komunikazzjoni dwar il-Banek") (ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1), b'mod partikolari l-punt 62. Madankollu, il-Kummissjoni ċċarat li fil-każ li bank ċentrali jirreaġixxi għall-kriżi bankarja b'miżuri ġenerali miftuħin għall-parteċipanti tas-suq kollha komparabbli fis-suq (pereżempju self lis-suq kollu bl-istess termini) u mhux b'miżuri selettivi favur banek individwali, tali miżuri ġenerali jaqgħu ta' spiss barra mill-ambitu tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

([72]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza* vs *Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:UE:C:2002:294, paragrafu 38. Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *Il-Greċja* vs *Il-Kummissjoni*, C-278/00, ECLI:UE:C:2004:239, paragrafi 53 u 54, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2003, l-Italja u *SIM 2 Multimedia SpA* vs *Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-328/99 u C-399/00, ECLI:UE:C:2003:252, paragrafi 33 u 34.

r-riżorsi jiġu trasferiti minn kumpanija prinċipali lis-sussidjarja tagħha (anki jekk dawn jikkostitwixxu impriża waħda minn perspettiva ekonomika) ([73]). Il-kwistjoni ta' jekk it-trasferiment ta' riżorsi bħal dawn huwiex imputabbli lill-Istat hija indirizzata fit-taqsima 3.1. Il-fatt li impriża pubblika hija l-benefiċjarju ta' miżura ta' għajnuna ma jfissirx li ma tistax tagħti għajnuna lil benefiċjarju ieħor permezz ta' miżura ta' għajnuna differenti ([74]).

50. Il-fatt li miżura li tagħti vantaġġ mhijiex iffinanzjata direttament mill-Istat, iżda minn korp pubbliku jew privat maħtur jew stabbilit mill-Istat sabiex jamministra l-għajnuna ma jfissirx neċessarjament li l-miżura mhijiex iffinanzjata permezz ta' riżorsi tal-Istat ([75]). Miżura adottata minn awtorità pubblika u li tiffavorixxi ċerti impriżi jew prodotti ma titlifx il-karatteristika ta' vantaġġ gratwit minħabba l-fatt li hija kompletament jew parzjalment iffinanzjata minn kontribuzzjonijiet imposti mill-awtorità pubblika u imposti fuq l-impriżi kkonċernati ([76]).

51. It-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat jista' jieħu ħafna forom bħal għotjiet diretti, self, garanziji, investiment dirett fil-kapital ta' kumpaniji u benefiċċji *in natura*. Impenn sod u konkret biex ir-riżorsi tal-Istat isiru disponibbli aktar 'il quddiem jiġi kkunsidrat ukoll bħala trasferiment ta' riżorsi tal-Istat. Trasferiment pożittiv ta' fondi mhuwiex obbligat li jseħħ; rinunzja għal dħul tal-Istat hija suffiċjenti. Rinunzja tad-dħul li kieku kien jitħallas lill-Istat tikkostitwixxi trasferiment ta' riżorsi tal-Istat ([77]). Pereżempju, "nuqqas" fid-dħul mit-taxxi u s-sigurtà soċjali minħabba eżenzjonijiet jew tnaqqis f'taxxi jew ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mogħtija mill-Istat Membru, jew eżenzjonijiet mill-obbligu li jitħallsu multi jew penali pekunarji oħrajn, jissodisfa r-rekwiżit tar-riżorsi tal-Istat tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ([78]). Il-ħolqien ta' riskju konkret li jimponi piż addizzjonali fuq l-Istat fil-ġejjieni, b'garanzija jew b'offerta kuntrattwali, huwa suffiċjenti għall-iskopijiet tal-Artikolu 107(1) ([79]).

52. Jekk l-awtoritajiet pubbliċi jew l-impriżi pubbliċi jipprovdu merkanzija jew servizzi bi prezz taħt ir-rati tas-suq, jew jinvestu f'impriża b'mod li mhuwiex konsistenti mat-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq, kif deskritt mill-paragrafu 73 'il quddiem, dan jimplika rinunzja tar-riżorsi tal-Istat (kif ukoll l-għoti ta' vantaġġ).

53. L-għoti ta' aċċess lill-dominju pubbliku jew riżorsi naturali jew l-għoti ta' drittijiet speċjali jew esklussivi ([80]) mingħajr remunerazzjoni adegwata skont ir-rati tas-suq jistgħu jikkostitwixxu rinunzja għal riżorsi tal-Istat (kif ukoll l-għoti ta' vantaġġ) ([81]).

54. F'dawn il-każijiet irid jiġi stabbilit jekk l-Istat, minbarra r-rwol tiegħu ta' ġestjoni tal-assi pubbliċi inkwistjoni, jaġixxix bħala regolatur li jwettaq l-objettivi ta' politika billi jagħmel il-proċess tal-għażla tal-impriżi kkonċernati soġġetti għal kriterji kwalitattivi (stabbiliti *ex ante* b'mod trasparenti u mhux diskriminatorju) ([82]). Meta l-Istat jaġixxi bħala regolatur, jista' jiddeċiedi b'mod leġittimu li ma jimmassimizzax id-dħul li seta' kieku nkiseb,

---

([73]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1996 *SFEI et al*, C-39/94, ECLI:UE:C:1996:285, paragrafu 62.

([74]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011, *Freistaat Sachsen u Land Sachsen-Anhalt et vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-443/08 u T-455/08, ECLI:UE:T:2011:117, paragrafu 143).

([75]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 1977 *Steinike & Weinlig*, 78/76, ECLI:UE:C:1977:52, paragrafu 21.

([76]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Marzu 1977 *Steinike & Weinlig*, 78/76, ECLI:UE:C:1977:52, paragrafu 22.

([77]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2000, *France* vs *Ladbroke Racing Ltd u Il-Kummissjoni*, C-83/98 P, ECLI:UE:C:2000:248, paragrafi 48 sa 51.

([78]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Marzu 1994, *Banco Exterior de España*, C-387/92, ECLI:UE:C:1994:100, paragrafu 14 dwar l-eżenzjonijiet tat-taxxa. Barra minn hekk, id-derogi mir-regoli normali ta' insolvenza, li jippermettu lill-impriżi li jkomplu jinnegozjaw f'ċirkostanzi li taħthom kieku ma jitħallewx jekk ir-regoli ordinarji ta' insolvenza kienu applikati, jista' jinvolvi piż addizzjonali għall-Istat jekk korpi pubbliċi jkunu fost il-kredituri prinċipali ta' dawn l-impriżi jew fil-każ li azzjoni bħal din tirriżulta li tkun rinunzja *de facto* tad-djun pubbliċi. Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ġunju 1999, *Piaggio*, C-295/97, ECLI:UE:C:1999:313, paragrafi 40 sa 43 u s-Sentenza ta-Qorti tal-Ġustizzja tal-1ta' Diċembru 1998, *Ecotrade*, C-200/97, ECLI:UE:C:1998:579, paragrafu 45.

([79]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-1 ta' Diċembru 1998, *Ecotrade*, C-200/97, ECLI:UE:C:1998:579, paragrafu 41 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Marzu 2013, *Bouygues and Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni et al*, Kawżi Magħquda C-399/10 P u C-401/10 P, ECLI:UE:C:2013:175, paragrafi 137, 138 u 139.

([80]) Kif definit fl-Artikolu 2 (f) u (g) tad-Direttiva 2006/111/KE tal-Kummissjoni tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja f'ċerti impriżi (ĠU L 318, 17.11.2006, p. 17).

([81]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat tal-Unjoni Ewropea għall-kumpens mogħti għall-provvediment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, (ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4), paragrafu 33.

([82]) Ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2007, *Bouygues SA vs Il-Kummissjoni* T-475/04, ECLI:EU:T:2007:196, fejn il-Qorti Ġenerali nnotat li, fl-għoti ta' aċċess għal riżorsi pubbliċi skarsi bħall-ispettru tar-radju, l-awtoritajiet nazzjonali wettqu fl-istess ħin ir-rwoli ta' regolatur tat-telekomunikazzjonijiet u amministratur tar-riżorsi pubbliċi bħal dawn paragrafu 104.

mingħajr ma jaqa' taħt l-ambitu tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, sakemm l-operaturi kkonċernati kollha jkunu ttrattati b'konformità mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, u hemm rabta inerenti bejn il-kisba tal-finijiet regolatorji u r-rinunzja għad-dħul ([83]).

55. F'kull każ, trasferiment ta' riżorsi tal-Istat ikun preżenti jekk, f'każ partikolari, l-awtoritajiet pubbliċi ma jitolbux li jithallas l-ammont normali taħt is-sistema ġenerali tagħhom għall-aċċess għad-dominju pubbliku jew għar-riżorsi naturali jew għall-għoti ta' ċerti drittijiet speċjali jew esklussivi.

56. Effett indirett negattiv fuq id-dħul tal-Istat li joriġina minn miżuri regolatorji ma jikkostitwixxix trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, fejn huwa karatteristika inerenti tal-miżura ([84]). Pereżempju, deroga minn provvedimenti tal-liġi tal-impjiegi li tbiddel il-qafas għal relazzjonijiet kuntrattwali bejn l-impriżi u l-impjegati ma tikkostitwixxix trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, minkejja l-fatt li tista' tnaqqas kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew taxxi pagabbli lill-Istat ([85]). Bl-istess mod, ir-regolament nazzjonali li jistabbilixxi prezz minimu għal ċerti prodotti ma jinvolvix it-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat ([86]).

### 3.2.2. *L-influwenza ta' kontroll fuq ir-riżorsi*

57. L-oriġini tar-riżorsi mhuwiex rilevanti sakemm, qabel ma jiġu trasferiti direttament jew indirettament lill-benefiċjarji, jiġu taħt kontroll pubbliku u għalhekk ikunu disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali ([87]), anki jekk ir-riżorsi ma jsirux proprjetà tal-awtorità pubblika ([88]).

58. B'hekk, is-sussidji ffinanzjati permezz ta' imposti parafiskali jew kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mill-Istat u amministrati u mqassma skont il-provvedimenti tar-regoli pubbliċi jimplika trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, anki jekk mhux amministrati mill-awtoritajiet pubbliċi ([89]). Barra minn hekk, is-sempliċi fatt li s-sussidji huma

([83]) Ara f'dan is-sens id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2004 dwar l-għajnuna mill-Istat NN 42/2004 — Franza — Bdil fil-ħlasijiet dovuti minn Orange u SFR għal-liċenzji UMTS, (ĠU C 275, 8.11.2005, p. 3), premessi 28, 29 u-30, sostnuta mill-Qrati tal-Unjoni (Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2007 *Bouygues SA vs Il-Kummissjoni* T-475/04, ECLI:UE:T:2007:196, paragrafi 108 sa 111 u 123, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2009, *Bouygues and Bouygues Télécom vs Il-Kummissjoni*, C-431/07 P, ECLI:UE:C:2009:223, paragrafi 94 sa 98 u 125). F'dan il-każ, rigward l-għoti ta' liċenzji tal-ispettru tar-radju UMTS, l-Istat fl-istess ħin wettaq r-rwoli ta' regolatur tat-telekomunikazzjonijiet u amministratur ta' dawn ir-riżorsi pubbliċi u ssokta bl-objettivi regolatorji stabbiliti fid-Direttiva 97/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' April 1997 dwar qafas komuni għal awtorizzazzjonijiet ġenerali u liċenzji individwali fil-qasam tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni (ĠU L 117, 7.5.1997, p. 15). F'sitwazzjoni bħal din, il-Qrati tal-Unjoni kkonfermaw li l-għoti ta' liċenzji mingħajr ma jiġi mmassimizzat id-dħul li seta' inkiseb ma kienx jinvolvi l-għoti ta' għajnuna mill-Istat, peress li l-miżuri inkwistjoni kienu ġġustifikati bl-objettivi regolatorji stabbiliti fid-Direttiva 97/13/KE u kkonformaw mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Għall-kuntrarju, fis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi*, C-279/08 P, ECLI:UE:C:2011:551, paragrafi 88 *et seq.* il-Qorti ma identifikatx ir-raġunijiet regolatorji li kienu jiġġustifikaw l-għotja mingħajr kunsiderazzjoni ta' drittijiet ta' emissjonijiet negozjabbli b'mod ħieles. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech* vs *The Parking Adjudicator*, C-518/13, ECLI:UE:C:2015:9, paragrafu 46 *et seq.*

([84]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Marzu 2001, *PreussenElektra*, C-379/98, ECLI:UE:C:2001:160, paragrafu 62.

([85]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Marzu 1993, *Sloman Neptun Schiffahrts*, Kawżi Magħquda C-72/91 u C-73/91, ECLI:UE:C:1993:97 paragrafi 20 u 21. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Mejju 1998, *Viscido et al.*, il-Kawżi Magħquda C-52/97, C-53/97 u C-54/97 ECLI:UE:C:1998:209, paragrafi 13 u 14 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Novembru 1993, *Kirsammer-Hack* C-189/91, ECLI:UE:C:1993:907, paragrafi 17 u 18, dwar il-fatt li n-nuqqas ta' applikazzjoni ta' ċerti provvedimenti tal-liġi tal-impjiegi ma jikkostitwixxix trasferiment tar-riżorsi tal-Istat.

([86]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Jannar 1978, *Van Tiggele*, 82/77, ECLI:UE:C:1978:10, paragrafi 25 u 26.

([87]) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Lulju 2008, *Essent Netwerk Noord*, C-206/06, ECLI:EU:C:2008:413, paragrafu 70; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2000, *Franza vs Landbroke Racing Ltd u l-Kummissjoni*, C-83/98 P, ECLI:UE:C:2000:248, paragrafu 50.

([88]) Ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 1996, *Air France vs Il-Kummissjoni*, T-358/94, ECLI:UE:T:1996:194, paragrafi 65, 66 u 67, rigward l-għajnuna mogħtija minn Caisse des Dépôts et Consignations li ġiet iffinanzjata bid-depożiti volontarji ta' ċittadini privati li tista' tiġi rtirata f'kull ħin. Dan ma affettwax il-konklużjoni li dawn il-fondi kienu riżorsi tal-Istat minħabba li Caisse kienet kapaċi tużahom mill-bilanċ prodott minn depożiti u rtirar daqslikieku kienu għad-dispożizzjoni tagħha fuq bażi permanenti. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2000, *Franza vs Landbroke Racing Ltd u l-Kummissjoni*, C-83/98 P, ECLI:UE:C:2000:248, paragrafu 50.

([89]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *l-Italja vs Il-Kummissjoni*, 173/73, ECLI:UE:C:1974:71, paragrafu 16; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Marzu 1992, *Compagnie Commerciale de l'Ouest*, Kawżi Magħquda C-78/90 sa C-83/90, ECLI:UE:C:1992:118 paragrafu 35; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Lulju 2008 *Essent Netwerk Noord*, C-206/06, ECLI:UE:C:2008:413, paragrafi 58 sa 74.

ffinanzjati parzjalment minn kontribuzzjonijiet privati volontarji mhuwiex biżżejjed sabiex tiġi eskluża l-preżenza ta' riżorsi tal-Istat, billi l-fattur rilevanti mhuwiex l-oriġini tar-riżorsi iżda l-livell tal-intervent tal-awtorità pubblika taħt id-definizzjoni tal-miżura u l-metodu tagħha ta' finanzjament ([90]). It-trasferiment ta' riżorsi tal-Istat jista' jiġi eskluż biss f'ċirkostanzi speċifiċi ħafna, b'mod partikolari jekk ir-riżorsi mill-membri ta' assoċjazzjoni kummerċjali jkunu allokati biex jiġi ffinanzjat skop speċifiku fl-interess tal-membri, jiġu deċiżi minn organizzazzjoni privata u jkollhom skop purament kummerċjali, u jekk l-Istat Membru sempliċiment qed jaġixxi bħala mezz sabiex jagħmel il-kontribuzzjoni introdotta mill-organizzazzjoni tal-kummerċ obbligatorja ([91]).

59. Trasferiment ta' riżorsi tal-Istat huwa preżenti wkoll jekk ir-riżorsi jkunu għad-dispożizzjoni konġunta ta' bosta Stati Membri li jiddeċiedu flimkien dwar l-użu ta' dawn ir-riżorsi ([92]). Dan ikun il-każ, pereżempju, għal fondi mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES).

60. Riżorsi li joriġinaw mill-Unjoni (pereżempju minn fondi strutturali), mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew il-Fond Ewropew tal-Investiment, jew minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, bħall-Fond Monetarju Internazzjonali) jew il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp ukoll jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat jekk l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom diskrezzjoni fuq l-użu ta' dawn ir-riżorsi (b'mod partikolari l-għażla tal-benefiċjarji) ([93]). B'kuntrast, jekk tali riżorsi jingħataw direttament mill-Unjoni, mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew mill-Fond Ewropew tal-Investiment, mingħajr ebda diskrezzjoni min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali, dawn ma jikkostitwux riżorsi tal-Istat (pereżempju finanzjament mogħti f'ġestjoni diretta taħt il-programm qafas Orizzont 2020, il-programm tal-UE Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi ż-Żgħar u ta' Daqs Medju (COSME) jew il-fondi tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T).

### 3.2.3. *L-involviment tal-Istat fid-distribuzzjoni mill-ġdid bejn entitajiet privati*

61. Regolamentazzjoni li twassal għal ridistribuzzjoni finanzjarja minn entità privata waħda għal oħra mingħajr aktar involviment tal-Istat, bażikament, ma jinvolvix trasferiment ta' riżorsi tal-Istat, jekk il-flus jgħaddu direttament minn entità privata waħda għal oħra, mingħajr ma jgħaddu minn korp pubbliku jew privat magħżula mill-Istat biex jamministra t-trasferiment ([94]).

62. Pereżempju, obbligu impost minn Stat Membru fuq il-fornituri tal-elettriku privati biex jixtru elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezzijiet minimi fissi ma jinvolvix trasferiment dirett jew indirett ta' riżorsi tal-Istat lil impriżi li jipproduċu dan it-tip ta' elettriku ([95]). F'dan il-każ, l-impriżi kkonċernati (jiġifieri l-fornituri tal-elettriku privati) ma jkunux maħtura mill-Istat biex jamministraw skema ta' għajnuna, iżda huma biss marbuta bl-obbligu li jixtru tip speċifiku ta'elettriku bir-riżorsi finanzjarji tagħhom stess.

63. Madankollu, trasferiment ta' riżorsi tal-Istat huwa preżenti fejn l-imposti li jsiru minn persuni privati jgħaddu minn entità pubblika jew privata maħtura biex tmexxihom lill-benefiċjarji.

([90]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27 ta' Settembru 2002, *France et al. vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-139/09, T-243/09 u T-328/09, ECLI:UE:T:2012:496, paragrafi 63 u 64.

([91]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 2004, *Pearle*, C-345/02, ECLI:UE:C:2004:448, paragrafu 41 u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Mejju 2013, *Doux élevages SNC et al*, C-677/11, ECLI:UE:C:2013:348.

([92]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/606/UE tas-26 ta' Frar 2010 dwar l-għajnuna mill-Istat C 9/2009 (*ex* NN 45/08, NN 49/08 u NN 50/08) implimentata mir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Franċiża u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu favur Dexia SA, (ĠU L 274, 19.10.2010, p. 54).

([93]) Ara, pereżempju, fir-rigward tal-fondi strutturali, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Novembru 2006 dwar għajnuna mill-Istat N 157/06, ir-Renju Unit, il-Proġett tal-Broadband tar-Reġjun Diġitali ta' South Yorkshire, il-premessi 21 u 29 dwar miżura parzjalment iffinanzjata mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), (ĠU C 80, 13.4.2007, p. 2). Rigward il-finanzjament għall-produzzjoni ta' prodotti agrikoli u l-kummerċ fihom, il-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat huwa limitat mill-Artikolu 42 tat-Trattat.

([94]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Jannar 1978, *Van Tiggele*, 82/77, ECLI:UE:C:1978:10, paragrafi 25 u 26.

([95]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta-13 ta' Marzu 2001 *PreussenElektra*, C-379/98, ECLI:UE:C:2001:160, paragrafi 59 sa 62. Il-Qorti sostniet li l-impożizzjoni ta' obbligu ta' xiri fuq impriżi privati ma tikkostitwixxix trasferiment dirett jew indirett ta' riżorsi tal-Istat u li din il-kwalifika ma tinbidilx minħabba dħul aktar baxx tal-impriżi soġġetti għal dan l-obbligu li x'aktarx jikkawża tnaqqis ta' dħul mit-taxxa minħabba li din tikkostitwixxi karatteristika inerenti tal-miżura. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Marzu 2009, *UTECA*,C-222/07, ECLI:UE:C:2009:124, paragrafi 43 sa 47, dwar kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti fuq ix-xandara favur produzzjoni tal-films li ma jinvolvux trasferiment ta' riżorsi tal-Istat.

64. Pereżempju, dan huwa l-każ anki meta entità privata tkun maħtura bil-liġi biex tiġbor dawn l-imposti f'isem l-Istat u biex tgħaddihom lill-benefiċjarji, iżda ma tkunx permessa tuża d-dħul mill-imposti għal skopijiet oħra għajr dawk previsti mil-liġi. F'dan il-każ, l-ammonti inkwistjoni jibqgħu taħt kontroll pubbliku u għalhekk huma disponibbli għall-awtoritajiet nazzjonali, li hija raġuni biżżejjed biex dawn jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat ([96]). Billi dan il-prinċipju japplika kemm għall-korpi pubbliċi kif ukoll għall-entitajiet privati maħtura biex jiġbru l-imposti u jipproċessaw il-pagamenti, it-tibdil fl-istatus tal-intermedjarju minn korp pubbliku għal entità privata ma għandu l-ebda rilevanza għall-kriterju tar-riżorsi tal-Istat jekk l-Istat ikompli jimmonitorja b'mod strett din l-entità ([97]).

65. Barra minn hekk, mekkaniżmu ta' tpaċija kompleta tal-kostijiet addizzjonali imposti fuq impriżi minħabba obbligu ta' xiri ta' prodott mingħand ċerti fornituri bi prezz ogħla mill-prezz tas-suq li huwa ffinanzjat mill-konsumaturi finali kollha ta' dan il-prodott jikkostitwixxi wkoll intervent permezz ta' riżorsi tal-Istat, anki meta dan il-mekkaniżmu jkun parzjalment ibbażat fuq trasferiment dirett ta' riżorsi bejn entitajiet privati ([98]).

## 4. VANTAĠĠ

### 4.1. Il-kunċett ta' vantaġġ b'mod ġenerali

66. Vantaġġ skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat huwa kull benefiċċju ekonomiku li impriża ma setgħetx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, jiġifieri fin-nuqqas ta' intervent mill-Istat ([99]). Taqsima 4.2 ta' din il-Komunikazzjoni tipprovdi gwida dettaljata dwar il-kwistjoni ta' jekk benefiċċju jistax jitqies bħala miksub taħt kundizzjonijiet tas-suq normali.

67. L-effett tal-miżura fuq l-impriża biss huwa rilevanti, u mhux il-kawża jew l-objettiv tal-intervent tal-Istat ([100]). Kull meta s-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża tittejjeb bħala riżultat ta' intervent mill-Istat ([101]) fuq termini li jkunu differenti mill-kundizzjonijiet tas-suq normali, ikun hemm vantaġġ. Biex jiġi evalutat dan, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża wara l-miżura għandha tiġi mqabbla mas-sitwazzjoni finanzjarja kieku l-miżura ma tkunx ittieħdet ([102]). Minħabba li l-effett tal-miżura fuq l-impriża biss huwa importanti, huwa irrilevanti jekk il-vantaġġ huwiex obbligatorju għall-impriża jiġifieri jekk ma setgħetx tevitah jew tirrifjutah ([103]).

68. Il-forma preċiża tal-miżura hija wkoll irrilevanti biex jiġi stabbilit jekk tagħtix vantaġġ ekonomiku lill-impriża ([104]). L-għoti ta' vantaġġi ekonomiċi pożittivi huwa mhux biss rilevanti għall-kunċett ta' għajnuna mill-Istat, iżda l-ħelsien minn piżijiet ekonomiċi ([105]) jista' wkoll jikkostitwixxi vantaġġ. Din tal-aħħar hija kategorija

([96]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Lulju 2008 *Essent Netwerk Noord*, C-206/06, ECLI:UE:C:2008:413, paragrafi 69 sa 75.

([97]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2011 dwar miżura ta' għajnuna mill-Istat C 24/09 (ex N 446/08) — Għajnuna mill-Istat lin-negozji konċentrati fl-enerġija skont l-Att dwar l-Enerġija Ekoloġika fl-Awstrija, (ĠU L 235, 10.9.2011, p. 42), premessa 76.

([98]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2013, *Vent de Colère et al*, C-262/12, ECLI:UE:C:2013:851, paragrafi 25 u 26.

([99]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1996, *SFEI et al*, C-39/94, ECLI:UE:C:1996:285, paragrafu 60; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 1999, *Spanja vs il-Kummissjoni*, C-342/96, ECLI:UE:C:1999:210, paragrafu 41.

([100]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *l-Italja vs Il-Kummissjoni*, 173/73, ECLI:UE:C:1974:71, paragrafu13.

([101]) It-terminu "interventi mill-Istat" ma tirreferix biss għal azzjonijiet pożittivi mill-Istat iżda tkopri wkoll il-fatt li l-awtoritajiet ma għandhomx jieħdu miżuri f'ċerti ċirkostanzi, pereżempju biex jinfurzaw id-djun. Ara pereżempju s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Ottubru 2000, *Magefesa*, C-480/98, ECLI:EU:C:2000:559, paragrafi 19 u 20.

([102]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *l-Italja vs il-Kummissjoni*, 173/73, ECLI:UE:C:1974:71 paragrafu 13.

([103]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/339/KE tal-15ta' Ottubru 2003 dwar il-miżuri implimentati mill-Italja għar-RAI SpA, (ĠU L 119, 23.4.2004, p. 1), premessa 69; Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Fennelly tas-26 ta' Novembru 1998, *Franza vs Il-Kummissjoni* C-251/97, ECLI:UE:C:1998:572, paragrafu 26.

([104]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003 *Altmark Trans*, C-280/00, ECLI:UE:C:2003:415, paragrafu 84.

([105]) Bħal, pereżempju, vantaġġi fiskali jew tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

wiesgħa li tinkludi kull mitigazzjoni tal-imposti normalment inklużi fil-baġit ta' impriża ([106]). Dan ikopri s-sitwazzjonijiet kollha li fihom l-operaturi ekonomiċi jinħelsu mill-kostijiet inerenti tal-attivitajiet ekonomiċi tagħhom ([107]). Pereżempju, jekk Stat Membru jħallas parti mill-kostijiet tal-impjegati ta' impriża speċifika, li teħles lill-impriża mill-kostijiet li huma inerenti tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha. Jeżisti wkoll vantaġġ meta l-awtoritajiet pubbliċi jħallsu żieda fis-salarju lill-ħaddiema ta' impriża speċifika, anki jekk l-impriża ma kellha ebda obbligu legali li tħallas tali żieda ([108]). Dan ikopri wkoll sitwazzjonijiet fejn xi operaturi ma jkollhomx iġarrbu l-kostijiet li normalment operaturi oħra komparabbli jġarrbu skont ordni ġuridiku partikolari, tkun xi tkun in-natura mhux ekonomika tal-attività li magħhom huma marbutin il-kostijiet ([109]).

69. Kostijiet li jirriżultaw minn obbligi regolatorji imposti mill-Istat ([110]) jistgħu, fil-prinċipju, jitqiesu bħala li jirrigwardaw il-kostijiet inerenti tal-attività ekonomika, sabiex kull kumpens għal dawn il-kostijiet jagħti vantaġġ lill-impriża ([111]). Dan ifisser li l-eżistenza ta' vantaġġ fil-prinċipju mhijiex eskluża mill-fatt li l-benefiċċju ma jmurx lil hinn mill-kumpens għal kost li joriġina mill-impożizzjoni ta' obbligu regolatorju. L-istess japplika għall-eżenzjoni ta' kostijiet li l-impriża ma kienx ikollha li kieku ma kien hemm l-ebda inċentiv li joriġina mill-miżura tal-Istat minħabba li mingħajr dan l-inċentiv din kienet twettaq l-attivitajiet tagħha b'mod differenti ([112]). L-eżistenza ta' vantaġġ mhijiex eskluża wkoll jekk miżura tikkumpensa imposti ta' natura differenti li mhumiex marbutin ma' din il-miżura ([113]).

70. Fir-rigward ta' kumpens għall-kostijiet imġarrba biex jiġi fornut servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, il-Qorti għamlitha ċara fis-Sentenza *Altmark* li l-għoti ta' vantaġġ jista' jiġi eskluż jekk jiġu ssodisfati erba' kundizzjonijiet kumulattivi ([114]). L-ewwel nett, l-impriża benefiċjarja jrid ikollha obbligi ta' servizz pubbliku xi twettaq, u l-obbligi jridu jkunu definiti b'mod ċar. It-tieni, il-parametri li abbażi tagħhom jiġi kkalkulat il-kumpens iridu jiġu stabbiliti minn qabel b'mod oġġettiv u trasparenti. It-tielet, il-kumpens ma jistax jaqbeż dak li huwa meħtieġ biex ikopri l-kostijiet kollha jew parti mill-kostijiet kkawżati fit-twettiq tal-obbligi tas-servizz pubbliku, filwaqt li jkun ikkunsidrat id-dħul rilevanti u profitt raġonevoli. Ir-raba', meta l-impriża li tkun se twettaq l-obbligi tas-servizz pubbliku ma tkunx intgħażlet skont proċedura tal-akkwist pubbliku biex tagħżel offerent li jkun kapaċi jipprovdi dawn is-servizzi li jiswew l-inqas lill-komunità, il-livell ta' kumpens meħtieġ irid jiġi ddeterminat abbażi ta' analiżi tal-kostijiet li ġġarrab impriża tipika, li tkun immexxija tajjeb u li jkollha biżżejjed mezzi sabiex tkun tista' tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa tas-servizz pubbliku, li tkun ġarrbet fit-twettiq ta' dawn l-obbligi, filwaqt li jitqies id-dħul rilevanti u profitt raġonevoli biex jitwettqu l-obbligi. Il-Kummissjoni kompliet

([106]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Marzu 1994, *Banco Exterior de España*, C-387/92, ECLI:UE:C:1994:100, paragrafu 13; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2000, *Il-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, C-156/98, ECLI:UE:C:2000:467, paragrafu 25. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 1999, *l-Italja vs il-Kummissjoni*, C-6/97, ECLI:UE:C:1999:251, paragrafu 15; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 2005 *Heiser*, C-172/03, ECLI:UE:C:2005:130, paragrafu 36.

([107]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Novembru 2003, *GEMO SA*, C-126/01, ECLI:UE:C:2003:622, paragrafi 28 sa 31 dwar il-ġbir u r-rimi tal-iskart mingħajr ħlas.

([108]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Settembru 1996, *Franza* vs *Il-Kummissjoni*, C-241/94, ECLI:UE:C:1996:353, paragrafu 40; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Diċembru 2002, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, C-5/01, ECLI:UE:C:2002:754, paragrafi 38 u 39; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Settembru 2012, *Corsica Ferries France SAS vs Il-Kummissjoni*, T-565/08, ECLI:UE:T:2012:415, paragrafi 137 u 138, ikkonfermata bl-appell, ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Settembru 2014, *SNCM u Franza vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-533/12 P u C-536/12 P, ECLI:UE:C:2014:2142.

([109]) Ara l-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru, (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3), premessa 37.

([110]) Fir-rigward tas-settur agrikolu, eżempji ta' impożizzjoni ta' obbligu regolatorju jkunu kontrolli u verifiki veterinarji jew tas-sikurezza tal-ikel li huma imposti fuq il-produtturi agrikoli. B'kuntrast ma' dan, il-kontrolli u t-testijiet imwettqa u ffinanzjati minn korpi pubbliċi u mhux preskritti bil-liġi biex jitwettqu jew jiġu ffinanzjati mill-produtturi agrikoli mhumiex ikkunsidrati bħala obbligi regolatorji imposti fuq l-impriżi. Ara d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-18 ta' Settembru 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.35484, testijiet tal-kwalità tal-ħalib skont il-Liġi tal-Ħalib u x-Xaħam u tal-4 ta' April 2016 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.35484, attivitajiet ta' kontroll tal-kura tas-saħħa ġenerali skont il-Liġi tal-Ħalib u x-Xaħam.

([111]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2015, Il-*Belġju vs Il-Kummissjoni*, T-538/11, ECLI:UE:T:2015:188, paragrafi 74 sa 78.

([112]) Pereżempju, jekk kumpanija tirċievi sussidju sabiex tagħmel investiment f'reġjun assistit, ma jfissirx li dan ma jnaqqasx il-kostijiet li normalment ikunu inklużi fil-baġit tal-impriża sakemm fin-nuqqas tas-sussidju, il-kumpanija ma kinitx twettaq l-investiment.

([113]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Diċembru 2011, *Franza Télécom SA vs il-Kummissjoni*, C-88/10 P, ECLI:UE:C:2011:811, paragrafu 43 sa 50. Dan loġikament japplika għall-eżenzjoni mill-kostijiet li jkunu saru minn impriża li tissostitwixxi l-istatus ta' uffiċjali li għandhom l-istatus ta' impjegati mqabbla ma' dak tal-kompetituri tagħha, li tagħti vantaġġ lill-impriża kkonċernata (li dwarha kien hemm xi inċertezza preċedenti wara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Marzu 2004, *Danske Busvognmoend vs Il-Kummissjoni* T-157/01, ECLI:UE:T:2004:76, paragrafu 57). Dwar il-kumpens għal kostijiet mhux rekuperabbli, ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Frar 2009, *Iride SpA u Iride Energia SpA vs Il-Kummissjoni* T-25/07, ECLI:EU:T:2009:33, paragrafi 46 sa 56.

([114]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans*, C-280/00, ECLI:UE:C:2003:415, paragrafi 87 sa 95.

telabora dwar kif hija tifhem dawn il-kundizzjonijiet fil-Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat għall-kumpens mogħti għall-provvediment ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali ([115]).

71. L-eżistenza ta' vantaġġ tiġi eskluża fil-każ ta' rimborż ta' taxxi imposti b'mod illegali ([116]), obbligu għall-awtoritajiet nazzjonali biex jikkumpensaw għall-ħsara li jkunu kkawżaw lil ċerti impriżi ([117]) jew il-pagament ta' kumpens għal esproprjazzjoni ([118]).

72. L-eżistenza ta' vantaġġ mhijiex eliminata minħabba s-sempliċi fatt li l-impriżi li jikkompetu fi Stati Membri oħra huma f'pożizzjoni aktar favorevoli ([119]), għax il-kunċett ta' vantaġġ huwa bbażat fuq analiżi tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' impriża fil-kuntest legali u fattwali tagħha stess bil-miżura partikolari u mingħajrha.

## 4.2. It-test tal-operatur tal-ekonomija tas-suq (OES)

### 4.2.1. *Introduzzjoni*

73. L-ordni ġuridiku tal-Unjoni huwa newtrali f'dak li jirrigwarda d-dritt għall-proprjetà ([120]) u bl-ebda mod ma jippreġudika d-dritt tal-Istati Membri biex jaġixxu bħala operaturi ekonomiċi. Madankollu, meta l-awtoritajiet pubbliċi direttament jew indirettament iwettqu tranżazzjonijiet ekonomiċi f'kull forma ([121]), huma soġġetti għal regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

74. Tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa minn korpi pubbliċi (inklużi impriżi pubbliċi) ma jagħtux vantaġġ fuq l-kontroparti tagħhom, u għalhekk ma jikkostitwixxux għajnuna, jekk jitwettqu skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq ([122]). Dan il-prinċipju ġie żviluppat fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ekonomiċi differenti. Il-qrati tal-Unjoni żviluppaw il-"*prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq*" li jidentifika l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat f'każijiet ta' investiment pubbliku (b'mod partikolari, injezzjonijiet ta' kapital): biex jiġi determinat jekk l-investiment ta' korp pubbliku jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat, jeħtieġ li jiġi vvalutat jekk, f'ċirkostanzi simili, investitur privat ta' daqs komparabbli li jopera f'kundizzjonijiet normali tal-ekonomija tas-suq setax tħajjar biex jagħmel l-investiment inkwistjoni ([123]). Bl-istess mod, il-qrati tal-Unjoni żviluppaw it-"*test tal-kreditur privat*" biex jiġi eżaminat jekk negozjati mill-ġdid tad-dejn mill-kredituri pubbliċi jinvolvux għajnuna mill-Istat, billi titqabbel l-imġiba ta' kreditur pubbliku ma' dik ta' kredituri privati ipotetiċi li jsibu lilhom infushom f'sitwazzjoni simili ([124]). Fl-aħħar nett, il-qrati tal-Unjoni żviluppaw it-"*test tal-bejjiegħ privat*" biex jivvalutaw jekk il-bejgħ li jagħmel korp pubbliku jinvolvix għajnuna mill-Istat, filwaqt li jiġi kkunsidrat jekk bejjiegħ privat, skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq, setax jikseb l-istess prezz jew wieħed aħjar ([125]).

---

([115]) ĠU C 8, 11.1.2012, p. 4.

([116]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Marzu 1980 *Amministrazione delle finanze dello Stato*, 61/79, ECLI:UE:C:1980:100, paragrafi 29 sa 32.

([117]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Settembru 1988, *Asteris AE et al* vs *Il-Greċja*, Kawżi Magħquda 106 sa 120/87, ECLI:UE:C:1988:457, paragrafi 23 u 24.

([118]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Lulju 2010, *Nuova Terni Industrie Chimiche SpA vs Il-Kummissjoni* T-64/08, ECLI:UE:T:2010:270, paragrafi 59 sa 63 u 140 sa 141, li tiċċara li filwaqt li l-pagament ta' kumpens għal esproprjazzjoni ma jagħtix vantaġġ, estensjoni *ex post* ta' kumpens bħal dan tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat.

([119]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Lulju 1974, *l-Italja vs Il-Kummissjoni*, 173/73, ECLI:UE:C:1974:71, paragrafu 17. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2000, *Confederación Espanola de Transporte de Mercancías vs Il-Kummissjoni*, T-55/99, ECLI:UE:T:2000:223, paragrafu 85.

([120]) L-Artikolu 345 tat-Trattat jipprevedi li "*It-Trattati għandhom ikunu bla ebda preġudizzju għas-s-sistema ta' proprjetà fl-Istati Membri*".

([121]) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, 40/85, ECLI:UE:C:1986:305, paragrafu 12.

([122]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1996 *SFEI et al*, C-39/94, ECLI:UE:C:1996:285, paragrafi 60 u 61.

([123]) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 1990, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, ("*Tubemeuse*"), C-142/87, ECLI:UE:C:1990:125, paragrafu 29; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 1991, *l-Italja vs Il-Kummissjoni* ("*Alfa Romeo*"), C-305/89, ECLI:UE:C:1991:142, paragrafi 18 u 19; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 1998, *Cityflyer Express* vs *Il-Kummissjoni*, T-16/96, ECLI:UE:T:1998:78, paragrafu 51; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Jannar 1999, *Neue Maxhütte Stahlwerke u Lech-Stahlwerke vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-129/95, T-2/96 u T-97/96, ECLI:UE:T:1999:7, paragrafu 104; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2003, *Westdeutsche Landesbank Girozentrale u Land Nordrhein-Westfalen vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-228/99 u T-233/99, ECLI:UE:T:2003:57.

([124]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2007, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, C-525/04 P, ECLI:UE:C:2007:698; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Jannar 2013, *Frucona* vs *Il-Kummissjoni*, C-73/11 P, ECLI:UE:C:2013:32; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 1999, *DMTransport*, C-256/97, ECLI:UE:C:1999:332.

([125]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2012, *Il-Land Burgenland u l-Awstrija vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-268/08 u T-281/08, ECLI:UE:T:2012:90.

75. Dawn it-testijiet huma varjazzjonijiet tal-istess kunċett bażiku li l-imġiba tal-korpi pubbliċi għandha titqabbel ma' dik ta' operaturi ekonomiċi privati simili taħt kundizzjonijiet tas-suq normali biex jiġi determinat jekk it-tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa minn dawn il-korpi jagħtux vantaġġ lill-kontropartijiet tagħhom. F'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni għalhekk se tirreferi, f'termini ġenerali, għat-test tal-"*operatur fl-ekonomija tas-suq*" (OES) bħala l-metodu rilevanti li jivvaluta jekk firxa ta' tranżazzjonijiet ekonomiċi mwettqa minn korpi pubbliċi sseħħx taħt kundizzjonijiet normali tas-suq u, għalhekk, jekk dawn jinvolvux l-għoti ta' vantaġġ (li ma kienx iseħħ f'kundizzjonijiet normali tas-suq) lill-kontropartijiet tagħhom. Il-prinċipji ġenerali u l-kriterji rilevanti għall-applikazzjoni tat-test tal-OES huma stabbiliti fit-Taqsimiet 4.2.2. u 4.2.3.

4.2.2. *Prinċipji ġenerali*

76. L-iskop tat-test tal-OES huwa li jivvaluta jekk l-Istat tax vantaġġ lil impriża billi ma aġixxiex bħala operatur f'ekonomija tas-suq fir-rigward ta' ċerta tranżazzjoni. F'dan ir-rigward, mhuwiex rilevanti jekk l-intervent jikkostitwixxix mezz razzjonali għall-korpi pubbliċi biex isegwu kunsiderazzjonijiet ta' politika pubblika (pereżempju l-impjiegi). Bl-istess mod, il-profittabbiltà jew in-nuqqas ta' profittabbiltà tal-benefiċjarju ma tkunx fiha nnifisha indikatur deċiżiv biex jiġi stabbilit jekk it-tranżazzjoni ekonomika inkwistjoni hijiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. L-element deċiżiv huwa jekk il-korpi pubbliċi aġixxew bħala operatur fl-ekonomija tas-suq f'sitwazzjoni simili. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-impriża benefiċjarja tkun irċeviet vantaġġ ekonomiku li kieku ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq ([126]), li jqiegħda f'pożizzjoni aktar vantaġġuża meta mqabbla ma' dik tal-kompetituri tagħha ([127]).

77. Għall-fini tat-test tal-OES, huwa biss il-benefiċċji u l-obbligi marbuta mar-rwol tal-Istat bħala operatur ekonomiku biss — bl-esklużjoni ta' dawk marbuta mar-rwol tiegħu bħala awtorità pubblika — li għandhom jiġu kkunsidrati ([128]). Fil-fatt, it-test tal-OES mhuwiex normalment applikabbli jekk l-Istat jaġixxi bħala awtorità pubblika u mhux bħala operatur ekonomiku. Pereżempju, jekk intervent ta' Stat ikun ir-riżultat ta' raġunijiet ta' politika pubblika (pereżempju, għal raġunijiet ta' żvilupp soċjali jew reġjonali), l-aġir tal-Istat, filwaqt li jkun razzjonali minn perspettiva ta' politika pubblika, jista' fl-istess ħin jinkludi kunsiderazzjonijiet li operatur f'ekonomija tas-suq normalment ma jikkunsidrax. Għaldaqstant, it-test tal-OES għandu jiġi applikat billi jitwarrbu l-kunsiderazzjonijiet kollha li jirrigwardaw esklussivament ir-rwol ta' Stat Membru bħala awtorità pubblika (pereżempju kunsiderazzjonijiet ta' politika soċjali, reġjonali jew settorjali) ([129]).

78. Jekk intervent mill-Istat huwiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq irid jiġi eżaminat fuq bażi *ex ante*, waqt li titqies l-informazzjoni disponibbli fiż-żmien li ġie deċiż l-intervent ([130]). Fil-fatt, kull operatur prudenti fl-ekonomija taċs-suq normalment iwettaq il-valutazzjoni *ex ante* tiegħu stess tal-istrateġija u tal-prospetti finanzjarji ta' proġett ([131]), pereżempju, permezz ta' pjan ta' direzzjoni tan-negozju. Mhuwiex biżżejjed li wieħed

([126]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2003, *Westdeutsche Landesbank Girozentrale u Land Nordrhein-Westfalen vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-228/99 u T-233/99, ECLI:UE:T:2003:57 paragrafu 208.

([127]) Ara, f'dan ir-rigward, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs EDF*, C-124/10 P, ECLI:UE:C:2012:318, paragrafu 90; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Marzu 1994, *Banco Exterior de España*, C-387/92, ECLI:UE:C:1994:100, paragrafu 14; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Mejju 1999, *l-Italja vs il-Kummissjoni*, C-6/97, ECLI:UE:C:1999:251 paragrafu 16.

([128]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs EDF*, C-124/10 P, ECLI:UE:C:2012:318, paragrafi 79 sa 81; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Il-Belġju vs il-Kummissjoni*, C-234/84, ECLI:UE:C:1986:302, paragrafu 14. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Il-Belġju vs il-Kummissjoni*, C-40/85, ECLI:UE:C:1986:305, paragrafu 13; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 1994, *Spanja* vs *Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-278/92 sa C-280/92, ECLI:UE:C:1994:325, paragrafu 22; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-28 ta' Jannar 2003, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-334/99, ECLI:UE:C:2003:55, paragrafu 134.

([129]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs EDF*, C-124/10 P, ECLI:UE:C:2012:318, paragrafi 79, 80 u 81; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Il-Belġju vs il-Kummissjoni*, C-234/84, ECLI:UE:C:1986:302, paragrafu 14. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Il-Belġju vs il-Kummissjoni*, C-40/85, ECLI:UE:C:1986:305, paragrafu 13; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Settembru 1994, *Spanja* vs *Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-278/92 sa C-280/92, ECLI:UE:C:1994:325, paragrafu 22; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Jannar 2003, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-334/99, ECLI:UE:C:2003:55, paragrafu 134; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2003, *Westdeutsche Landesbank Girozentrale u Land Nordrhein-Westfalen vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-228/99 u T-233/99, ECLI:UE:T:2003:57; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Settembru 2008, *Kahla Thüringen Porzellan vs Il-Kummissjoni*, T-20/03, ECLI:UE:T:2008:395; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Ottubru 2002, *Linde* vs *Il-Kummissjoni*, T-98/00, ECLI:EU:T:2002:248.

([130]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs EDF*, C-124/10 P, ECLI:UE:C:2012:318, paragrafi 83, 84 u-85 u 105; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2002, *Franza* vs *Il-Kummissjoni (Stardust)*, C-482/99, ECLI:UE:C:2002:294, paragrafi 71 u 72; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' April 1998, *Cityflyer Express vs Il-Kummissjoni*, T-16/96, ECLI:UE:T:1998:78, paragrafu 76.

([131]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs EDF*, C-124/10 P, ECLI:UE:C:2012:318, paragrafi 82 sa-85 u 105.

jiddependi fuq l-evalwazzjonijiet ekonomiċi *ex post* li jinvolvu riżultat retrospettiv li l-investiment magħmul mill-Istat Membru kkonċernat kien fil-fatt irendi ([132]).

79. Jekk Stat Membru jsostni li aġixxa bħala operatur f'ekonomija tas-suq, fejn hemm dubju, irid jipprovdi evidenza li turi li d-deċiżjoni li jwettaq it-tranżazzjoni kienet meħuda, fuq il-bażi ta' evalwazzjonijiet ekonomiċi komparabbli ma' dawk li, f'ċirkostanzi simili, operatur tal-ekonomija tas-suq razzjonali (b'karatteristiċi simili għal dawk tal-korp pubbliku ikkonċernat) kien ikollu jwettaq sabiex jiddetermina l-profittabilità jew il-vantaġġi ekonomiċi tat-tranżazzjoni ([133]).

80. Il-fatt jekk tranżazzjoni tkunx konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq ird jiġi stabbilit permezz ta' valutazzjoni globali tal-effetti tat-tranżazzjoni fuq l-impriża kkonċernata mingħajr ma jiġi kkunsidrat jekk il-mezzi speċifiċi użati biex titwettaq din it-tranżazzjoni jkunux disponibbli għall-operaturi f'ekonomija tas-suq. Pereżempju, l-applikabbiltà tat-test tal-OES ma tistax tiġi eskluża sempliċiment minħabba li l-mezzi użati mill-Istat huma ta' natura fiskali ([134]).

81. F'ċerti każijiet, diversi miżuri konsekuttivi ta' intervent mill-Istat jistgħu, għall-iskopijiet tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, ikunu meqjusa bħala intervent wieħed. Dan jista' jkun il-każ, b'mod partikolari, meta l-interventi konsekuttivi jkunu marbutin ma' xulxin mill-qrib, speċjalment wara li tiġi kkunsidrata l-kronoloġija tagħhom, l-iskop tagħhom u ċ-ċirkostanzi tal-impriża meta saru dawn l-interventi, li huma inseparabbli ([135]). Pereżempju, bosta interventi tal-Istat li jsiru fir-rigward tal-istess impriża f'perjodu ta' żmien relattivament qasir, ikunu marbuta ma' xulxin, jew kienu kollha previsti jew prevedibbli meta sar l-ewwel intervent, jistgħu jiġu vvalutati bħala intervent wieħed. Min-naħa l-oħra, meta l-intervent li jkun sar aktar tard ikun riżultat ta' avvenimenti mhux previsti fiż-żmien tal-intervent preċedenti ([136]) iż-żewġ miżuri normalment għandhom jiġu vvalutati b'mod separat.

82. Biex jiġi vvalutat jekk ċerti tranżazzjonijiet humiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq għandhom jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ partikolari. Pereżempju, jista' jkun hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom ix-xiri ta' merkanzija jew servizzi minn awtorità pubblika, anki jekk isir bi prezzijiet tas-suq, jista' ma jiġix ikkunsidrat konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq ([137]).

### 4.2.3. *L-istabbiliment tal-konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq*

83. Meta jiġi applikat it-test tal-OES, ikun utli li ssir distinzjoni bejn sitwazzjonijiet li fihom il-konformità tat-tranżazzjoni mal-kundizzjonijiet tas-suq tista' tiġi stabbilita direttament permezz ta' dejta tas-suq speċifika għat-tranżazzjoni u sitwazzjonijiet li fihom, minħabba n-nuqqas ta' dejta bħal din, il-konformità tat-tranżazzjoni mal-kundizzjonijiet tas-suq għandha tiġi vvalutata abbażi ta' metodi oħra disponibbli.

([132]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs EDF*, C-124/10 P, ECLI:UE:C:2012:318, paragrafu 85.

([133]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni* vs *EDF*, C-124/10 P, ECLI:UE:C:2012:318, paragrafi 82 sa 85. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 2013, *Land Burgenland* vs *Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-214/12 P, C-215/12 Pau C-223/12 P, ECLI:UE:C:2013:682, paragrafu 61. Il-livell ta' sofistikazzjoni ta' valutazzjoni *ex ante* bħal din jista' jvarja skont il-kumplessità tat-tranżazzjoni kkonċernata u l-valur tal-assi, il-merkanzija jew is-servizzi involuti. Normalment, dawn l-evalwazzjonijiet *ex ante* għandhom jitwettqu bl-appoġġ ta' esperti b'ħiliet u esperjenza xierqa. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom ikunu dejjem ibbażati fuq kriterji oġġettivi u ma għandhomx jiġu affettwati minn kunsiderazzjonijiet ta' politika. Evalwazzjonijiet imwettqa minn esperti indipendenti jistgħu jipprovdu korroborazzjoni addizzjonali għall-kredibbiltà tal-valutazzjoni.

([134]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ġunju 2012, *Il-Kummissjoni vs EDF*, C-124/10 P, ECLI:UE:C:2012:318, paragrafu 88.

([135]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Marzu 2013, *Bouygues and Bouygues Télécom* vs *Il-Kummissjoni et al*, Kawżi Magħquda C-399/10 P u C-401/10 P, ECLI:UE:C:2013:175, paragrafu 104; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010, *Il-Greċja et al vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-415/05, T-416/05 u T-423/05, ECLI:UE:T:2010:386, paragrafu 177; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 1998, *BP Chemicals* vs *Il-Kummissjoni*, T-11/95, ECLI:UE:T:1998:199, paragrafi 170 u 171.

([136]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2012 fil-Kawża SA.35378 Finanzjament tal-Ajruport ta' Berlin Brandenburg, il-Ġermanja, (ĠU C 36, 8.2.2013, p. 10), premessi 14 sa 33.

([137]) Fis-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Jannar 1999, *BAI vs Il-Kummissjoni*, T-14/96, ECLI:UE:T:1999:12, paragrafi 74sa 79, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li, fid-dawl taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-każ, jista' jiġi konkluż li x-xiri ta' vawċers tal-ivvjaġġar mill-awtoritajiet nazzjonali tal-P&O Ferries ma ssodisfawx bżonn reali, u b'hekk l-awtoritajiet nazzjonali ma aġixxewx b'mod simili għall-operatur privat taħt kundizzjonijiet normali tal-ekonomija tas-suq. Għaldaqstant, dan ix-xiri ta vantaġġ lil P&O Ferries li kieku ma kinitx tikseb taħt kundizzjonijiet normali tas-suq u l-ammonti mħallsa kollha fl-issodisfar tal-ftehim tax-xiri kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat.

### 4.2.3.1. Każijiet fejn il-konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq tista' tiġi stabbilita direttament

84. Il-konformità ta' tranżazzjoni mal-kundizzjonijiet tas-suq tista' tiġi stabbilita direttament permezz ta' informazzjoni tas-suq speċifika għat-tranżazzjoni fis-sitwazzjonijiet li ġejjin

(i) meta t-tranżazzjoni ssir "*pari passu*" minn entitajiet pubbliċi u operaturi privati; jew

(ii) fil-każ li din tikkonċerna l-bejgħ u x-xiri ta' assi, merkanzija u servizzi (jew tranżazzjonijiet komparabbli) imwettqa permezz ta' proċedura għall-offerti kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorju u inkondizzjonat.

85. F'każijiet bħal dawn, jekk l-informazzjoni tas-suq speċifika dwar it-tranżazzjoni turi li din mhijiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, normalment ma jkunx xieraq li jintużaw metodoloġiji ta' valutazzjoni oħra biex tintlaħaq konklużjoni differenti ([138]).

(i) Tranżazzjonijiet *pari passu*

86. Meta tranżazzjoni titwettaq taħt l-istess termini u kundizzjonijiet (u għalhekk bl-istess livell ta' riskju u benefiċċji) minn korpi pubbliċi u operaturi privati li huma f'sitwazzjoni komparabbli (tranżazzjoni "*pari passu*") ([139]), kif jista' jiġri fi sħubijiet pubbliċi-privati, normalment jista' jiġi inferit li tali tranżazzjoni tkun konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq ([140]). B'kuntrast, jekk korp pubbliku u l-operaturi privati li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli jieħdu sehem fl-istess tranżazzjoni fl-istess żmien iżda taħt termini jew kundizzjonijiet differenti, dan normalment jindika li l-intervent tal-korp pubbliku mhuwiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq ([141]).

87. B'mod partikolari, biex tranżazzjoni tiġi kkunsidrata "*pari passu*", għandhom jiġu vvalutati l-kriterji li ġejjin:

(a) jekk l-intervent tal-korpi pubbliċi u l-operaturi privati huwiex deċiż u mwettaq fl-istess żmien jew jekk sarux fi żmien differenti u tibdil fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi bejn dawn l-interventi;

(b) jekk it-termini u l-kundizzjonijiet tat-tranżazzjoni humiex l-istess għall-korpi pubbliċi u l-operaturi privati kollha involuti, b'kunsiderazzjoni wkoll għall-possibbiltà li qed jiżdied jew jitnaqqas il-livell ta' riskju matul iż-żmien;

(c) jekk l-intervent tal-operaturi privati għandux sinifikat ekonomiku reali u mhux sempliċement simboliku jew marġinali ([142]); kif ukoll

([138]) Ara wkoll f'dan ir-rigward, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 2013, *Land Burgenland* vs *Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-214/12 P, C-215/12 P C-223/12 P, ECLI:UE:C:2013:682, paragrafi 94 u 95. F'dan il-każ, il-Qorti ddeċidiet b'mod partikolari li, meta awtorità pubblika tipproċedi biex tbigħ impriża permezz ta' offerta proprja, jista' jiġi preżunt li l-prezz tas-suq jikkorrispondi mal-ogħla offerta (vinkolanti u kredibbli), mingħajr ma jkun meħtieġ li wieħed jirrikorri għal metodi oħra ta' valutazzjoni, bħal studji indipendenti.

([139]) It-termini u l-kundizzjonijiet ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala l-istess jekk il-korpi pubbliċi u l-operaturi privati jintervjenu fuq l-istess termini iżda f'mumenti differenti, wara bidla fis-sitwazzjoni ekonomika li tkun rilevanti għat-tranżazzjoni.

([140]) Ara, f'dan ir-rigward, is-Sentenza tal-Qorti tat-12 ta' Diċembru 2000, *Alitalia vs Il-Kummissjoni*, T-296/97, ECLI:UE:T:2000:289, paragrafu 81.

([141]) Madankollu, jekk it-tranżazzjonijiet ikunu differenti u ma jsirux fl-istess ħin, is-sempliċi fatt li t-termini u l-kundizzjonijiet ikunu differenti ma jipprovdi l-ebda indikazzjoni deċiżiva (pożittiva jew negattiva) dwar jekk it-tranżazzjoni mwettqa mill-korp pubbliku hijiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq.

([142]) Pereżempju, fil-każ ta' Citynet Amsterdam, il-Kummissjoni kienet tal-fehma li żewġ operaturi privati li ħadu terz tal-investimenti ta' ekwità totali f'kumpanija (wara li ġiet ikkunsidrata wkoll l-istruttura azzjonarja globali u l-fatt li l-ishma tagħhom huma suffiċjenti biex jiffurmaw minoranza li timblokka fir-rigward ta' kull deċiżjoni strateġika tal-kumpanija) jistgħu jitqiesu bħala ekonomikament sinifikanti (ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/729/KE tal-11 ta' Diċembru 2007 dwar l-għajnuna mill-Istat C53/2006 Citynet Amsterdam, in-Netherlands, (ĠU L 247, 16.9.2008, p. 27), premessi 96-100). B'kuntrast ma' dan, fil-Kawża N429/2010 tal-Bank Agrikolu tal-Greċja (ATE), (ĠU C 317, 29.10.2011, p. 5), il-parteċipazzjoni privata laħqet biss l-10 % tal-investiment, kuntrarju għad-90 % tal-parteċipazzjoni mill-Istat, sabiex b'hekk il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet "*pari passu*" ma ġewx issodisfati, minħabba li l-kapital injettat mill-Istat la kien akkumpanjat minn parteċipazzjoni komparabbli ta' azzjonist privat u lanqas ma kien proporzjonat għan-numru ta' ishma miżmuma mill-Istat. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2000, *Alitalia vs Il-Kummissjoni*, T-296/97, ECLI:UE:T:2000:289, paragrafu 81.

(d) jekk il-pożizzjoni tal-bidu tal-korpi pubbliċi u l-operaturi privati involuti hijiex komparabbli fir-rigward tat-tranżazzjoni, filwaqt li jitqiesu, pereżempju, l-iskopertura ekonomika preċedenti tagħhom *vis-à-vis* l-impriżi kkonċernati (ara t-taqsima 4.2.3.3), is-sinerġiji possibbli li jistgħu jinkisbu ([143]), sa fejn l-investituri differenti jġorru l-kostijiet tat-tranżazzjoni simili ([144]), jew kull ċirkostanza oħra speċifika għall-korp pubbliku jew l-operatur privat jew privat li tista' toħloq distorsjoni fil-paragun.

88. Il-kundizzjoni "*pari* passu" tista' ma tkunx applikabbli f'xi każijiet fejn l-involviment pubbliku (minħabba n-natura unika jew id-daqs tiegħu) huwa tali li ma jistax fil-prattika jiġi replikat minn operatur f'ekonomija tas-suq.

(ii) Il-bejgħ u x-xiri ta' assi, merkanzija u servizzi (jew tranżazzjonijiet komparabbli) permezz ta' sejħa għall-offerti kompetittiva, trasparenti, mhux diskriminatorji u mingħajr kundizzjoni.

89. Jekk il-bejgħ u x-xiri ta' assi, merkanzija u servizzi (jew tranżazzjonijiet komparabbli oħra ([145])) isiru wara proċedura tal-offerti kompetittiva ([146]), trasparenti, mhux diskriminatorja u mingħajr kundizzjoni, f'konformità mal-prinċipji tat-TFUE dwar l-għoti ta' kuntratt ([147]), (ara paragrafi 90 sa 94), jista' jiġi preżunt li dawn it-tranżazzjonijiet huma konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, sakemm ikunu ntużaw il-kriterji xierqa biex jintgħażlu l-bejjiegħ u x-xerrej kif stabbilit fil-paragrafi 95 u 96. B'kuntrast, jekk Stat Membru jiddeċiedi li jipprovdi appoġġ, għal raġunijiet ta' politika pubblika, għal ċerta attività u joħroġ sejħa għal offerti, pereżempju, l-ammont ta' ffinanzjar ipprovdut, bħal fil-każ ta' appoġġ għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jew għas-sempliċi disponibilità ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-elettriku, dan ma jaqax fl-ambitu ta' din is-subtaqsima (ii). F'sitwazzjoni bħal din offerta tista' biss timinimizza l-ammont mogħti imma ma tistax teskludi vantaġġ.

90. Proċedura ta' sejħa għall-offerti għandha tkun kompetittiva biex tippermetti li l-offerenti kwalifikati u interessati kollha jipparteċipaw fil-proċess.

91. Il-proċedura għandha tkun trasparenti, biex tippermetti lill-offerenti interessati kollha li jiġu infurmati bl-istess mod u kif xieraq f'kull stadju tal-proċedura proċedura tal-offerti. L-aċċessibilità tal-informazzjoni, żmien suffiċjenti għall-offerenti interessati, u ċ-ċarezza tal-kriterji tal-għażla u tal-għotja huma kollha elementi kruċjali għal proċedura ta' għażla trasparenti. Sejħa għall-offerti għandha tkun irreklamata tajjeb b'mod suffiċjenti sabiex l-offerenti potenzjali kollha jkunu mgħarrfa. Il-livell ta' pubbliċità meħtieġ biex tiġi żgurata pubblikazzjoni suffiċjenti f'każ partikolari jiddependi fuq il-karatteristiċi tal-assi, il-merkanzija u s-servizzi. L-assi, il-merkanzija u s-servizzi, li jistgħu jattiraw offerenti li joperaw fuq skala Ewropea jew internazzjonali, fid-dawl tal-valur għoli jew karatteristiċi oħra tagħhom, għandhom ikunu ppubbliċizzati b'tali mod sabiex jiġu attirati offerenti potenzjali li joperaw fuq skala Ewropea jew internazzjonali.

92. It-trattament mhux diskriminatorju lill-offerenti kollha, fl-istadji kollha tal-proċedura u kriterji oġġettivi tal-għażla u tal-għotja speċifikati bil-quddiem huma kundizzjonijiet indispensabbli sabiex jiġi żgurat li t-tranżazzjoni li tirriżulta hija konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq. Sabiex jiġi ggarantit trattament ugwali, il-kriterji għall-għoti tal-kuntratt għandhom jippermettu li s-sejħiet għall-offerti jitqabblu u jiġu vvalutati b'mod oġġettiv.

([143]) Dawn irid ikollhom ukoll l-istess interessi industrijali; ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/137/KE dwar l-għajnuna mill-Istat C25/2002 Participation financière de la Région wallonne dans l'entreprise CARSID — Acier *CECA*, (ĠU L 47, 18.2.2005, p. 28) premessi 67 sa 70.

([144]) Il-kostijiet tat-tranżazzjonijiet jistgħu jirrelataw mal-kostijiet li jġarrbu l-investituri rispettivi għall-finijiet tal-eżami analitiku u l-għażla tal-proġett ta' investiment, l-organizzazzjoni tat-termini tal-kuntratt jew is-sorveljanza tal-prestazzjoni matul il-ħajja tal-kuntratt. Pereżempju, fejn il-banek pubbliċi b'mod konsistenti jħallsu l-kostijiet tal-eżami analitiku tal-proġetti ta' investiment għall-finanzjament ta' self, is-sempliċi fatt li investituri privati jinvestu bl-istess rata ta' imgħax mhux suffiċjenti biex tiġi eskluża l-għajnuna.

([145]) Pereżempju, il-lokazzjoni ta' ċerta merkanzija jew l-għoti ta' konċessjonijiet għall-isfruttament kummerċjali ta' riżorsi naturali.

([146]) Fil-kuntest tal-għajnuna mill-Istat, il-Qrati tal-Unjoni ħafna drabi jirreferu għal proċedura għal offerti "miftuħa" (ara pereżempju s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-5 ta' Awwissu 2003, *P & O European Ferries (Vizcaya) vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-116/01 u T-118/01, ECLI:UE:T:2003:217, paragrafi 117u 118; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-24 ta' Frar 2013, *Land Burgenland* v *Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-214/12 P, C-215/12 P u C-223/12 P, ECLI:UE:C:2013:682, paragrafu 94). L-użu tal-kelma "miftuħa", madankollu, ma tirreferix għal proċedura speċifika skont id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE u d-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasaport, u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE. Għalhekk, il-kelma "kompetittiva" tidher aktar xierqa. Dan mhuwiex intenzjonat sabiex jiddevja mill-kundizzjonijiet sostantivi stabbiliti fil-ġurisprudenza.

([147]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Diċembru 2000, *Telaustria*, C-324/98, ECLI:UE:C:2000:669, paragrafu 62; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Diċembru 2001, *Bent Mousten Vestergaard*, C-59/00, ECLI:UE:C:2001:654, paragrafu 20. Ara wkoll il-Komunikazzjoni ta' Interpretazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dritt Komunitarju applikabbli għall-għoti ta' kuntratti soġġetti jew parzjalment soġġetti għad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku (ĠU C 179, 1.8.2006, p. 2).

93. L-użu u l-konformità mal-proċeduri previsti fid-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku ([148]) jistgħu jitqiesu suffiċjenti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' hawn fuq, sakemm il-kundizzjonijiet kollha għall-użu tal-proċedura rispettiva jiġu ssodisfati. Dan ma japplikax f'ċirkustanzi speċifiċi li jagħmluha impossibbli li jiġi stabbilit prezz tas-suq, bħal pereżempju l-użu tal-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni ta' avviż dwar kuntratt. Jekk tiġi sottomessa offerta waħda biss, il-proċedura ma tkunx normalment suffiċjenti biex jiġi żgurat prezz tas-suq sakemm jew (i) ma jkunx hemm salvagwardji b'saħħithom b'mod partikolari fit-tfassil tal-proċedura li tiżgura kompetizzjoni ġenwina u effettiva u ma jkunx jidher li operatur wieħed biss jista' fil-verità jissottometti offerta kredibbli inkella (ii) l-awtoritajiet pubbliċi ma jkunux ivverifikaw permezz ta' mezzi addizzjonali li l-eżitu jikkorrispondi għall-prezz tas-suq.

94. Sejħa għal offerti għall-bejgħ ta' assi, merkanzija jew servizzi tkun bla kundizzjonijiet meta kull xerrej potenzjali jkun ġeneralment liberu li jakkwista l-assi, il-merkanzija u s-servizzi li biex jinbiegħu u sabiex jużahom għall-finijiet tiegħu stess irrispettivament minn jekk għandux ċerti negozju jew le. Jekk ikun hemm kundizzjoni li x-xerrej għandu jkollu obbligi speċjal għall-benefiċċju tal-awtoritajiet pubbliċi jew fl-interess pubbliku ġenerali, li kieku bejjiegħ privat ma jkunx talab — minbarra dawk li jirriżultaw mil-liġi domestika ġenerali jew deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-ippjanar —, l-offerta ma tistax titqies li hija mingħajr kundizzjoni.

95. Meta l-korpi pubbliċi jbiegħu assi, merkanzija u servizzi, l-uniku kriterju rilevanti għall-għażla tax-xerrej għandu jkun l-ogħla prezz ([149]), b'kunsiderazzjoni wkoll tal-arranġamenti kuntrattwali mitluba (pereżempju l-garanzija ta' bejgħ tal-bejjiegħ jew impenji oħra ta' wara l-bejgħ). Offerti kredibbli ([150]) u vinkolanti biss għandhom jiġu kkunsidrati ([151]).

96. Meta l-korpi pubbliċi jixtru assi, merkanzija u servizzi, kull kundizzjoni speċifika marbuta mas-sejħa għall-offerti għandha tkun mhux diskriminatorja u marbuta mill-qrib u b'mod oġġettiv mas-suġġett speċifiku tal-kuntratt u mal-objettiv ekonomiku speċifiku tal-kuntratt. Dawn għandhom jippermettu għall-iżjed offerta ekonomikament vantaġġuża li taqbel mal-valur tas-suq. Għaldaqstant, il-kriterji għandhom ikunu ddefiniti b'tali mod li jippermettu effettivament proċedura ta' offerti kompetittiva li tħalli l-offerent rebbieħ b'redditu normali, mhux aktar. Fil-prattika, dan jimplika l-użu ta' sejħa għall-offerti li tpoġġi piż sinifikanti fuq il-komponent tal-"prezz" tal-offerta jew li kieku x'aktarx jilħqu l-eżitu kompetittiv (eż. ċerti sejħiet għall-offerti b'lura bi kriterji tal-għoti ċari biżżejjed).

#### 4.2.3.2. Li jiġi stabbilit jekk tranżazzjoni tkunx konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq fuq il-bażi ta' valutazzjoni komparattiva jew metodi oħrajn ta' valutazzjoni.

97. Jekk tranżazzjoni tkun twettqet permezz ta' offerta jew fuq termini "*pari passu*", dan jipprovdi evidenza diretta u speċifika ta' konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq. Madankollu, jekk tranżazzjoni ma tkunx twettqet permezz ta' offerta jew jekk l-intervent tal-korpi pubbliċi ma jkunx "*pari passu*" ma' dik tal-operaturi privati, dan ma jfissirx awtomatikament li t-tranżazzjoni mhijiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq ([152]). F'dawn il-każijiet il-konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq għadha tista' tiġi vvalutata permezz ta' (i) valutazzjoni komparattiva jew (ii) metodi oħrajn ta' valutazzjoni ([153]).

([148]) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE; Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE.

([149]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2012, *Il-Land Burgenland u l-Awstrija vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-268/08 u T-281/08, ECLI:UE:T:2012:90, paragrafu 87.

([150]) Offerta mhux mitluba tista' tkun kredibbli wkoll, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, u b'mod partikolari jekk l-offerta hijiex vinkolanti (ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2011, *Konsum Nord vs Il-Kummissjoni* T-244/08, ECLI:UE:T:2011:732 paragrafi 73, 74 u 75).

([151]) Pereżempju, sempliċi avviżi mingħajr rekwiżiti vinkolanti ma jingħatawx kunsiderazzjoni fil-proċedura tas-sejħa għall-offerti; ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2012, *Land Burgenland u l-Awstrija vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-268/08 u T-281/08, ECLI:UE:T:2012:90, paragrafu 87, u s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2011, *Konsum Nord vs Il-Kummissjoni*, T-244/08, ECLI:UE:T:2011:732, paragrafi 67 u 75.

([152]) Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Ġunju 2014, *Sarc vs Il-Kummissjoni*, T-488/11, ECLI:UE:T:2014:497, paragrafu 98.

([153]) Meta l-prezz tas-suq jiġi stabbilit permezz ta' tranżazzjonijiet "*pari passu*" jew sejħa għal offerti, dawn ir-riżultati ma jistgħux jiġu ikkontestati b'metodoloġiji oħra ta' valutazzjoni, bħal studji indipendenti (ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 2013, *Land Burgenland vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-214/12 P, C-215/12 P u C-223/12 P, ECLI:UE:C:2013:682, paragrafi 94 u 95).

(i) Valutazzjoni komparattiva

98. Biex jiġi stabbilit jekk tranżazzjoni hijiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, dik it-tranżazzjoni tista' jiġi vvalutata fid-dawl tat-termini li taħthom seħħewtranżazzjonijiet komparabbli mwettqa minn operaturi privati komparabbli f'sitwazzjonijiet komparabbli (valutazzjoni komparattiva).

99. Biex jiġi identifikat parametru referenzjarjuxieraq, jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lit-tip ta' operatur ikkonċernat (pereżempju grupp ta' kumpaniji, fond spekulattiv, jew investitur fuq terminu twil li jfittxu li jiżguraw profitti fit-tul), it-tip ta' tranżazzjoni inkwistjoni (pereżempju il-parteċipazzjoni ta' ekwità jew tranżazzjoni ta' dejn) u s-suq jew swieq ikkonċernat/i (pereżempju is-swieq finanzjarji, is-swieq teknoloġiċi li qed jikbru malajr, l-utilità jew is-swieq tal-infrastruttura). Iż-żmien tat-tranżazzjonijiet hija partikolarment rilevanti wkoll meta jkunu seħħew żviluppi ekonomiċi sinifikanti. Fejn xieraq, il-valutazzjonijiet komparattivi tas-suq disponibbli jista' jkollhom bżonn jiġu aġġustati skont il-karatteristiċi speċifiċi tat-tranżazzjoni tal-Istat (pereżempju, il-qagħda tal-impriża benefiċjarja u tas-suq rilevanti) ([154]). Il-valutazzjoni komparattiva tista' ma tkunx metodu xieraq biex jiġu stabbiliti l-prezzijiet tas-suq jekk il-valutazzjonijiet komparattivi disponibbli ma jkunux ġew definiti fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet tas-suq jew il-prezzijiet eżistenti fihom distorsjoni sinifikanti minħabba interventi pubbliċi.

100. Valutazzjoni komparattiva ħafna drabi ma tistabbilixxix valur ta' referenza preċiż, iżda pjuttost tistabbilixxi firxa ta' valuri possibbli permezz ta' valutazzjoni ta' għadd ta' tranżazzjonijiet komparabbli. Fejn l-għan tal-valutazzjoni huwa li jiġi kkunsidrat jekk l-intervent mill-Istat huwiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, huwa normalment xieraq li jiġu kkunsidrati l-miżuri ta' tendenza ċentrali, bħall-medju jew il-medjan tan-numru ta' tranżazzjonijiet komparabbli.

(ii) Metodi ta' valutazzjoni oħrajn

101. Jekk tranżazzjoni tkunx konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq jista' jiġi stabbilit ukoll fuq il-bażi ta' metodoloġija ta' valutazzjoni standard ([155]) ġeneralment aċċettata. Metodoloġija bħal din trid tkun ibbażata fuq il-kontenut ta' dejta oġġettiva, verifikabbli u affidabbli ([156]), li għandha tkun dettaljat biżżejjed u tirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika fiż-żmien li t-tranżazzjoni kienet deċiża, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-livell tar-riskju u l-aspettativi futuri ([157]). Skont il-valur tat-tranżazzjoni, ir-robustezza tal-evalwazzjoni għandha normalment tiġi ikkorroborata billi titwettaq analiżi ta' sensittività, li tivvaluta x-xenarji differenti ta' negozju, tipprepara pjanijiet ta' kontinġenza u tqabbel ir-riżultati ma' metodoloġiji ta' evalwazzjoni alternattivi. Valutazzjoni (ex ante) ġdida tista' titwettaq jekk it-tranżazzjoni tiddewwem u jkun meħtieġ li jitqiesu l-aħħar bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq.

102. Metodoloġija standard aċċettata b'mod wiesa' biex tiddetermina r-redditu fuq l-investimenti (annwali) hija li tiġi kkalkulata r-rata ta' redditu interna (RRI) ([158]). Wieħed jista' jevalwa wkoll id-deċiżjoni tal-investiment f'termini tal-valur preżenti nett tagħha (VPN) ([159]), li jipproduċi riżultati ekwivalenti għar-RRI f'ħafna mill-każijiet ([160]).

([154]) Ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2003, *Westdeutsche Landesbank Girozentrale u Land Nordrhein-Westfalen vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-228/99 u T-233/99, ECLI:UE:T:2003:57, paragrafu 251.

([155]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Marzu 2007, *Scott vs Il-Kummissjoni*, T-366/00, ECLI:UE:T:2007:99, paragrafu 134, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Diċembru 2010, *Seydaland Vereinigte Agrarbetriebe*, C-239/09, ECLI:UE:C:2010:778, paragrafu 39.

([156]) Ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2004, *Valmont Nederland BV vs Il-Kummissjoni*, T-274/01, ECLI:UE:T:2004:266, paragrafu 71.

([157]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Marzu 2007, *Scott vs Il-Kummissjoni*, T-366/00, ECLI:UE:T:2007:99, paragrafu 158.

([158]) Ir-RRI mhijiex ibbażata fuq qligħ kontabbilizzat f'sena partikolari, iżda tqis il-fluss tal-flussi futuri ta' flus li l-investitur jistenna li jirċievi matul il-ħajja kollha tal-investiment. Hija definita bħala r-rata ta' skont li għaliha l-VPN tal-fluss ta' flussi ta' flus ikun żero.

([159]) Il-VPN huwa d-differenza bejn il-flussi ta' flus pożittivi u negattivi matul il-ħajja tal-investiment, skontata f'redditi xierqa (il-kost tal-kapital).

([160]) Hemm korrelazzjoni perfetta bejn il-VPN u r-RRI f'każijiet fejn ir-RRI hija daqs il-kost tal-għażla għall-investitur. Fejn il-VPN tal-investiment huwa pożittiv, dan jimplika li l-proġett għandu RRI li teċċedi r-rata ta' redditu meħtieġa (kost tal-għażla għall-investitur). F'dan il-każ, l-investiment ikun tajjeb li jsir. Jekk il-proġett għandu VPN li huwa ugwali għal żero, ir-RRI tal-proġett huwa ugwali għar-rata ta' redditu meħtieġa. F'dan il-każ, huwa immaterjali jekk l-investitur jagħmilx l-investiment jew jinvestix xi mkien ieħor. Fejn il-VPN huwa negattiv, ir-RRI hija inqas mill-kost tal-kapital. L-investiment ma jkunx profitabbli biżżejjed minħabba li hemm opportunitajiet aħjar x'imkien ieħor. Fejn ir-RRI u l-VPN iwasslu għal deċiżjonijiet ta' investiment differenti (differenza bħal din fir-riżultat tista' sseħħ, b'mod partikolari, fi proġetti reċiprokament esklussivi), fil-prinċipju l-metodu tal-VPN għandu jkun preferut skont il-prattika tas-suq, sakemm ma jkunx hemm inċertezza sinifikanti rigward ir-rata ta' skont xierqa.

Biex jiġi vvalutat jekk l-investiment jiwettaqx fuq termini tas-suq, ir-redditu fuq l-investiment irid jitqabbel mar-redditu tas-suq mistenni normali. Redditu mistenni normali (jew il-kost tal-kapital ta' investiment) jista' jiġi definit bħala r-redditu medju mistenni li s-suq jeħtieġ mill-investiment fuq il-bażi ta' kriterji ġenerali aċċettati, b'mod partikolari, ir-riskju tal-investiment, filwaqt li titqies il-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija u l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur, tar-reġjun jew tal-pajjiż. Jekk dan ir-redditu normali ma jistax ikun raġonevolment mistenni, l-investiment x'aktarx ma jiġix segwit fuq termini tas-suq. B'mod ġenerali, aktar ma l-proġett ikun riskjuż, aktar tkun għolja r-rata ta' redditu li l-fornituri tal-fondi jitolbu, jiġifieri l-kost tal-kapital ikun ogħla.

103. Il-metodoloġija ta' valutazzjoni xierqa tista' tiddependi fuq is-sitwazzjoni tas-suq ([161]),id-disponibbiltà tad-dejta jew it-tip ta' tranżazzjoni. Pereżempju, filwaqt li investitur ifittex li jiġġenera profitt billi jinvesti f'impriżi (f'liema każ ir-RRI jew il-VPN huma mistennija li jkunu l-iktar metodu xieraq), kreditur jipprova jikseb ħlas ta' somom dovuti lilu (is-somma prinċipali u kwalunkwe interess) minn debitur fil-perjodu determinat kuntrattwalment u legalment ([162]) (f'liema każ l-evalwazzjoni ta' kollateral, pereżempju, il-valur tal-assi, tista' tkun aktar rilevanti). Fil-każ tal-bejgħ ta' artijiet, evalwazzjoni minn esperti indipendenti qabel in-negozjati tal-bejgħ sabiex ikun stabbilit il-valur tas-suq fuq il-bażi ta' indikaturi tas-suq ġeneralment aċċettati u tal-istandards tal-valutazzjoni fil-prinċipju hija sodisfaċenti ([163]).

104. Il-metodi biex jiġu stabbiliti r-RRI jew il-VPN ta' investiment ma jirriżultawx normalment f'valur preċiż wieħed li jista' jiġi aċċettat, iżda pjuttost f'firxa possibbli ta' valuri (skont iċ-ċirkostanzi ekonomiċi, legali u speċifiċi oħra tat-tranżazzjoni inerenti fil-metodu ta' valutazzjoni). Fejn l-għan tal-valutazzjoni huwa li jiġi kkunsidrat jekk l-intervent mill-Istat huwiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, huwa normalment xieraq li jiġu kkunsidrati l-miżuri ta' tendenza ċentrali, bħall-medju jew il-medjan tan-numru ta' tranżazzjonijiet komparabbli.

105. Operaturi f'ekonomija tas-suq prudenti normalment jivvalutaw l-interventi tagħhom billi jużaw diversi metodoloġiji differenti biex jikkorroboraw l-estimi (pereżempju, il-kalkoli tal-VPN huma vvalidati permezz ta'metodi ta' valutazzjoni komparattiva). Il-metodoloġiji differenti li jikkonverġu bl-istess valur se jipprovdu indikazzjoni ulterjuri biex jiġi stabbilit prezz tas-suq ġenwin. Għaldaqstant, il-preżenza ta' metodoloġiji ta' valutazzjoni kumplementari li jikkorroboraw il-konklużjonijiet ta' xulxin li jitqiesu bħala indikazzjoni pożittiva meta jiġi vvalutat jekk tranżazzjoni tkunx konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq.

### 4.2.3.3. Analiżi kontrofattwali fil-każ ta' skopertura ekonomika minn qabel fil-konfront tal-impriża kkonċernata

106. Il-fatt li l-korp pubbliku kkonċernat ikollu skopertura ekonomika minn qabel fil-konfront ta' impriża għandu jiġi kkunsidrat meta jiġi eżaminat jekk tranżazzjoni tkunx konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, sakemm operatur privat komparabbli jista' jkollu tali skopertura minn qabel (pereżempju fil-kapaċità tiegħu ta' azzjonist ta' impriża) ([164]).

107. Skopertura minn qbel trid tiġi kkunsidrata fil-qafas ta' xenarji kontrafattwali għall-iskop tat-test tal-OES. Pereżempju, fil-każ ta' intervent ta' debitu jew ekwità i f'impriża pubblika f'diffikultà, ir-redditu mistenni fuq

([161]) Pereżempju, fil-każ ta' likwidazzjoni ta' kumpanija, valwazzjoni bbażata fuq il-valur ta' likwidazzjoni jew fuq il-valur tal-assi tista' tkun l-aktar l-metodu xieraq ta' valutazzjoni.

([162]) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 1999, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, C-342/96, ECLI:UE:C:1999:210, paragrafu 46, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 1999, *DMTransport*, C-256/97, ECLI:UE:C:1999:332, paragrafu 24.

([163]) Jekk il-metodu komparattiv (valutazzjoni komparattiva) ma jkunx xieraq u metodi oħra li huma ġeneralment aċċettati jidhru li jonqsu li jistabbilixxu b'mod preċiż il-valur tal-art, jista' jintuża metodu alternattiv, bħall-metodu ta' valwazzjoni tal-*Vergleichspreissystem* propost mill-Ġermanja (approvat għal artijiet agrikoli u tal-foresterija fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat SA.33167. Metodu alternattiv propost biex jevalwa l-artijiet agrikoli u tal-foresterija fil-Ġermanja meta mibjugħa mill-awtoritajiet pubbliċi, (ĠU C 43, 15.2.2013, p. 7). Dwar il-limitazzjonijiet ta' metodi oħra ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Diċembru 2010, *Seydaland Vereinigte Agrarbetriebe* C-239/09, ECLI:UE:C:2010:778, paragrafu 52.

([164]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' April 2014, *ING Groep NV*, C-224/12 P, ECLI:UE:C:2014:213, paragrafi 29 sa 37. Madankollu, skopertura minn qabel ma għandhiex titqies jekk jirriżulta minn miżura li, abbażi ta' valutazzjoni globali tal-aspetti kollha ta' dik il-miżura, ma setgħetx titwettaq minn investitur privat li qed ifittex profitt (Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 2013, *Land Burgenland vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-214/12 P, C-215/12 P u C-223/12 P, ECLI:UE:C:2013:682, paragrafi 52 sa 61.

investiment bħal dan għandu jitqabbel mar-redditu mistenni fix-xenarju kontrafattwali tal-likwidazzjoni tal-kumpanija. Fil-każ li l-likwidazzjoni tipprovdi aktar qligħ jew anqas telf, operatur f'ekonomija tas-suq prudenti kieku jagħżel din l-opzjoni ([165]). Għal dan il-għan, il-kostijiet tal-likwidazzjoni li għandhom jitqiesu ma għandhomx jinkludu l-kostijiet marbuta mar-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet pubbliċi, iżda l-kostijiet biss li operatur fl-ekonomija tas-suq razzjonali kien iġarrab ([166]), filwaqt li jiġi kkunsidrat ukoll l-evoluzzjoni tal-kuntest soċjali, ekonomiku u ambjentali li fih jopera ([167]).

#### 4.2.3.4. Kunsiderazzjonijiet speċifiċi biex jiġi stabbilit jekk it-termini għal self u garanziji, humiex konformi mat-termini tas-suq.

108. Bl-istess mod bħal kwalunkwe tranżazzjoni oħra, self u garanziji mogħtija minn korpi pubbliċi (inklużi impriżi pubbliċi) jistgħu jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat jekk ma jkunux skont it-termini tas-suq.

109. Għall-garanziji, normalment trid tiġi analizzata sitwazzjoni trijangulari li tinvolvi entità pubblika bħala garanti, mutwatarju u mutwanti ([168]). F'ħafna każijiet, l-għajnuna tista' tkun preżenti biss fil-livell tal-mutwatarju, minħabba li l-garanzija pubblika tista' tagħtih vantaġġ, billi tippermettilu li jissellef b'rata li kieku ma tkunx tinkiseb fis-suq mingħajr il-garanzija ([169]) (jew li jissellef f'sitwazzjoni fejn, eċċezzjonalment, l-ebda self ma seta' jinkiseb fis-suq bi kwalunkwe rata). Madankollu, f'ċerti ċirkostanzi speċifiċi, l-għoti ta' garanzija pubblika tista' wkoll tinvolvi għajnuna lill-mutwanti, b'mod partikolari fejn tingħata garanzija *ex post* dwar obbligu eżistenti bejn il-mutwanti u l-mutwatarju, fejn mhuwiex żgurat li l-vantaġġ jgħaddi kompletament lill-mutwatarju ([170]) jew fejn self iggarantit jintuża biex iħallas lura wieħed li mhuwiex garantit ([171]).

110. Kwalunkwe garanzija mogħtija fuq termini li huma aktar favorevoli mill-kundizzjonijiet tas-suq, filwaqt li titqies is-sitwazzjoni ekonomika tal-mutwatarju, tagħti vantaġġ lil tal-aħħar (li jħallas tariffa li ma tirriflettix b'mod xieraq ir-riskju li l-garanti jkollu) ([172]). B'mod ġenerali, garanziji mingħajr limiti mhumiex skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq. Dan japplika wkoll għall-garanziji impliċiti li joriġinaw minn responsabbiltà tal-Istat għad-djun ta' impriżi insolventi mħarsa minn regoli ordinarji ta' falliment ([173]).

111. Fin-nuqqas ta' informazzjoni speċifika tas-suq dwar tranżazzjoni ta' dejn partikolari, l-istrument ta' dejn li huwa konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq jista' jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil ma' tranżazzjonijiet tas-suq komparabbli (jiġifieri permezz ta' valutazzjoni komparattiva). Fil-każ ta' self u garanziji, informazzjoni dwar il-kostijiet ta' finanzjament tal-impriża tista', pereżempju, tinkiseb minn self (riċenti) ieħor meħud mill-impriża inkwistjoni, minn renditi fuq bonds maħruġa mill-impriża jew minn swaps ta' inadempjenza ta' kreditu fuq din l-impriża. Tranżazzjonijiet tas-suq komparabbli jistgħu jkunu wkoll tranżazzjonijiet ta' self jew garanzija simili mwettqa minn kampjun ta' kumpaniji għat-tqabbil, bonds maħruġa minn kampjun ta' kumpaniji komparaturi jew il-firxiet ta' swap ta' inadempjenza tal-kreditu disponibbli fuq kampjun ta' kumpaniji komparaturi. Fil-każ ta' garanziji, jekk fis-swieq finanzjarji ma jinstab ebda limitu tal-prezz ta' referenza li jikkorrispondi, il-kost

(165) Ara, f'dan ir-rigward, is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2000, *Alitalia* vs *Il-Kummissjoni*, T-296/97, ECLI:UE:T:2000:289, jew is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Jannar 2013, *Frucona vs Il-Kummissjoni*, C-73/11 P, ECLI:UE:C:2013:32, paragrafi 79 u 80.

(166) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Jannar 2003, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-334/99, ECLI:UE:C:2003:55, paragrafu 140.

(167) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Settembru 2012, *Corsica Ferries France SAS vs Il-Kummissjoni*, T-565/08, ECLI:UE:T:2012:415, paragrafi 79 sa 84, ikkonfermata bl-appell, ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Settembru 2014, *SNCM u Franza vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-533/12 P u C-536/12 P, ECLI:UE:C:2014:2142., paragrafi 40 u 41. Il-Qrati kkonfermaw f'dan il-każ li, fil-prinċipju, jista' jkun ekonomikament razzjonali fit-tul għall-investituri privati, b'mod partikolari gruppi akbar ta' kumpaniji, biex iħallsu indennizzi komplimentari (pereżempju, biex jipproteġu l-immaġni tal-marka ta' grupp). Madankollu, il-ħtieġa li jitħallsu dawn l-indennizzi komplementari għandha tintwera bl-akbar reqqa fil-każ konkret li fih il-protezzjoni tal-immaġni hija meħtieġa u għandu jintwera wkoll li pagamenti bħal dawn huma prattika stabbilita fost kumpaniji privati f'ċirkustanzi simili (sempliċi eżempji mhumiex biżżejjed).

(168) Għal informazzjoni dwar il-valutazzjoni li għandha titwettaq li tikkonċerna l-possibbiltà ta' għotja ta' għajnuna mill-Istat f'forma ta' garanzija, ara wkoll l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat KE għall-għajnuniet mill-Istat fil-forma ta' garanziji, (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10). Dan l-Avviż ma jiġix sostitwit mill-Avviż preżenti.

(169) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Diċembru 2011, *Residex Capital vs Gemeente Rotterdam*, C-275/10, ECLI:UE:C:2011:814, paragrafu 39.

(170) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Marzu 2015, *OTP Bank Nyrt vs Magyar Állam et al*, C-672/13, ECLI:UE:C:2015:185.

(171) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Diċembru 2011, *Residex Capital vs Gemeente Rotterdam*, C-275/10, ECLI:UE:C:2011:814, paragrafu 42.

(172) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' April 2014, *Franza* vs *Il-Kummissjoni*, C-559/12 P, ECLI:UE:C:2014:217, paragrafu 96.

(173) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' April 2014, *Franza* vs *Il-Kummissjoni*, C-559/12 P, ECLI:UE:C:2014:217, paragrafu 98.

finanzjarju totali tas-self garantit, inkluż ir-rata ta' imgħax tas-self u tal-primjum tal-garanzija, għandu jitqabbel mal-prezz tas-suq ta' self simili li mhuwiex garantit. Il-metodi ta' valutazzjoni komparattiva jistgħu jiġu kkumplimentati b'metodi ta' valutazzjoni bbażati fuq id-dħul fuq il-kapital ([174]).

112. Biex tiġi ffaċilitata il-valutazzjoni ta' jekk miżura tikkonformax mat-test tal-OES, il-Kummissjoni żviluppat indikaturi li jiddeterminaw il-karatteristika tal-għajnuna ta' self u garanziji.

113. Għas-self, il-metodoloġija biex tiġi kkalkulata rata ta' referenza, li taġixxi bħala indikatur għall-prezz tas-suq f'sitwazzjonijiet fejn tranżazzjonijiet tas-suq komparabbli ma jkunux faċli biex jiġu identifikati (xi ħaġa li probabbilment tapplika aktar għal tranżazzjonijiet li jinvolvu ammonti limitati u/jew tranżazzjonijiet li jinvolvu impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)) hija stabbilita fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rata ta' Referenza ([175]). Għandu jitfakkar li din ir-rata ta' referenza hija biss indikatur ([176]). Jekk tranżazzjonijiet komparabbli jkunu normalment twettqu bi prezz anqas minn dak indikat bħala indikatur bir-rata ta' referenza, l-Istat Membru jista' jikkunsidra dan il-prezz aktar baxx bħala l-prezz tas-suq. Jekk, min-naħa l-oħra, l-istess kumpanija wettqet tranżazzjonijiet simili riċenti bi prezz ogħla mir-rata ta' referenza u l-qagħda finanzjarja tagħha u l-ambjent tas-suq baqgħu sostanzjalment l-istess, ir-rata ta' referenza ma tistax tikkostitwixxi indikatur validu tar-rati tas-suq għal dan il-każ speċifiku.

114. Il-Kummissjoni żviluppat gwida dettaljata dwar indikaturi (u preżunzjonijiet mhux konfutabbli ("livell ta' protezzjoni xierqa") għall-SMEs) marbutin mal-garanziji fl-Avviż dwar il-Garanziji ([177]). Skont dan l-Avviż, sabiex tiġi eskluża l-preżenza ta' għajnuna huwa normalment suffiċjenti li l-mutwatarju ma jkunx f'diffikultà finanzjarja, li l-garanzija tkun marbuta ma' tranżazzjoni speċifika, li l-mutwanti jassumi parti mir-riskju u li l-mutwatarju jħallas prezz orjentat għas-suq għall-garanzija.

## 4.3. Vantaġġ indirett

115. Vantaġġ jista' jingħata lil impriżi oħra għajr dawk li għalihom jiġu ttrasferiti direttament riżorsi tal-Istat (vantaġġ indirett) ([178]). Miżura tista' tikkostitwixxi wkoll kemm vantaġġ dirett lill-impriża riċeventi kif ukoll vantaġġ indirett lil impriżi oħra, pereżempju, impriżi li joperaw fuq livelli sussegwenti ta' attività ([179]). Il-benefiċjarju dirett tal-vantaġġ jista' jkun jew impriża inkella entità (persuna fiżika jew ġuridika) li ma huma involuti fl-ebda attività ekonomika ([180]).

116. Vantaġġi indiretti bħal dawn għandhom jiġu distinti minn sempliċi effetti ekonomiċi sekondarji li huma inerenti fi kważi kull miżura ta' għajnuna mill-Istat (pereżempju permezz ta' żieda fil-produzzjoni). Għal dan l-iskop, l-effetti prevedibbli tal-miżura għandhom jiġu eżaminati minn perspettiva *ex ante*. Vantaġġ indirett huwa preżenti jekk il-miżura hija mfassla b'tali mod li tiggwida l-effetti sekondarji tagħha lejn impriżi identifikabbli jew gruppi ta' impriżi. Dan ikun il-każ, pereżempju, jekk għajnuna diretta tkun, *de facto* jew *de jure*, kundizzjonali fuq ix-xiri ta' merkanzija jew servizzi prodotti minn ċerti impriżi biss (pereżempju impriżi stabbiliti f'ċerti oqsma biss) ([181]).

---

([174]) Pereżempju, permezz tar-RAROC (Dħul minn Kapital Aġġustat għar-Riskju), li huwa dak li l-mutwanti u l-investituri jeħtieġu biex jipprovdu finanzjament ta' riskju ta' referenza simili u maturità lil impriża attiva fl-istess settur.

([175]) Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu li jistabbilixxi r-rati ta' referenza u ta' skont, ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6. Għal self subordinat, li mhuwiex kopert fil-Komunikazzjoni dwar ir-Rati ta' Referenza, tista' tintuża l-metodoloġija stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2008 dwar l-għajnuna mill-Istat N55/2008, GA/EFRE Nachrangdarlehen, (ĠU C 9, 14.1 2009, p. 1).

([176]) Madankollu, fejn ir-regolamenti tal-Kummissjoni jew id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-iskemi ta' għajnuna jirreferu għar-rata ta' referenza biex jiġi identifikat l-ammont tal-għajnuna, il-Kummissjoni tikkunsidraha bħala punt ta' referenza fissa li ma tikkostitwix għajnuna (sfera ta' sikurezza).

([177]) Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji, (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

([178]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2000, *il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-156/98, ECLI:UE:C:2000:467, paragrafi 26 u 27; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Lulju 2011, *Mediaset SpA* vs *Il-Kummissjoni*, C-403/10 P, ECLI:UE:C:2011:533, paragrafi 73 sa 77; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Ġunju 2002, *Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni*, C-382/99, ECLI:UE:C:2002:363, paragrafi 60 sa 66; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2009, *l-Italja vs Il-Kummissjoni*, T-424/05, ECLI:UE:T:2009:49, paragrafi 136 sa 147. Ara wkoll l-Artikolu 107(2)(a) tat-Trattat.

([179]) Fil-każ li impriża intermedjarja hija sempliċement strument għat-trasferiment tal-vantaġġ lill-benefiċjarju u ma żżomm l-ebda vantaġġ, normalment ma għandhiex titqies bħala riċeventi ta' għajnuna mill-Istat.

([180]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Settembru 2000, *il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, C-156/98, ECLI:UE:C:2000:467, paragrafi 26 u 27; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Lulju 2011, *Mediaset SpA vs Il-Kummissjoni*, C-403/10 P, ECLI:UE:C:2011:533, paragrafu 81.

([181]) B'kuntrast ma' dan, sempliċiment effett ekonomiku sekondarju fil-forma ta' żieda fil-produzzjoni (li ma tammontax għal għajnuna indiretta) jista' jinsab fejn l-għajnuna titwassal sempliċiment permezz ta' impriża (eż. intermedjarju finanzjarju) li tgħaddiha kompletament lill-benefiċjarju tal-għajnuna.

## 5. SELETTIVITÀ

### 5.1. Prinċipji ġenerali

117. Sabiex miżura tal-Istat taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, hija trid tiffavorixxi lil "ċerti impriżi jew ċerti produtturi". Għaldaqstant, mhux il-miżuri kollha li jiffavorixxu l-operaturi ekonomiċi jaqgħu fil-kunċett ta' għajnuna, iżda dawk biss li jagħtu vantaġġ b'mod selettiv lil ċerti impriżi jew kategoriji ta' impriżi jew lil ċerti setturi ekonomiċi.

118. Miżuri purament ta' applikazzjoni ġenerali li ma jiffavorixxux biss lil ċerti impriżi jew biss il-produzzjoni ta' ċerta merkanzija ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Madankollu, il-ġurisprudenza għamiltha ċara li anki interventi li, għall-ewwel, jidhru li japplikaw għall-impriżi inġenerali jistgħu jkunu sa ċertu punt selettivi u, għaldaqstant, jiġu kkunsidrati bħala miżuri mfassla biex jiffavorixxu ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerta merkanzija ([182]). La għadd kbir ta' impriżi eliġibbli (li jista' saħansitra jinkludi l-impriżi kollha ta' settur partikolari), u lanqas id-diversità u d-daqs tas-setturi li għalihom jappartjenu, ma jipprovdu raġunijiet għall-konklużjoni li miżura tal-Istat tikkostitwixxi miżura ġenerali ta' politika ekonomika, jekk mhux is-setturi ekonomiċi kollha jistgħu jibbenefikaw minnha ([183]). Il-fatt li l-għajnuna mhijiex immirata lejn benefiċjarju wieħed speċifiku jew aktar iddefiniti minn qabel, iżda hija soġġetta għal għadd ta' kriterji oġġettivi li skonthom tista' tingħata, fil-qafas ta' allokazzjoni baġitarja ġenerali predeterminata, lil numru indefinit ta' benefiċjarji li mhumiex inizjalment identifikati b'mod individwali, ma jistax ikun biżżejjed sabiex tiġi kkontestata n-natura selettiva tal-miżura ([184]).

119. Biex jiġi ċċarat il-kunċett ta' selettività skont il-liġi dwar l-għajnuna mill-Istat, huwa utli li ssir distinzjoni bejn selettività materjali u reġjonali. Barra minn hekk, huwa utli li tiġi pprovduta aktar gwida dwar ċerti kwistjonijiet speċifiċi għall-miżuri għat-taxxa (jew simili).

### 5.2. Selettività materjali

120. Is-selettività materjali ta' miżura timplika li l-miżura tapplika biss għal ċerti (gruppi ta') impriżi jew ċerti setturi tal-ekonomija fi Stat Membru partikolari. Selettività materjali tista' tiġi stabbilita *de jure* jew *de facto*.

#### 5.2.1. *Is-selettività de jure u de facto*

121. Is-selettività *de jure* tirriżulta direttament mill-kriterji legali għall-konċessjoni ta' miżura li hija formalment riżervata għal ċerti impriżi biss (pereżempju: dawk li għandhom ċertu daqs, attivi f'ċerti setturi jew li għandhom ċerta forma ġuridika ([185]); kumpaniji inkorporati jew reċentement ikkwotati f'suq regolat matul perjodu partikolari ([186]); kumpaniji li jappartjenu għal grupp li jkollu ċerti karatteristiċi jew fdati b'ċerti

([182]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 1999, *DMTransport*, C-256/97, ECLI:UE:C:1999:332, paragrafu 27; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2002, *Territorio Histórico de Álava — Diputación Foral de Álava et al vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-127/99, T-129/99 u T-148/99, ECLI:UE:T:2002:59, paragrafu 149).

([183]) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Ġunju 1999, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, C-75/97, ECLI:UE:C:1999:311 paragrafu 32; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Novembru 2001 *Adria-Wien Pipeline*, C-143/99, ECLI:UE:C:2001:598, paragrafu 48.

([184]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2000, *Confederación Espanola de Transporte de Mercancías vs Il-Kummissjoni*, T-55/99, ECLI:UE:T:2000:223, paragrafu 40. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2012, *l-Italja vs Il-Kummissjoni*, T-379/09, ECLI:UE:T:2012:422, paragrafu 47. Il-miżura inkwistjoni f'dan il-każ kienet eżenzjoni parzjali mid-dazju tas-sisa fuq id-diżil użat għat-tisħin ta' serer. Il-Qorti Ġenerali indikat li l-fatt li l-impriżi kollha li jagħżlu produzzjoni b'effett ta' serra jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni ma kienx suffiċjenti biex tiġi stabbilita l-karatteristika ġenerali tal-miżura.

([185]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafu 52.

([186]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2009, *l-Italja vs Il-Kummissjoni*, T-211/05, ECLI:UE:T:2009:304, paragrafu 120, u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Novembru 2011, *l-Italja vs Il-Kummissjoni*, C-458/09 P, ECLI:UE:C:2011:769, paragrafu 59 u 60.

funzjonijiet fil-grupp ([187]); kumpaniji li jinsabu f'diffikultà ([188]); jew impriżi ta' esportazzjoni, jew impriżi li jwettqu attivitajiet marbutin mal-esportazzjoni ([189])). Is-selettività *de facto* tista' tiġi stabbilita f'każijiet fejn, għalkemm il-kriterji formali għall-applikazzjoni tal-miżura ikunu fformulati f'termini ġenerali u oġġettivi, l-istruttura tal-miżura tkun b'tali mod li l-effetti tagħha jiffavorixxu b'mod sinifikanti grupp partikolari ta' impriżi (bħal fl-eżempji fis-sentenza preċedenti) ([190]).

122. Is-selettività *de facto* tista' tkun ir-riżultat ta' kundizzjonijiet jew ostakli imposti mill-Istati Membri biex jipprevjenu ċerti impriżi milli jibbenefikaw mill-miżura. Pereżempju, l-applikazzjoni ta' miżura ta' tassazzjoni (pereżempju kreditu ta' taxxa) biss għal investimenti li jeċċedu ċertu limitu (minbarra limitu minuri għal raġunijiet ta' espedjenza amministrattiva) tista' tfisser li l-miżura hija riżervata *de facto* għal impriżi b'riżorsi finanzjarji sinifikanti ([191]). Miżura li tagħti ċerti vantaġġi għal perjodu qasir biss tista' wkoll tkun selettiva *de facto* ([192]).

5.2.2. *Selettività li tirriżulta minn prattiki amministrattivi diskrezzjonali*

123. Miżuri ġenerali li japplikaw *prima facie* għall-impriżi kollha iżda huma limitati bis-setgħa diskrezzjonali ta' amministrazzjoni pubblika huma selettivi ([193]). Dan huwa l-każ fejn il-konformità mal-kriterji ma jirriżultax awtomatikament f'intitolament għall-miżura.

124. L-amministrazzjonijiet pubbliċi għandhom setgħa diskrezzjonali fl-applikazzjoni tal-miżura, b'mod partikolari, meta l-kriterji għall-għoti tal-għajnuna jiġu fformulati b'mod ġenerali jew vag ħafna li naturlament jinvolvi marġini ta' diskrezzjoni fil-valutazzjoni. Eżempju wieħed ikun li l-amministrazzjoni tat-taxxa tista' tbiddel il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' konċessjoni fiskali skont il-karatteristiċi tal-proġett ta' investiment imressaq għaliha għal valutazzjoni. Bl-istess mod, jekk l-amministrazzjoni tat-taxxa għandha diskrezzjoni wiesgħa biex tiddetermina l-benefiċjarji jew il-kundizzjonijiet li bihom jingħata benefiċċju fuq it-taxxa fuq il-bażi ta' kriterji mhux relatati mas-sistema fiskali, bħaż-żamma tal-impjiegi, l-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni trid tkun meqjusa bħala li tiffavorixxi "ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerta merkanzija" ([194]).

125. Il-fatt li ħelsien mit-taxxa jeħtieġ awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel ma jfissirx awtomatikament li dan jikkostitwixxi miżura selettiva. Dan mhuwiex il-każ li awtorizazzjoni aministrattiva minn qabel tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji li jkunu magħrufa bil-quddiem, b'hekk tiċċirkoskrivi l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi. Tali skema ta' awtorizzazzjoni amministrattiva trid tkun ukoll ibbażata fuq sistema proċedurali li tkun faċilment aċċessibbli u li tkun tista' tiżgura li talba għall-awtorizzazzjoni tiġi ttrattata b'mod oġġettiv u imparzjali fi żmien raġonevoli u rifjut biex jingħata awtorizzazzjoni irid ikun jista' jiġi kkontestat fi proċedimenti ġudizzjarji jew kważi ġudizzjarji ([195]).

---

([187]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 2006, *Belgium and Forum 187 vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-182/03 u C-217/03, ECLI:UE:C:2006:416, paragrafu 122.

([188]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Frar 2016, *Heitkamp Bauholding vs Il-Kummissjoni*, T-287/11, ECLI:UE:T:2016:60, paragrafu 129 *et seq*.

([189]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Diċembru 1969, *Il-Kummissjoni vs Franza*, Kawżi Magħquda 6 u 11/69, ECLI:UE:C:1969:68, paragrafu 3; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ġunju 1988, *il-Greċja vs Il-Kummissjoni*, 57/86, ECLI:UE:C:1988:284, paragrafu 8; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 2004, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, C-501/00, ECLI:UE:C:2004:438, paragrafu 92.

([190]) Dan kien il-każ fis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2011, *Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern tal-Ġibiltà u r-Renju Unit*, Kawżi Magħquda C-106/09 P u C-107/09 P, ECLI:UE:C:2011:732, dwar ir-riforma fiskali ta' Ġibiltà, li kienet *de facto* favur kumpaniji offshore. Ara paragrafi 101 *et seq.* ta' din is-sentenza. Ir-riforma introduċiet sistema li tikkonsisti fi tliet taxxi applikabbli għall-kumpaniji kollha ta' Ġibiltà, jiġifieri taxxa tal-lista tal-pagi, taxxa fuq l-okkupazzjoni ta' proprjetà tan-negozju (BPOT) u ħlas għar-reġistrazzjoni. Responsabbiltà għal fuq taxxa tal-lista tal-pagi u fuq it-taxxa fuq l-okkupazzjoni ta' proprjetà tan-negozju kienet tkun limitata għal 15 % tal-profitti. Il-Qorti sabet li kombinazzjoni bħal din ta' taxxi eskluża mill-bidu minn kull tassazzjoni ta' kumpaniji offshore minħabba li ma kellhom ebda bażi taxxabbli minħabba n-nuqqas ta' ħaddiema u n-nuqqas ta' proprjetà tan-negozju f'Ġibiltà.

([191]) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Marzu 2002, *Ramondin SA u Ramondín Cápsulas SA v Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-92/00 u T-103/00, ECLI:UE:T:2002:61, paragrafu 39.

([192]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2007, *L-Italja u Brandt Italia vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-239/04 u T-323/04, ECLI:UE:T:2007:260, paragrafu 66; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2009, *L-Italja vs Il-Kummissjoni*, T-211/05, ECLI:UE:T:2009:304, paragrafu 120; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Novembru 2011, *L-Italja* vs *Il-Kummissjoni*, C-458/09 P, ECLI:UE:C:2011:769, paragrafi 59 u 60.

([193]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 1999, *DMTransport*, C-256/97, ECLI:UE:C:1999:332, paragrafu 27.

([194]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Lulju 2013, *P Oy*, C-6/12 P, ECLI:UE:C:2013:525, paragrafu 27.

([195]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Lulju 2001 *Smits u Peerbooms*, C-157/99, ECLI:UE:C:2001:404, paragrafu 90; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Ġunju 2010, *Sporting Exchange Ltd, trading "Betfair" vs Minister van Justitie*, C-203/08, ECLI:UE:C:2010:307, paragrafu 50.

5.2.3. *Il-valutazzjoni ta' selettività materjali għall-miżuri li jnaqqsu l-imposti normali tal-impriżi*

126. Meta l-Istati Membri jadottaw miżuri pożittivi *ad hoc* li minnhom jibbenefikaw impriża waħda identifikata jew aktar (pereżempju, l-għoti ta' flus jew assi lil ċerti impriżi), huwa normalment faċli li jiġi konkluż li dawn il-miżuri għandhom karatteristika selettiva, minħabba li jirriżervaw trattament favorevoli għal impriża waħda jew aktar ([196]).

127. Is-sitwazzjoni tkun normalment anqas ċara meta l-Istati Membri jadottaw miżuri usa' applikabbli għall-impriżi kollha li jissodisfaw ċerti kriterji, li jimmitigaw l-imposti li dawn l-impriżi normalment ikollhom iħallsu (pereżempju, eżenzjonijiet tat-taxxa jew tas-sigurtà soċjali għal impriżi li jissodisfaw ċerti kriterji).

128. F'każijiet bħal dawn, is-selettività tal-miżuri normalment għandha tiġi vvalutata permezz ta' analiżi fi tliet stadji. L-ewwel nett, trid tiġi identifikata s-sistema ta' referenza. It-tieni, għandu jiġi determinat jekk miżura partikolari tikkostitwixxix deroga minn din is-sistema safejn din tagħmel distinzjoni bejn operaturi ekonomiċi li, fid-dawl tal-objettivi intrinsiċi għas-sistema, huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli. L-ivvalutar ta' jekk deroga teżistix huwa l-element ewlieni ta' din il-parti tat-test u jippermetti li ssir konklużjoni dwar jekk il-miżura hijiex selettiva *prima facie*. Jekk il-miżura inkwistjoni ma tikkostitwixxix deroga mis-sistema ta' referenza, ma tkunx selettiva. Madankollu, jekk tkun (u għalhekk hija selettiva *prima facie*), trid tiġi stabbilita, fit-tielet pass tat-test, jekk id-deroga hijiex ġustifikata min-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema (ta' referenza) ([197]). Jekk miżura selettiva *prima facie* hija ġġustifikata bin- natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema, din ma titqiesx bħala selettiva u taqa' barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat ([198]).

129. Madankollu, f'ċerti każijiet ma tistax tiġi applikata analiżi fi tliet stadji, filwaqt li jitqiesu l-effetti prattiċi tal-miżuri kkonċernati. Irid jiġi enfasizzat li l-Artikolu 107(1) tat-Trattat ma jagħmilx distinzjoni bejn il-miżuri ta' intervent mill-Istat fit-termini tal-kawżi jew l-għanijiet tagħhom, iżda jiddefinihom fir-rigward tal-effetti tagħhom, indipendentement mit-tekniki użati ([199]). Dan ifisser li f'ċerti każijiet eċċezzjonali mhuwiex biżżejjed li jiġi eżaminat jekk miżura partikolari tidderogax mir-regoli tas-sistema ta' referenza kif definit mill-Istat Membru kkonċernat. Huwa wkoll meħtieġ li jiġi evalwat jekk il-konfini tas-sistema ta' referenza ġewx imfassla b'mod konsistenti jew, għall-kuntrarju, b'mod arbitrarju jew ippreġudikat, biex jiffavorixxu ċerti impriżi li huma f'sitwazzjoni komparabbli fir-rigward tal-loġika sottostanti tas-sistema inkwistjoni.

130. Għaldaqstant, fil-Kawżi Magħquda C-106/09 P u C-107/09 P ([200]) dwar ir-riforma tat-taxxa ta' Ġibiltà, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet li s-sistema ta' referenza kif definita mill-Istat Membru konċernat, għalkemm ibbażata fuq kriterji li kienu ta' natura ġenerali, iddiskriminat fil-prattika bejn kumpaniji li kienu f'sitwazzjoni komparabbli fir-rigward tal-objettiv tar-riforma tat-taxxa, li jirriżulta f'vantaġġ selettiv mogħti lil kumpaniji offshore ([201]). F'dan ir-rigward, il-Qorti sabet li l-fatt li kumpaniji offshore ma kinux intaxxati ma kienx konsegwenza każwali tar-reġim, iżda l-konsegwenza inevitabbli tal-fatt li l-bażi ta' valutazzjoni kienet speċifikament iddisinjata b'tali mod li l-kumpaniji offshore ma kellhom l-ebda bażi għat-taxxa ([202]).

131. Verifika simili tista' tkun ukoll meħtieġa f'ċerti każijiet li jikkonċernaw imposti għal skopijiet speċjali, fejn ikun hemm elementi li jindikaw li l-limiti tal-imposti tfasslu b'mod evidentement arbitrarju jew preġudikat, sabiex

(196) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Ġunju 2015, *Il-Kummissjoni vs MOL*, C-15/14 P, ECLI:UE:C:2015:362, paragrafi 60 *et seq.*; L-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Mengozzi tas-27 ta' Ġunju 2013, *Deutsche Lufthansa*, C-284/12, ECLI:UE:C:2013:442, paragrafu 52.

(197) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-8 ta' Settembru 2011, *Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi*, C-279/08 P, ECLI:UE:C:2011:551, paragrafu 62; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Novembru 2001, *Adria-Wien Pipeline*, C-143/99, ECLI:UE:C:2001:598

(198) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafu 49 *et seq.*; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *GIL Insurance*, C-308/01, ECLI:UE:C:2004:252.

(199) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Diċembru 2008, *British Aggregates vs Il-Kummissjoni*, C-487/06 P, ECLI:UE:C:2008:757, paragrafi 85 u 89 u l-ġurisprudenza ċċitata; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi*, C-279/08 P, ECLI:UE:C:2011:551, paragrafu 51; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2011, *Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit*, Kawżi Magħquda C-106/09 P u C-107/09 P, ECLI:UE:C:2011:732, paragrafu 87.

(200) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2011, *Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit*, Kawżi Konġunti C-106/09 P u C-107/09 P, ECLI:UE:C:2011:732.

(201) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2011, *Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit*, Kawżi Magħquda C-106/09 P u C-107/09 P, ECLI:UE:C:2011:732 paragrafu 101 *et seq.*

(202) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2011, *Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit*, Kawżi Magħquda C-106/09 P u C-107/09 P, ECLI:UE:C:2011:732, paragrafu 106.

jiffavorixxu ċerti prodotti jew ċerti attivitajiet li huma f'sitwazzjoni komparabbli fir-rigward tal-loġika sottostanti tal-imposti inkwistjoni. Pereżempju, fil-*Ferring* ([203]), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li imposta fuq il-bejgħ dirett ta' prodotti mediċinali minn laboratorji farmatewtiċi iżda mhux fuq il-bejgħ minn bejjiegħa bl-ingrossa kienet selettiva. Fid-dawl taċ-ċirkostanzi fattwali partikolari — bħall-objettiv ċar tal-miżura u l-effetti tagħha — il-Qorti ma eżaminatx sempliċement jekk il-miżura kkonċernata twassalx għal deroga mis-sistema ta' referenza magħmula mill-imposta. Din qabblet ukoll is-sitwazzjonijiet tal-laboratorji farmatewtiċi (soġġetti għall-imposta) u tal-bejjiegħa bl-ingrossa (esklużi), tikkonkludi li n-nuqqas ta' impożizzjoni tat-taxxa fuq il-bejgħ dirett mill-bejjiegħa bl-ingrossa irriżulta li ngħataw eżenzjoni fiskali selettiva *prima facie* ([204]).

### 5.2.3.1. Identifikazzjoni tas-sistema ta' referenza

132. Is-sistema ta' referenza tikkostitwixxi l-valutazzjoni komparattiva li skontha tiġi vvalutata s-selettività ta' miżura.

133. Is-sistema ta' referenza hija magħmula minn sett konsistenti ta' regoli li japplikaw b'mod ġenerali — fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi — għall-impriżi kollha li jaqgħu fl-ambitu tagħha kif definit mill-objettiv tagħha. Tipikament, dawn ir-regoli jiddefinixxu mhux biss l-ambitu ta' din is-sistema, iżda wkoll il-kundizzjonijiet li taħthom tkun tapplika s-sistema, id-drittijiet u l-obbligi ta' impriżi soġġetti għaliha u t-teknikalitajiet tat-tħaddim tas-sistema.

134. Fil-każ ta' taxxi, is-sistema ta' referenza hija bbażata fuq l-elementi bħall-bażi għat-taxxa, il-persuni taxxabbli, l-avveniment taxxabbli u r-rati tat-taxxa. Pereżempju, sistema ta' referenza tista' tiġi identifikata fir-rigward tas-sistema fiskali fuq id-dħul korporattiv ([205]), is-sistema tal-VAT ([206]), jew is-sistema ġenerali ta' tassazzjoni ta' assigurazzjoni ([207]). L-istess japplika għal imposti bi skopijiet speċjali (awtonomi), bħal imposti fuq ċerti prodotti jew attivitajiet li jkollhom impatt negattiv fuq l-ambjent jew is-saħħa, li ma jagħmlux verament parti minn sistema ta' tassazzjoni usa'. Bħala riżultat, u soġġetta għal każijiet speċjali kif jidher fil-paragrafi 129 sa 131 hawn fuq, is-sistema ta' referenza hija, fil-prinċipju, l-imposta innifisha ([208]).

### 5.2.3.2. Deroga mis-sistema ta' referenza

135. Ladarba s-sistema ta' referenza tkun ġiet stabbilita, il-pass li jmiss tal-analiżi jikkonsisti f'li jiġi eżaminat jekk miżura partikolari tagħmilx differenza bejn impriżi f'deroga minn din is-sistema. Biex dan isir, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-miżura hijiex se tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerta merkanzija meta mqabbla ma' impriżi oħra li huma f'sitwazzjoni legali u fattwali simili, fid-dawl tal-objettiv intrinsiku tas-sistema ta' referenza ([209]). L-objettivi tal-politika esterna — bħal objettivi tal-politika reġjonali, ambjentali jew industrijali — ma jistgħux jiġu invokati mill-Istat Membru biex jiġġustifikaw trattament differenzjat ta' impriżi ([210]).

([203]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2001 *Ferring*, C-53/00, ECLI:UE:C:2001:627, paragrafu 20.
([204]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2001 *Ferring*, C-53/00, ECLI:UE:C:2001:627, paragrafi 19 u 20.
([205]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafu 50. Il-Qorti kultant tapplika f'dan il-kuntest it-terminu ta' "is-sistema ordinarja tat-taxxa" (ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 2006, *Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-182/03 u C-217/03, ECLI:UE:C:2006:416, paragrafu 95) jew "l-iskema tat-taxxa ġenerali" (ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Diċembru 2005, *l-Italja vs Il-Kummissjoni*, C-66/02, ECLI:UE:C:2005:768, paragrafu 100).
([206]) Ara r-raġunament tal-Qorti dwar is-selettività fis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 2005, *Heiser*, C-172/03, ECLI:UE:C:2005:130 paragrafi 40 *et seq.*
([207]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *GIL Insurance*, C-308/01, ECLI:UE:C:2004:252, paragrafi 75 u 78.
([208]) Ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2012, *British Aggregates Association vs Il-Kummissjoni*, T-210/02 RENV, ECLI:UE:T:2012:110, paragrafi 49 u 50. Anki jekk l-imposta tkun introdotta fis-sistema legali nazzjonali biex tittrasponi direttiva tal-Unjoni, din l-imposta tibqa' s-sistema ta' referenza.
([209]) Fis-sentenza tagħha tal-*Paint Graphos* il-Qorti madankollu indikat, li fid-dawl tal-partikolaritajiet ta' soċjetajiet kooperattivi li għandhom jikkonformaw ma' prinċipji operattivi partikolari, dawn l-impriżi ma jistgħux jitqiesu bħala li huma f'sitwazzjoni fattwali u legali komparabbli għal dik ta' kumpaniji kummerċjali, sakemm jaġixxu fl-interess ekonomiku tal-membri tagħhom u r-relazzjonijiet tagħhom mal-membri tagħhom mhumiex purament kummerċjali iżda personali u individwali, il-membri jkunu involuti b'mod attiv fit-tmexxija tan-negozju u intitolati għal distribuzzjoni ġusta tar-riżultati ekonomiċi (ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et.*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafu 61).
([210]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Lulju 2013, P *Oy* C-6/12 *P*, ECLI:UE:C:2013:525, paragrafu 27 et seq.

136. L-istruttura ta' ċerti imposti għal skopijiet speċjali (u b'mod partikolari dwar il-bażijiet għat-taxxa tagħhom), bħal taxxi ambjentali u tas-saħħa imposti biex jiskoraġġixxu ċerti attivitajiet jew prodotti li għandhom effett negattiv fuq l-ambjent jew is-saħħa tal-bniedem, normalment jintegraw l-objettivi ta' politika segwiti. F'każijiet bħal dawn, trattament differenzjat għal attivitajiet jew prodotti li s-sitwazzjoni tagħhom hija differenti mis-sitwazzjoni ta' dawk l-attivitajiet jew prodotti li huma soġġetti għat-taxxa fir-rigward tal-objettiv intrinsiku segwit, ma tistax tikkostitwixxi deroga ([211]).

137. Jekk miżura tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti li huma f'sitwazzjoni legali u fattwali komparabbli, il-miżura hija selettiva *prima facie*.

### 5.2.3.3. Ġustifikazzjoni bin-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema ta' referenza

138. Miżura li tidderoga mis-sistema ta' referenza (selettività *prima facie*) hija mhux selettiva jekk tkun iġġustifikata bin-natura jew l-iskema ġenerali ta' din is-sistema. Dan huwa l-każ fejn miżura tirriżulta direttament mill-prinċipji intrinsiċi bażiċi jew ta' gwida tas-sistema ta' referenza jew fil-każ li hija r-riżultat ta' mekkaniżmi inerenti meħtieġa għall-funzjonament u l-effikaċja tas-sistema ([212]). F'kuntrast ma' dan, mhuwiex possibbli li wieħed jiddependi fuq l-objettivi tal-politika esterni li mhumiex inerenti għas-sistema ([213]).

139. Il-bażi għal ġustifikazzjoni possibbli tista', pereżempju, tkun il-ħtieġa li jiġu miġġielda l-frodi jew l-evażjoni tat-taxxa, il-ħtieġa li jitqiesu r-rekwiżiti speċifiċi tal-kontabilità, il-ġestjoni amministrattiva, il-prinċipju ta' newtralità fiskali ([214]), in-natura progressiva tat-taxxa fuq l-introjtu u l-iskop ridistributtiv tagħha, il-ħtieġa li tiġi evitata t-taxxa doppja ([215]), jew l-objettiv li jiġi ottimizzat l-irkupru ta' djun fiskali.

140. L-Istati Membri għandhom, madankollu, jintroduċu u japplikaw proċeduri ta' kontroll u monitoraġġ xierqa biex jiġi żgurat li d-derogi huma konsistenti mal-loġika u l-iskema ġenerali tas-sistema fiskali ([216]). Biex id-derogi jiġu ġġustifikati min-natura jew mill-iskema ġenerali tas-sistema, huwa wkoll meħtieġ li jiġi żgurat li dawn il-miżuri jkunu proporzjonati u ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv leġittimu li jkun qed jiġi segwit, fis-sens li l-objettiv ma jistax jintlaħaq permezz ta' ([217]) miżuri anqas sinifikanti.

141. L-Istat Membru li jintroduċi differenzjazzjoni bejn l-impriżi jeħtieġ li jkun jista' juri li din id-distinzjoni hija effettivament iġġustifikata permezz tan-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema inkwistjoni ([218]).

---

([211]) Imposta introdotta fis-sistema legali nazzjonali li tittrasponi direttiva tal-UE li tipprovdi, fl-ambitu tagħha għal trattament differenzjat għal ċerti attivitajiet/prodotti tista' tindika li tali attivitajiet/prodotti huma f'sitwazzjoni differenti rigward l-objettiv intrinsiku segwit.

([212]) Ara pereżempju s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafu 69.

([213]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafi 69 u 70; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:UE:C:2006:511, paragrafu 81; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi*, C-279/08 P, ECLI:UE:C:2011:551; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Diċembru 2008, *British Aggregates vs Il-Kummissjoni*, C-487/06 P, ECLI:UE:C:2008:757; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Lulju 2013, P *Oy* C-6/12, ECLI:UE:C:2013:525, paragrafi 27 *et seq*.

([214]) Għal impriżi għal investiment kollettiv; ara taqsima 5.4.2

([215]) Fis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, il-Qorti rreferiet għall-possibbiltà ta' dipendenza fuq in-natura jew l-iskema ġenerali tas-sistema fiskali nazzjonali bħala ġustifikazzjoni għall-fatt li soċjetajiet kooperattivi li jqassmu l-profitti tagħhom kollha lill-membri tagħhom mhumiex intaxxati huma nfushom bħala kooperattivi, bil-kundizzjoni li t-taxxa tiġi imposta fuq il-membri individwali (paragrafu 71).

([216]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafu 74.

([217]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafu 75.

([218]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Novembru 2011, *Il-Kummissjoni u Spanja vs Il-Gvern ta' Ġibiltà u r-Renju Unit*, Kawżi Magħquda C-106/09 P u C-107/09 P, ECLI:UE:C:2011:732, paragrafu 146. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni*, C-159/01, ECLI:UE:C:2004:246, paragrafu 43; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:EU:C:2006:511.

## 5.3. Selettività reġjonali

142. Fil-prinċipju, huma biss il-miżuri li japplikaw fit-territorju kollu tal-Istat Membru li jevitaw il-kriterju tas-selettività ġeografiku stabbilit fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Madankollu, kif spjegat hawn taħt, is-sistema ta' referenza mhux bilfors għandha tkun definita bħala l-Istat Membru kollu (219). Minn dan isegwi li mhux il-miżuri kollha li japplikaw biss għal ċerti partijiet tat-territorju ta' Stat Membru jkunu awtomatikament selettivi.

143. Kif stabbiliti mill-ġurisprudenza (220), il-miżuri b'ambitu ta' applikazzjoni reġjonali jew lokali jistgħu ma jkunux selettivi jekk ċerti rekwiżiti jiġu ssodisfati. Din il-ġurisprudenza għadha sa issa ttrattat biss miżuri ta' tassazzjoni. Madankollu, minħabba li s-selettività reġjonali hija kunċett ġenerali l-prinċipji stabbiliti mill-Qrati tal-Unjoni fir-rigward ta' miżuri ta' tassazzjoni japplikaw għal tipi oħra ta' miżuri wkoll.

144. Sabiex tiġi vvalutata s-selettività reġjonali, tliet xenarji għandhom jiġu distinti (221):

(1) Fl-ewwel xenarju, li b'mod ċar jirriżulta fis-selettività reġjonali ta' miżura, il-gvern ċentrali ta' Stat Membru b'mod unilaterali jiddeċiedi li japplika livell aktar baxx ta' tassazzjoni f'żona ġeografika definita.

(2) It-tieni xenarju jikkorrispondi għal devoluzzjoni simetrika ta' setgħat tat-taxxa (222) — mudell ta' distribuzzjoni tal-kompetenzi tat-taxxa li fihom l-awtoritajiet infra-Statali fuq livell partikolari (reġjuni, distretti jew oħrajn) ta' Stat Membru jkollhom l-istess setgħa awtonoma fil-liġi biex jiddeċiedu r-rata applikabbli tat-taxxa fit-territorju tagħhom ta' kompetenza, indipendentement mill-gvern ċentrali. F'dan il-każ, il-miżuri deċiżi mill-awtoritajiet infra-Statali mhumiex selettivi, minħabba li huwa impossibbli li tiġi stabbilita rata tat-taxxa normali kapaċi li tikkostitwixxi l-qafas ta' referenza.

(3) Fit-tielet xenarju — id-devoluzzjoni asimetrika tas-setgħat tat-taxxa (223) — huma biss ċerti awtoritajiet reġjonali jew lokali li jistgħu jadottaw miżuri ta' tassazzjoni applikabbli fit-territorju tagħhom. F'dan il-każ, il-valutazzjoni tan-natura selettiva tal-miżura inkwistjoni tiddependi fuq jekk l-awtorità kkonċernata hijiex awtonoma biżżejjed mill-gvern ċentrali tal-Istat Membru (224). Dan ikun il-każ meta jiġu ssodisfati tliet kriterji kumulattivi ta' awtonomija: awtonomija istituzzjonali, proċedurali u ekonomika u finanzjarja (225). Jekk dawn il-kriterji kollha ta' awtonomija jkunu preżenti meta l-awtorità reġjonali jew lokali tiddeċiedi li tadotta miżura ta' tassazzjonita'applikabbli biss fit-territorju tagħha, f'dan il-każ ir-reġjun inkwistjoni, mhux l-Istat Membru, jikkostitwixxi l-qafas ta' referenza ġeografiku.

### 5.3.1. *Awtonomija istituzzjonali*

145. L-eżistenza tal-awtonomija istituzzjonali tista' tiġi stabbilita fejn id-deċiżjoni tal-miżura ta' tassazzjoni tkun ittieħdet minn awtorità reġjonali jew lokali bl-istatus kostituzzjonali, politiku u amministrattiv tagħha li huwa separat minn dak tal-gvern ċentrali. Fil-kawża *Azores*, il-Qorti osservat li l-Kostituzzjoni Portugiża rrikonoxxiet l-Azores bħala reġjun awtonomu bl-istatus politiku u amministrattiv tiegħu stess u l-istituzzjonijiet awtonomi, li għandhom ukoll il-kompetenza fiskali tagħhom stess, u s-setgħa li jadattaw id-dispożizzjonijiet fiskali nazzjonali għal karatteristiċi partikolari reġjonali (226).

(219) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:UE:C:2006:511, paragrafu 57; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2008, *Unión General de Trabajadores de La Rioja*, Kawżi Magħquda C-428/06 sa C-434/06, ECLI:UE:C:2008:488, paragrafu 47.

(220) Is-Sentenza tal-Qorti tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:UE:C:2006:511, paragrafi 57 *et seq*. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2008, *Unión General de Trabajadores de La Rioja*, Kawżi Konġunti C-428/06 sa C-434/06, ECLI:UE:C:2008:488, paragrafi 47 *et seq*

(221) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:UE:C:2006:511, paragrafi 63 sa 66.

(222) Ara l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Geelhoed tal-20 ta' Ottubru 2005, *Il-Portugall vs il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:UE:C:2006:618, paragrafu 60.

(223) L-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Geelhoed tal-20 ta' Ottubru 2005, *Il-Portugall vs il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:UE:C:2006:618, paragrafu 60.

(224) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:UE:C:2006:511, paragrafu 58: "*Ma jistax jiġi eskluż li korp infrastatali jkollha status ġuridiku u fattwali li jagħmilha awtonoma biżżejjed fil-konfront tal-gvern ċentrali ta' Stat Membru sabiex, permezz tal-miżuri li hija tadotta, tkun din l-entità, u mhux il-gvern ċentrali, li jkollha rwol fundamentali fid-definizzjoni tal-ambjent politiku u ekonomiku li fih joperaw l-impriżi.*"

(225) Is-Sentenza tal-Qorti tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:UE:C:2006:511, paragrafu 67.

(226) Is-Sentenza tal-Qorti tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:UE:C:2006:511, paragrafu 70.

146. Il-valutazzjoni ta' jekk dan il-kriterju jkunx ġie ssodisfat f'kull każ individwali għandha tinkludi, b'mod partikolari, l-eżami tal-kostituzzjoni u liġijiet rilevanti oħra ta' Stat Membru partikolari sabiex jiġi vverifikat jekk reġjun partikolari tabilħaqq għandux l-istatus politiku u amministrattiv separati tiegħu stess u jekk għandux l-istituzzjonijiet awtonomi tiegħu stess li għandhom is-setgħa jeżerċitaw il-kompetenza fiskali tagħhom stess.

### 5.3.2. *Awtonomija proċedurali*

147. L-eżistenza ta' awtonomija proċedurali tista' tiġi stabbilita fejn deċiżjoni dwar miżura ta' tassazzjoni tkun ġiet adottata mingħajr ma l-gvern ċentrali jkun jista' jintervjeni direttament biex jiġi ddeterminat il-kontenut tagħha.

148. Il-kriterju essenzjali għad-determinazzjoni ta' jekk teżistix awtonomija proċedurali mhijiex il-grad ta' kompetenza li l-korp infrastatali huwa rikonoxxut li għandu, iżda l-kapaċità ta' dan il-korp, fid-dawl tal-kompetenza tiegħu, li jadotta deċiżjoni dwar miżura ta' tassazzjoni b'mod indipendenti, jiġifieri mingħajr ma l-gvern ċentrali jkun jista' jintervjeni direttament rigward il-kontenut tagħha.

149. Il-fatt li teżisti proċedura ta' konsultazzjoni jew ta' konċiljazzjoni bejn l-awtoritajiet ċentrali u reġjonali (jew lokali) biex jiġu evitati kunflitti ma jfissirx awtomatikament li korp infrastatali ma għandux awtonomija proċedurali, sakemm huwa dan il-korp, u mhux il-gvern ċentrali, li għandu l-aħħar kelma dwar l-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni ([227]).

150. Is-sempliċi fatt li l-atti li korp infrastatali jadotta huma soġġetti għal rieżami ġudizzjarju ma jfissirx minnu nniffsu li dan il-korp ma għandux awtonomija proċedurali, minħabba li l-eżistenza ta' rieżami bħal dan hija karatteristika inerenti tal-istat tad-dritt ([228]).

151. Miżura ta' tassazzjoni reġjonali (jew lokali) ma għandhiex għalfejn tkun separata għal kollox mis-sistema fiskali aktar ġenerali biex din ma tikkostitwix għajnuna mill-Istat. B'mod partikolari, mhuwiex meħtieġ li s-sistema fiskali inkwistjoni (il-bażi tal-valutazzjoni, ir-rati tat-taxxa, ir-regoli tal-irkupru u l-eżenzjonijiet tat-taxxa) tkun iddelegata kompletament lill-korp infrastatali ([229]). Pereżempju, devoluzzjoni tat-taxxa korporattiva limitata għas-setgħa biex tvarja r-rati f'firxa limitata, mingħajr ma taffettwa s-setgħa li tbiddel il-bażi ta' valutazzjoni (konċessjonijiet tat-taxxa u eżenzjonijiet, eċċ.), tista' titqies li ssodisfat il-kundizzjoni ta' awtonomija proċedurali jekk il-medda tar-rata predefinita tippermetti lir-reġjun ikkonċernat li jeżerċita setgħat awtonomi sinifikanti ta' tassazzjoni, mingħajr ma l-gvern ċentrali jkun jista' jintervjeni direttament fir-rigward tal-kontenut tagħha.

### 5.3.3. *Awtonomija ekonomika u finanzjarja*

152. L-eżistenza ta' awtonomija ekonomika u finanzjarja tista' tiġi stabbilita fejn korp infra-Statali jieħu r-responsabbiltà għall-konsegwenzi politiċi u finanzjarji ta' miżura ta' tnaqqis tat-taxxi. Dan ma jistax ikun il-każ jekk il-korp infra-Statali ma jkunx responsabbli għall-ġestjoni ta' baġit, jiġifieri meta ma għandux kontroll kemm tad-dħul kif ukoll tan-nefqa.

153. Għalhekk, billi tiġi stabbilita l-eżistenza ta' awtonomija ekonomika u finanzjarja, il-konsegwenzi finanzjarji tal-miżura ta' tassazzjoni fir-reġjun ma jridx jiġi kkumpensat minn għajnuna jew sussidji minn reġjuni oħra jew mill-gvern ċentrali. Għalhekk, l-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-miżura ta' tassazzjoni adottata minn korp infrastatali u l-appoġġ finanzjarju minn reġjuni oħra jew il-gvern ċentrali tal-Istat Membru kkonċernat teskludi l-eżistenza ta' tali awtonomija ([230]).

([227]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2008, *Unión General de Trabajadores de La Rioja*, Kawżi Magħquda C-428/06 sa C-434/06, ECLI:UE:C:2008:488, paragrafi 96 sa 100.

([228]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2008, *Unión General de Trabajadores de La Rioja*, Kawżi Magħquda C-428/06 sa C-434/06, ECLI:UE:C:2008:488, paragrafi 80 sa 83.

([229]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2006, *Il-Portugall vs Il-Kummissjoni*, C-88/03, ECLI:EU:C:2006:511.

([230]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Settembru 2008, *Unión General de Trabajadores de La Rioja*, Kawżi Konġunti C-428/06 sa C-434/06, ECLI:UE:C:2008:488, paragrafi 129 *et seq.*

154. L-eżistenza ta' awtonomija ekonomika u finanzjarja ma tiddgħajjifx bil-fatt li nuqqas ta' dħul mit-taxxa bħala riżultat tal-implimentazzjoni ta' setgħat devoluti tat-taxxa (preżempju rata tat-taxxa aktar baxxa) huwa paċut minn żieda parallela fl-istess dħul minħabba l-ħolqien ta' negozji ġodda attirati mir-rati aktar baxxi.

155. Il-kriterji tal-awtonomija ma jeħtiġux li r-regoli li jirregolaw il-ġbir tat-taxxa jaqaw f'idejn l-awtoritajiet reġjonali jew lokali, u lanqas ma jeħtieġu li d-dħul tat-taxxa jinġabar fil-fatt minn dawk l-awtoritajiet. Il-gvern ċentrali jista' jkompli jkun responsabbli għall-ġbir ta' taxxi devoluti jekk il-kost tal-ġbir jaqa' fuq l-awtorità infrastatali.

## 5.4. Kwistjonijiet speċifiċi dwar miżuri ta' tassazzjoni

156. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar il-politika ekonomika li huma jqisu bħala l-aktar xierqa u, b'mod partikolari, biex iqassmu l-piż tat-taxxa kif jidhrilhom xieraq fid-diversi fatturi ta' produzzjoni. Madankollu, l-Istati Membri jridu jeżerċitaw din il-kompetenza skont il-liġi tal-Unjoni ([231]).

### 5.4.1. *Soċjetajiet kooperattivi*

157. Fil-prinċipju, soċjetajiet kooperattivi ġenwini jikkonformaw ma' prinċipji operattivi li jiddistingwuhom minn operaturi ekonomiċi oħra ([232]). B'mod partikolari, dawn huma soġġetti għal rekwiżiti ta' sħubija speċifiċi u l-attivitajiet tagħhom jitmexxew għall-benefiċju tal-membri tagħhom ([233]), mhux fl-interess tal-investituri barranin. Barra minn hekk, ir-riżervi u l-assi mhumiex distribwibbli u jridu jkunu ddedikati għall-interess komuni tal-membri. Fl-aħħar nett, il-kooperattivi ġeneralment għandhom aċċess limitat għas-swieq tal-ekwità u jiġġeneraw marġni ta' profitt baxx.

158. Fid-dawl ta' dawn il-karatteristiċi partikolari, il-kooperattivi jistgħu jitqiesu bħala li mhumiex f'sitwazzjoni fattwali u ġuridika komparabbli ma' dik ta' kumpaniji kummerċjali, u b'hekk it-trattament tat-taxxa preferenzjali għall-kooperattivi jista' jaqa' barra l-ambitu tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sakemm ([234]):

— dawn jaġixxu fl-interess ekonomiku tal-membri tagħhom;

— ir-relazzjonijiet tagħhom mal-membri mhumiex purament kummerċjali, iżda personali u individwali;

— il-membri huma involuti b'mod attiv fit-tmexxija tan-negozju;

— huma intitolati għal distribuzzjoni ġusta tar-riżultati tal-prestazzjoni ekonomika.

159. Jekk, madankollu, jinstab li s-soċjetà kooperattiva taħt eżami tkun komparabbli għall-kumpaniji kummerċjali, għandha tiġi inkluża fl-istess qafas ta' referenza bħala kumpaniji kummerċjali u tgħaddi mill-analiżi fi tliet stadji kif stabbilit fil-paragrafi 128 sa 141. It-tielet pass ta' din l-analiżi, jeħtieġ analiżi ta' jekk ir-reġim tat-taxxa inkwistjoni hijiex iġġustifikata bil-loġika tas-sistema fiskali ([235]).

160. Għal dan il-għan, ta' min jinnota li l-miżura teħtieġ li tkun konformi mal-prinċipji bażiċi jew ta' gwida tas-sistema fiskali tal-Istat Membru (b'referenza għall-mekkaniżmi inerenti għal din is-sistema). Deroga għal

([231]) B'mod partikolari, l-Istati Membri ma għandhomx jintroduċu jew iżommu leġiżlazzjoni li tinvolvi għajnuna mill-Istat inkompatibbli jew diskriminazzjoni li tmur kontra l-libertajiet fundamentali. Ara, pereżempju, Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 2009, *Glaxo Wellcome*, C-182/08, ECLI:UE:C:2009:559, paragrafu 34 u l-ġurisprudenza ċċitata.

([232]) Ara l-preambolu għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1435/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-Istatut ta' Soċjetà Kooperattiva Ewropea (SCE).

([233]) Il-kontroll tal-kooperattivi jaqa' b'mod ugwali f'idejn il-membri, kif rifless fir-regola "persuna waħda, vot wieħed".

([234]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafi 55 u 61.

([235]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafi 69 sa 75.

soċjetajiet kooperattivi fis-sens li mhumiex intaxxati bħala kooperattivi, tista', pereżempju, tkun iġġustifikata mill-fatt li jqassmu l-profitti tagħhom kollha lill-membri tagħhom u mbagħad dik it-taxxa tiġi imposta fuq dawk il-membri individwali. F'kull każ, it-tassazzjoni mnaqqsa trid tkun proporzjonali u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ. Barra minn hekk, proċeduri ta' kontroll u monitoraġġ xierqa jridu jkunu applikati mill-Istat Membru kkonċernat ([236]).

### 5.4.2. *Impriżi għal investiment kollettiv* ([237])

161. Huwa ġeneralment aċċettat li strumenti ta' investiment, bħal impriżi ta' investiment kollettiv ([238]), għandhom jiġu soġġetti għal livell xieraq ta' tassazzjoni minħabba li dawn bażikament jaħdmu bħala korpi intermedjarji bejn investituri (terzi) u l-kumpaniji fil-mira li huma soġġetti għal investiment. In-nuqqas ta' regoli tat-taxxa speċjali li jirregolaw fondi jew kumpaniji ta' investiment jistgħu jirriżultaw f'fond ta' investiment li jiġi ttrattat bħala kontribwent separat — b'saff addizzjonali ta' taxxa imposta fuq xi dħul jew qligħ mill-istrument intermedjarju. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri ġeneralment ifittxu li jnaqqsu l-effetti tat-tassazzjoni negattivi fuq l-investimenti permezz tal-fondi jew kumpaniji ta' investiment imqabbla ma' investimenti diretti minn investituri individwali u, sa fejn hu possibbli, biex jiġi żgurat li l-piż tat-taxxa finali ġenerali fuq il-basket ta' diversi tipi ta' investimenti huwa kważi l-istess, irrispettivament mill-istrument użat għall-investiment.

162. Miżuri ta' tassazzjoni mmirati biex jiżguraw in-newtralità tat-taxxa għall-investimenti f'fondi kollettivi ta' investiment jew kumpaniji ma għandhomx jitqiesu bħala selettivi fejn dawn il-miżuri ma jkollhomx l-effett li jiffavorixxu ċerti impriżi għal investiment kollettiv jew ċerti tipi ta' investimenti ([239]), iżda pjuttost inaqqsu jew jeliminaw tassazzjoni ekonomika doppja skont il-prinċipji ġenerali inerenti għas-sistema fiskali inkwistjoni. Għall-finijiet ta' din it-taqsima, in-newtralità tat-taxxa tfisser li l-kontribwenti jiġu ttrattati l-istess kemm jekk jinvestu f'assi, bħal titoli tal-gvern u l-ishma ta' kumpaniji b'ishma konġunti, direttament jew indirettament permezz tal-fondi ta' investiment. Għaldaqstant, reġim tat-taxxa għall-impriżi għal investiment kollettiv li jirrispetta l-iskop ta' trasparenza fiskali fil-livell tal-istrument intermedjarju jista' jiġi ġġustifikat bil-loġika tas-sistema fiskali inkwistjoni, sakemm il-prevenzjoni ta' tassazzjoni ekonomika doppja tikkostitwixxi prinċipju inerenti għas-sistema fiskali inkwistjoni. B'kuntrast, trattament tat-taxxa preferenzjali limitat għal strumenti ta' investiment definiti sew li jissodisfa kundizzjonijiet speċifiċi ([240]) għad-detriment ta' strumenti oħra ta' investiment li huma f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali komparabbli għandu jitqies bħala selettiv ([241]), pereżempju, fejn ir-regoli tat-taxxa jipprevedu trattament favorevoli ta' impriża nazzjonali, l-impatt soċjali jew fondi ta' investiment fuq terminu twil u armonizzati u jħallu barra fondi armonizzati mill-UE EuVECA ([242]), EuSEF ([243]) jew ELTIF ([244]).

163. Madankollu, in-newtralità fiskali ma tfissirx li tali strumenti ta' investiment jeħtieġ li jkunu kompletament eżenti minn kull taxxa jew li l-maniġers tal-fond jeħtieġ li jkunu eżenti mit-taxxa fuq it-tariffi mitluba minnhom

([236]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Settembru 2011, *Paint Graphos et al*, Kawżi Magħquda C-78/08 sa C-80/08, ECLI:UE:C:2011:550, paragrafi 74 u 75.

([237]) Din it-taqsima mhijiex limitata għal impriżi ta' investiment kollettiv soġġetta għad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kolletiv f'titoli trasferibbli (UCITS). Din tkopri wkoll tipi oħra ta' impriżi ta' investiment kollettiv li mhumiex koperti b'din id-Direttiva, bħal — fost l-oħrajn — Fondi ta' Investiment Alternattivi kif definiti fid-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

([238]) Dawn l-impriżi jistgħu jiġu kkostitwiti skont id-dritt kuntrattwali (bħala fondi komuni amministrati minn kumpanniji ta' amministrazzjoni) jew id-dritt tat-trusts (bħala unitajiet ta' trusts) jew taħt statut (bħala kumpaniji ta' investiment). Ara l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva tal-UCITS.

([239]) Ara s-Sentenza tal Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2009, *Associazione italiana del risparmio gestito and Fineco Asset Management vs Il-Kummissjoni*, T-445/05, ECLI:UE:T:2009:50, paragrafu 78 *et seq.* fejn il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/638/KE tas-6 ta' Settembru 2005, (ĠU L 268, 27.9.2006, p. 1), li tiddikjara skema ta' għajnuna li tipprovdi ċerti impriżi b'inċentivi ta' taxxa għall-investiment kollettiv f'titoli trasferibbli li jispeċjalizzaw f'ishma ta' kumpaniji ta' kapitalizzazzjoni żgħar jew ta' daqs medju li jistgħu jiġu negozjati fis-suq Ewropew regolat, bħala inkompatibbli mas-suq komuni.

([240]) Pereżempju, trattament ta' taxxa preferenzjali fuq il-livell tal-istrument ta' investiment li jkun kondizzjonali fuq l-investiment ta' tliet kwarti tal-assi tal-fond fl-SMEs.

([241]) Ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Marzu 2009, *Associazione Italiana del risparmio gestito u Fineco Asset Management vs Il-Kummissjoni*, T-445/05, ECLI:UE:T:2009:50, paragrafu 150.

([242]) Ir-Regolament (UE) Nru 345/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar fondi Ewropej ta' kapital tar-riskju (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 1).

([243]) Ir-Regolament (UE) Nru 346/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar il-fondi ta' intraprenditorija soċjali Ewropej (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 18).

([244]) Ir-Regolament (UE) 2015/760 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar il-Fondi ta' Investiment fuq Terminu Twil (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 98).

għall-ġestjoni tal-assi sottstanti investiti mill-fondi ([245]). U lanqas jiġġustifika trattament fiskali aktar favorevoli ta' investiment kollettiv minn ta' investiment individwali għar-reġim tat-taxxa inkwistjoni ([246]). F'każijiet bħal dawn, ir-reġim tat-taxxa jkun sproporzjonat u jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-objettiv li tkun evitata t-taxxa doppja u għalhekk jikkostitwixxi miżura selettiva.

### 5.4.3. *L-amnestiji tat-taxxa*

164. L-amnestiji tat-taxxa normalment jinvolvu immunità minn penali kriminali, multi u pagamenti ta' imgħax (kollha jew xi wħud minnhom). Filwaqt li ċerti amnestiji jeħtieġu pagament totali tal-ammonti ta' taxxa dovuti ([247]), oħrajn jinvolvu eżenzjoni parzjali tal-ammont ta' taxxa dovut ([248]).

165. B'mod ġenerali, miżura ta' amnestija tat-taxxa li tapplika għall-impriżi tista' tiġi kkunsidrata bħala miżura ġenerali jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' hawn taħt ([249]).

166. L-ewwel nett, il-miżura hija effettivament miftuħa għal kull impriża ta' kull settur jew daqs li għandha obbligazzjonijiet tat-taxxa dovuti li jkunu pendenti fid-data stabbilita mill-miżura, mingħajr ma tiffavorixxi xi grupp ta' impriżi definiti minn qabel. It-tieni, dan ma jinvolvi l-ebda selettività *de facto* favur ċerti impriżi jew setturi. It-tielet, l-azzjoni tal-amministrazzjoni tat-taxxa hija limitata biex tamministra l-implimentazzjoni tal-amnestija tat-taxxa mingħajr kull setgħa diskrezzjonali li tintervjeni fl-għoti jew l-intensità tal-miżura. Fl-aħħar nett, il-miżura ma tinvolvix eżenzjoni minn verifika.

167. Applikazzjoni temporali limitata tal-amnestiji tat-taxxa, li japplikaw biss għal perjodu qasir ([250]) għal obbligazzjonijiet ta' taxxa li kienu dovuti qabel id-data definita minn qabel u li jkunu għadhom dovuti fil-ħin tal-introduzzjoni tal-amnestija tat-taxxa, hija inerenti għall-kunċett ta' amnestija tat-taxxa li għandu l-għan li jtejjeb kemm il-ġbir tat-taxxi kif ukoll il-konformità tal-kontribwenti.

168. Il-miżuri tal-amnestija tat-taxxa jistgħu wkoll ikunu kkunsidrati bħala miżuri ġenerali jekk isegwu l-objettiv tal-leġiżlatur nazzjonali li jiżguraw konformità mal-prinċipju ġenerali tal-liġi, bħall-prinċipju li sentenza trid tingħata f'perjodu ta' żmien raġonevoli ([251]).

### 5.4.4. *Id-deċiżjonijiet dwar it-taxxa u ftehimiet*

#### 5.4.4.1. Deċiżjonijiet amministrattivi dwar it-taxxa

169. Il-funzjoni ta' deċiżjoni tat-taxxa hija li tiġi stabbilita minn qabel l-applikazzjoni tas-sistema fiskali ordinarja għal każ partikolari fid-dawl tal-fatti u ċ-ċirkostanzi speċifiċi tiegħu. Għal raġunijiet ta' ċertezza ġuridika, ħafna awtoritajiet nazzjonali tat-taxxa jipprovdu deċiżjonijiet amministrattivi minn qabel dwar kif tranżazzjonijiet speċifiċi se jiġu ttrattati fiskalment ([252]). Dan jista' jsir sabiex jiġi stabbilit bil-quddiem kif id-dispożizzjonijiet ta'

---

([245]) Il-loġika ta' newtralità wara t-tassazzjoni tal-impriżi ta' investiment tapplika għall-fond ta' kapital, iżda mhux għad-dħul u l-kapital tal-kumpaniji maniġerjali stess. Ara d-Deċiżjoni dwar l-Għajnuna mill-Istat tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tat-18 ta' Marzu 2009 rigward it-tassazzjoni tal-impriżi ta' investiment fil-Liechtenstein.

([246]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Mejju 2010, N131/2009, il-Finlandja, l-iskema tar-Residential Real Estate Investment Trust (REIT),(ĠU C 178, 3.7.2010, p. 1), premessa 33.

([247]) L-amnestiji tat-taxxa jistgħu jipprovdu wkoll il-possibbiltà li wieħed jirrapporta assi jew dħul mhux iddikjarat.

([248]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Marzu 2012, *Ministero dell' Economia e delle Finanze* (C-417/10, ECLI:EU:C:2012:184, paragrafu 12).

([249]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2012 dwar il-miżura tal-amnestija tat-taxxa notifikata mil-Latvja, SA. 33183, (ĠU C 1, 4.1.2013, p. 6).

([250]) Il-perjodu ta' applikazzjoni għandu jkun biżżejjed biex jippermetti li l-kontribwenti kollha li għalihom tapplika l-miżura jfittxu li jibbenefikaw minnha.

([251]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Marzu 2012, *Ministero dell'Economia e delle Finanze,* C-417/10, ECLI:UE:C:2012:184, paragrafi 40, 41 u 42.

([252]) Xi Stati Membri adottaw ċirkolari li jirregolaw l-iskop u l-livell tal-prattiki tad-deċiżjoni tagħhom. Xi wħud minnhom jippubblikaw ukoll id-deċiżjonijiet tagħhom.

trattat fiskali bilaterali jew id-dispożizzjonijiet fiskali nazzjonali se jiġu applikati għal każ partikolari jew kif "il-profitti f'kompetizzjoni ħielsa" (*arm's length*) se jiġu stabbiliti għal tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati fejn l-inċertezza tiġġustifika deċiżjoni bil-quddiem biex jiġi aċċertat jekk ċerti tranżazzjonijiet intragrupp humiex ipprezzati skont il-prinċipju tal-"profitti f'kompetizzjoni ħielsa" (*arm's length*) ([253]). L-Istati Membri jistgħu jipprovdu lill-kontribwenti tagħhom b'ċertezza ġuridika u prevedibbiltà dwar l-applikazzjoni ta' regoli tat-taxxa ġenerali, li tkun żgurata bl-aħjar mod jekk il-prassi tagħha tad-deċiżjonijiet amministrattivi tkun trasparenti u d-deċiżjonijiet jiġu ppubblikati.

170. L-għoti ta' deċiżjoni tat-taxxa għandu, madankollu, jirrispetta r-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Fejn deċiżjoni tat-taxxa tapprova riżultat li ma jirriflettix b'mod affidabbli dak li jirriżulta minn applikazzjoni normali ta' sistema fiskali ordinarja, dik id-deċiżjoni tista' tagħti vantaġġ selettiv fuq id-destinatarju, sa fejn dan it-trattament selettiv jirriżulta fi tnaqqis tal-obbligazzjonijiet taxxabbli tad-destinatarju taxxabbli fl-Istat Membru meta mqabbel ma' kumpaniji f'sitwazzjoni legali u fattwali simili.

171. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tnaqqis fil-bażi taxxabbli ta' impriża li jirriżulta minn miżura ta' tassazzjoni li tippermetti li persuna taxxabbli tuża l-ipprezzar tat-trasferimenti fi tranżazzjonijiet intragrupp li ma jikkorrispondux għal prezzijiet li jintalbu f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ħielsa (*arm's length*) bejn impriżi indipendenti taħt ċirkostanzi simili ta' negozjati distakkati tagħti vantaġġ selettiv lil din il-persuna taxxabbli, minħabba l-fatt li l-obbligazzjoniijet taxxabbli tagħha taħt is-sistema fiskali ordinarja hija mnaqqsa meta mqabbel ma' kumpaniji indipendenti li jinvokaw il-profitt effettivament irreġistrat biex jiddetermina l-bażi taxxabbli tagħhom ([254]). Għaldaqstant, deċiżjoni tat-taxxa li tapprova metodoloġija tal-ipprezzar tat-trasferimenti biex jiġi determinat il-profitt taxxabbli ta' entità ta' grupp korporattiv li ma jirriżultax f'approssimazzjoni affidabbli ta' riżultat ibbażat fuq is-suq f'konformità mal-prinċipju ta' kompetizzjoni ħielsa (*arm's length*) tagħti vantaġġ selettiv lil min jirċeviha. It-tfittxija għal "approssimazzjoni affidabbli ta' riżultat ibbażata fuq is-suq" tfisser li kull devjazzjoni mill-aħjar stima ta' riżultat ibbażata fuq is-suq trid tkun limitata u proporzjonata għall-inċertezza inerenti fil-metodu ta' pprezzar ta' trasferiment magħżul jew l-għodod ta' statistika użati għal dan l-eżerċizzju ta' approssimazzjoni.

172. Dan il-prinċipju ta' kompetizzjonin ħielsa (*arm's length*) neċessarjament jagħmel parti mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-miżuri ta' tassazzjoni mogħtija lil kumpaniji tal-grupp skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat, indipendentement minn jekk Stat Membru jkunx inkorpora dan il-prinċipju fis-sistema legali nazzjonali tiegħu u f'liema forma. Dan jintuża biex jiġi stabbilit jekk il-profitt taxxabbli ta' kumpanija fi grupp għal finijiet tat-taxxa fuq id-dħul korporattiv kienx iddeterminat abbażi ta' metodoloġija li tipproduċi approssimazzjoni affidabbli tar-riżultat ibbażata fuq is-suq. Deċiżjoni tat-taxxa li tapprova metodoloġija bħal din tiżgura li din il-kumpanija ma tiġix trattata b'mod favorevoli skont ir-regoli ordinarji tat-tassazzjoni korporattiva ta' profitti fl-Istat Membru kkonċernat meta mqabbla ma' kumpaniji indipendenti li huma intaxxati fuq il-profitt tagħhom ta' kontabilità, li jirrifletti l-prezzijiet stabbiliti fis-suq nnegozjati fuq il-bażi tal-prinċipju tal-kompetizzjoni ħielsa (*arm's length*). Il-prinċipju ta' kompetizzjoni ħielsa (*arm's length*) tad-distakkament li l-Kummissjoni tapplika fil-valutazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' pprezzar ta' trasferiment skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat hija għaldaqstant applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat, li jipprojbixxi trattament mhux ugwali fit-tassazzjoni ta' impriżi f'sitwazzjoni fattwali u legali simili. Dan il-prinċipju jorbot lill-Istati Membri u r-regoli nazzjonali tat-taxxa mhumiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu ([255]).

([253]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża SA.38374, Starbucks, li għadha mhix ippubblikata, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża SA.38375, Fiat, li għadha mhix ippubblikata, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2016 fil-Kawża SA.37667, rigward skema tal-għajnuna mill-Istat dwar eżenzjoni tal-profitt żejjed, li għadha mhix ippubblikata. Il-każijiet kollha huma taħt appell.

([254]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 2006, *Il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-182/03 u C-217/03, ECLI:UE:C:2006:416. F'dak is-sentenza dwar is-sistema fiskali Belġjana taċ-ċentri ta' koordinazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja vvalutat kontestazzjoni ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni (id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/757/KE tas-17 ta' Frar 2003, dwar l-iskema ta' għajnuna implementata mill-Belġju favur ċentri ta' koordinazzjoni stabbiliti fil-Belġju, (ĠU L 282, 30.10.2003, p. 25) li kkonkluda, fost l-oħrajn, li l-metodu ta' determinazzjoni tad-dħul taxxabbli taħt din is-sistema tat vantaġġ selettiv lil dawn iċ-ċentri. Skont din is-sistema, il-profitt taxxabbli huwa stabbilit f'ammont b'rata fissa, li jikkorrispondi għal perċentwali tal-ammont totali tal-kostijiet u tal-kostijiet operatorji, li minnhom jiġu esklużi il-kostijiet tal-persunal u l-piżijiet finanzjarji. Skont il-Qorti, "*sabiex jiġi deċiż jekk metodu ta' valutatazzjoni ta' dħul taxxabbli bħal dak stabbilit skont is-sistema għal ċentri ta' koordinazzjoni jagħtix vantaġġ fuqhom, huwa meħtieġ [...], li din is-sistema titqabbel mas-sistema fiskali ordinarja abbażi tad-differenza bejn il-profitt u l-ħruġ ta' impriża li tkompli bl-attivitajiet tagħha f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ħielsa.*" Il-Qorti mbagħad qieset li "*l-effett tal-esklużjoni ta' [kostijiet tal-persunal u l-kostijiet finanzjarji] min-nefqa li sservi biex jiġi ddeterminat id-dħul taxxabbli taċ-ċentri huwa li l-prezzijiet tat-trasferiment mhumiex bħal dawk li jkunu imposti f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ħielsa;*" li l-Qorti sabet li "*jagħtu vantaġġ fuq iċ-ċentri ta' koordinazzjoni*" (paragrafi 96 u 97).

([255]) Ara s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 2006, *Belgium u Forum 187 vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-182/03 u C-217/03, ECLI:UE:C:2006:416, paragrafu 81. Ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Marzu 2015 *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni*, T-538/11, ECLI:UE:T:2015:188, paragrafi 65 u 66 u l-ġurisprudenza ċċitata.

173. Meta jiġi eżaminat jekk deċiżjoni ta' ppreżżar tat-trasferiment hijiex konformi mal-prinċipju tal-kompetizzjoni ħielsa (*arm's length*) fl-Artikolu 107(1) tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra l-gwida pprovduta mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi ("OECD"), b'mod partikolari "il-Linji Gwida tal-OECD għall-Ipprezzar tat-Trasferimenti għall-Intrapriżi Multinazzjonali u għall-Amministrazzjonijiet tat-Taxxa". Dawn il-linji gwida ma jittrattawx kwistjonijiet ta' għajnuna mill-Istat per se, iżda jagħtu l-kunsens internazzjonali dwar l-ipprezzat tat-trasferiment u jipprovdu gwida utli għall-amministrazzjonijiet tat-taxxa u l-impriżi multinazzjonali dwar kif jiġi żgurat li metodoloġija ta' pprezzar tat-trasferiment tipproduċi riżultat f'konformità mal-kundizzjonijiet tas-suq. Għaldaqstant, jekk arranġament tal-ipprezzar tat-trasferiment ikun konformi mal-gwida pprovduta mil-Linji Gwida dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment tal-OECD, inkluża gwida dwar l-għażla tal-metodu l-iktar xieraq u li jwassal għal approssimazzjoni affidabbli tar-riżultat ibbażata fuq is-suq, mhux probabbli li deċiżjoni tat-taxxa li tapprova dak l-arranġament tirriżulta f' għajnuna mill-Istat.

174. Fi ftit kliem, id-deċiżjonijiet tat-taxxa jagħtu vantaġġ selettiv lill-indirizzati b'mod partikolari fejn:

(a) id-deċiżjoni tapplika l-liġi tat-taxxa nazzjonali b'mod żbaljat u dan jirriżulta f'ammont aktar baxx ta' taxxa ([256]);

(b) id-deċiżjoni mhijiex disponibbli għall-impriżi f'sitwazzjoni ġuridika u fattwali simili ([257]); jew

(c) l-amministrazzjoni tapplika trattament tat-taxxa aktar "favorevoli" meta mqabbel ma' kontribwenti oħrajn fl-istess sitwazzjoni legali u fattwali. Dan jista', pereżempju, ikun il-każ fejn l-awtorità tat-taxxa taċċetta arranġament tal-ipprezzar tat-trasferiment li mhuwiex skont il-prinċipju tal-kompetizzjoni ħielsa (*arm's length*) għax il-metodoloġija approvata minn dik id-deċiżjoni tipproduċi riżultat li ma jsegwix approssimazzjoni affidabbli tar-riżultat ibbażat fuq is-suq ([258]). L-istess japplika jekk id-deċiżjoni tippermetti li d-destinatarji tagħha jużaw metodi alternattivi u aktar indiretti għall-kalkolu tal-profitti taxxabbli, pereżempju l-użu ta' marġini fissi għal kost b'addenda jew fuq metodu tal-prezz ta' bejgħ mill-ġdid għad-determinazzjoni ta' pprezzar tat-trasferiment xieraq, filwaqt li jkunu disponibbli dawk aktar diretti ([259]).

### 5.4.4.2. Tranżazzjonijiet fiskali

175. It-tranżazzjonijiet fiskali ġeneralment iseħħu fil-kuntest ta' tilwim bejn kontribwent u l-awtoritajiet tat-taxxa dwar l-ammont ta' taxxa dovut. Dawn jikkostitwixxu prassi komuni f'għadd ta' Stati Membri. Il-konklużjoni ta' tali tranżazzjonijiet fiskali tippermetti lill-awtoritajiet tat-taxxa li jevitaw tilwim ġuridiku fit-tul quddiem il-ġuriżdizzjonijiet nazzjonali u biex tiżgura rkupru malajr tat-taxxa dovuta. Filwaqt li l-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam mhijiex diskutibbli, għajnuna mill-Istat tista' tkun involuta fi tranżazzjoni fiskali, b'mod partikolari fejn jidher li l-ammont tat-taxxa dovut tnaqqas mingħajr ġustifikazzjoni ċara (bħall-ottimizzazzjoni tal-irkupru tad-dejn) jew b'mod sproporzjonat għall-benefiċċju tal-kontribwent ([260]).

---

([256]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/601/KE tas-17 ta' Frar 2003 dwar l-iskema ta' għajnuna tad-Dħul Barrani implimentata mill-Irlanda, (ĠU L 204, 13.8.2003, p. 51), premessi 33 sa 35.

([257]) Pereżempju, dan ikun il-każ jekk xi impriżi involuti fi tranżazzjonijiet ma' entitajiet ikkontrollati mhumiex permessi li jitolbu tali deċiżjonijiet, għall-kuntrarju ta' kategorija ta' impriża definita minn qabel. Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/77/KE tal-24 ta' Ġunju 2003 dwar is-sistema ta' deċiżjonijiet fiskali għall-korporazzjonijiet barranin ta' bejgħ tal-Istati Uniti, (ĠU L 23, 28.1.2004, p. 14), premessi 56 sa 62.

([258]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża SA.38374, Starbucks, li għadha mhix ippubblikata, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża SA.38375, Fiat, li għadha mhix ippubblikata, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Jannar 2016 fil-Kawża SA.37667, skema tal-għajnuna mill-Istat dwar eżenzjoni tal-profitt żejjed, li għadha mhix ippubblikata, il-każijiet kollha huma taħt appell.

([259]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/438/KE tas-16 ta' Ottubru 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat C 50/2001, Lussemburgu Finance Companies, (ĠU L 153, 20.6.2003, p. 40), premessi 43 u 44; Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/501/KE tas-16 ta' Ottubru 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat C 49/2001, Lussemburgu Coordination centres, (ĠU L 170, 9.7.2003, p. 20), premessi 46, 47 u 50; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/757/KE tas-17 ta' Frar 2003, Belgian Coordination centres, (ĠU L 282, 30.10.2003, p. 25), premessi 89 sa 95 u s-Sentenza relatata tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ġunju 2006 *il-Belġju u Forum 187 vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda C-182/03 u C-217/03, ECLI:UE:C:2006:416, paragrafi 96 u 97; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/76/KE tat-13 ta' Mejju 2003, French Headquarters and Logistic Centres, (ĠU L 23, 28.1.2004, p. 1), premessi 50 u 53; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża SA.38374, *Starbucks*, għadha mhux ippubblikata, taħt appell, il-premessi 282 sa 285; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża SA.38375, *Fiat*, għadha mhix ippubblikata, taħt appell, premessa 245.

([260]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/276/EU tas-26 ta' Mejju 2010 dwar l-għajnuna mill-Istat C-76/03, Umicore SA, (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 76).

176. F'dan il-kuntest, tranżazzjoni bejn l-amministrazzjoni tat-taxxa u kontribwent tista' b'mod partikolari tinvolvi vantaġġ selettiv fejn ([261]):

(a) waqt li jsiru konċessjonijiet sproporzjonati lil kontribwent, jidher li l-amministrazzjoni tapplika trattament fiskali diskrezzjonali aktar "favorevoli" meta mqabbel ma' kontribwenti oħrajn fl-istess sitwazzjoni ġuridika u fattwali;

(b) it-tranżazzjoni tkun kontra d-dispożizzjonijiet tat-taxxa applikabbli u rriżultat f'ammont aktar baxx ta' taxxa, barra firxa raġonevoli. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, fejn fatti stabbiliti b'mod ċar kellhom iwasslu għal valutazzjoni differenti tat-taxxa fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet applikabbli (iżda l-ammont ta' taxxa dovuta kien imnaqqas illegalment).

5.4.5. *Deprezzament/regoli ta' amortizzament*

177. B'mod ġenerali, il-miżuri ta' tassazzjoni ta' natura purament teknika bħal deprezzament/regoli ta' amortizzament ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat. Il-metodu ta' kalkolu tad-deprezzament tal-assi jvarja minn Stat Membru għal ieħor, iżda metodi bħal dawn jistgħu jkunu inerenti għas-sistemi fiskali li jappartjenu għalihom.

178. Id-diffikultà fil-valutazzjoni ta' selettività possibbli rigward ir-rata ta' deprezzament ta' ċerti assi hija minħabba l-ħtieġa biex jiġi stabbilit livell ta' referenza (li minnu rata speċifika jew metodu ta' deprezzament jistgħu possibbilment jidderogaw). Filwaqt li f'termini ta' kontabilità, l-iskop ta' dan l-eżerċizzju huwa ġeneralment biex jiġi rifless id-deprezzament ekonomiku tal-assi bil-għan li tiġi preżentata stampa ġusta tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpanija, il-proċess fiskali jsegwi skopijiet differenti bħal li jippermetti li l-kumpaniji jifirxu l-ispejjeż li jitnaqqsu matul iż-żmien.

179. Inċentivi ta' deprezzament (bħal perjodu iqsar ta' deprezzament, metodu ta' deprezzament aktar favorevoli ([262]), deprezzament bikri, eċċ.) għal ċerti tipi ta' assi jew impriżi, li mhumiex ibbażati fuq il-prinċipji ta' gwida tar-regoli tad-deprezzament inkwistjoni, jista' jagħti lok għall-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat. B'kuntrast, regoli ta' deprezzament aċċellerat u antiċipat għal assi mogħtija b'lokazzjoni jistgħu jitqiesu bħala miżuri ġenerali jekk il-kuntratti tal-kirja inkwistjoni jkunu verament aċċessibbli għall-kumpaniji tas-setturi u d-daqsijiet kollha ([263]).

180. Jekk l-awtorità tat-taxxa għandha setgħa diskrezzjonali biex tistabbilixxi perjodi ta' deprezzament differenti jew metodi differenti ta' valwazzjoni, skont id-ditta jew is-settur, ikun hemm naturalment preżunzjoni ta' selettività. Bl-istess mod, awtorizzazzjoni minn qabel minn amministrazzjoni tat-taxxa bħala kundizzjoni biex tiġi applikata skema ta' deprezzament tinvolvi selettività jekk l-awtorizzazzjoni mhijiex limitata għal verifika minn qabel tar-rekwiżiti ġuridiċi ([264]).

5.4.6. *Reġim tat-taxxa abbażi fissa għal attivitajiet speċifiċi*

181. Id-dispożizzjonijiet speċifiċi li ma jinkludux elementi diskrezzjonali, li jippermettu, pereżempju, it-taxxa fuq l-introjtu li jiġi determinat fuq bażi fissa, jistgħu jiġu ġġustifikati min-natura u l-iskema ġenerali tas-sistema fejn, pereżempju jikkunsidraw ir-rekwiżiti speċifiċi tal-kontabilità jew tal-importanza tal-art f'assi li huma speċifiċi għal ċerti setturi.

([261]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/276/EU tas-26 ta' Mejju 2010 dwar l-għajnuna mill-Istat C-76/03, Umicore SA, (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 76), premessa 155.
([262]) Il-metodu tat-tnaqqis fil-bilanċ jew il-metodu tas-somma-ta' ċifri-tas-sena meta mqabbel mal-aktar metodu komuni tal-linja dritta.
([263]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Novembru 2012 dwar SA. 34736 dwar id-deprezzament bikri ta' ċerti assi miksuba minn kiri finanzjarju, (ĠU C 384, 13.12.2012, p. 1).
([264]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-iskemi ta' għajnuna implementati minn Franza skont l-Artikolu 39CA tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxa (ĠU L 112, 30.4.2007, p. 41) premessa 122.

182. Dawn id-dispożizzjonijiet għalhekk mhumiex selettivi, jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-reġim fuq bażi fissa huwa ġġustifikat mit-tħassib biex ikun evitat piż amministrattiv sproporzjonat fuq ċerti tipi ta' impriżi minħabba d-daqs żgħir tagħhom jew settur ta' attività (pereżempju fis-setturi tal-agrikoltura u s-sajd);

(b) bħala medja, reġim fuq bażi fissa ma jkollux l-effett li jimplika piż inqas tat-taxxa għalihom meta mqabbel ma' dawk l-impriżi oħra esklużi mill-ambitu tagħha u ma jinvolvix vantaġġi għal subkategorija ta' benefiċjarji tar-reġim.

### 5.4.7. *Regoli kontra l-abbuż*

183. L-eżistenza ta' regoli kontra l-abbuż tista' tkun iġġustifikata bħala miżuri li ma jippermettux l-evitar tat-taxxa mill-kontribwenti ([265]). Madankollu, dawn ir-regoli jistgħu jkunu selettivi jekk jipprevedu deroga (nuqqas ta' applikazzjoni tar-regoli ta' kontra l-abbuż) għal impriżi jew tranżazzjonijiet speċifiċi, li ma jkunux konsistenti mal-loġika sottostanti tar-regoli kontra l-abbuż inkwistjoni ([266]).

### 5.4.8. *Dazji tas-sisa*

184. Għalkemm id-dazji tas-sisa huma fil-parti l-kbira armonizzati fil-livell tal-Unjoni (l jistgħu jaffettwaw l-kriterju tal-imputabilità ([267])), dan ma jfissirx li awtomatikament kull eżenzjoni mid-dazju f'dawn l-oqsma se taqa' barra l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, dazju tas-sisa mnaqqas jista' jagħti vantaġġ selettiv lill-impriżi li jużaw il-prodott inkwistjoni bħala input jew biex jinbiegħ fuq is-suq ([268]).

## 6. L-EFFETT FUQ IL-KUMMERĊ U FUQ IL-KOMPETIZZJONI

### 6.1. **Prinċipji ġenerali**

185. L-appoġġ pubbliku għall-impriżi jikkostitwixxi biss għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat jekk "twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi" u biss sa fejn "tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri".

186. Dawn huma żewġ elementi meħtieġa u distinti tal-kunċett ta' għajnuna. Fil-prattika, madankollu, dawn il-kriterji ta' spiss jiġu trattati b'mod konġunt fil-valutazzjoni tal-għajnuna mill-Istat minħabba li huma biss, bħala regola, jiġu kkunsidrati li huma marbuta mill-qrib ([269]).

([265]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, *GIL Insurance*, C-308/01, ECLI:UE:C:2004:252, paragrafi 65 *et seq*.
([266]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/256/KE tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-iskema ta' għajnuna implimentata minn Franza skont l-Artikolu 39CA tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi, (ĠU L 112, 30.4.2007, p. 41), premessa 81 *et seq*.
([267]) Ara t-Taqsima 3.1.
([268]) Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/779/KE tat-3 ta' Frar 1999 dwar għajnuna mill-Istat Awstrijaka fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq ix-xorb tal-inbid u xarbiet iffermentati oħra mibjugħa direttament fuq il-post tal-produzzjoni lill-konsumatur (ĠU L 305, 30.11.1999, p. 27).
([269]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2000, *Alzetta*, Kawżi Magħquda T-298/97 T-312/97, eċċ., ECLI:EU:T:2000:151, paragrafu 81.

### 6.2. Distorsjoni tal-kompetizzjoni

187. Miżura mogħtija mill-Istat titqies li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni meta x'aktarx li ttejjeb il-pożizzjoni kompetittiva tar-riċevent meta mqabbel ma' impriżi oħra li jikkompeti magħhom ([270]). Għal kull skop prattiku, ġeneralment tinstab li teżisti distorsjonigħall-kompetizzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat meta l-Istat jagħti vantaġġ finanzjarju lil impriża f'settur liberalizzat fejn hemm, jew jista' jkun hemm, il-kompetizzjoni ([271]).

188. Il-fatt li l-awtoritajiet jassenjaw servizz pubbliku lil fornitur intern (anki jekk dawn kienu ħielsa li jagħtu dak is-servizz lil partijiet terzi) ma jeskludix il-possibbiltà ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni. Madankollu, il-possibbiltà ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni hija eskluża jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

(a) servizz ikun soġġett għal monopolju legali (stabbilit skont il-liġi tal-UE) ([272]);

(b) il-monopolju legali mhux biss jeskludi l-kompetizzjoni fis-suq, iżda wkoll għas-suq, fis-sens li jeskludi kull possibbiltà ta' kompetizzjoni biex isir fornitur esklużiv tas-servizz inkwistjoni ([273]);

(c) is-servizz ma jkunx f'kompetizzjoni ma' servizzi oħra; kif ukoll

(d) jekk il-fornitur tas-servizz huwa attiv fi Stat Membru ieħor f'suq (ġeografiku jew tal-prodott) ieħor li huwa miftuħ għal kompetizzjoni, sussidjar reċiproku għandu jiġi eskluż. Dan jeħtieġ li jintużaw kontijiet separati, jiġu allokati l-kostijiet u l-introjtu kif xieraq u l-finanzjament pubbliku pprovdut għas-servizz soġġett għall-monopolju legali ma jistax ikun ta' benefiċċju għal attivitajiet oħra.

189. L-appoġġ pubbliku jista' jfixkel il-kompetizzjoni anki jekk dan ma jgħinx lill-impriża riċeventi biex tespandi u tikseb sehem ġdid fis-suq. Huwa suffiċjenti li l-għajnuna tippermettilha li żżomm il-pożizzjoni kompetittiva aktar b'saħħitha milli kieku l-għajnuna ma ġietx ipprovduta. F'dan il-kuntest, biex jiġi kkunsidrat li l-għajnuna qed tfixkel il-kompetizzjoni, din normalment titqies bħala suffiċjenti li l-għajnuna tagħti vantaġġ lill-benefiċjarju billi teżentah mill-ispejjeż li kien ikollu jħallas matul l-operat tan-negozju tiegħu ta' kuljum ([274]). Id-definizzjoni ta' għajnuna mill-Istat ma teħtieġx li d-distorsjoni tal-kompetizzjoni jew l-effett fuq il-kummerċ ikun sinifikanti jew materjali. Il-fatt li l-ammont ta' għajnuna jkun baxx jew l-impriża riċeventi tkun żgħira mhux se jeskludi fih innifsu distorsjoni ltal-kompetizzjoni jew it-theddida tagħha ([275]),sakemm madankollu il-probabbiltà ta' tali distorsjoni ma tkunx biss ipotetika ([276]).

### 6.3. Impatt fuq il-kummerċ

190. L-appoġġ pubbliku għall-impriżi jikkostitwixxi biss għajnuna mill-Istat skont l-Artikolu 107(1) tat-Trattat sa fejn "jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri". F'dan ir-rigward, mhuwiex meħtieġ li jiġi stabbilit li l-għajnuna

([270]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 1980, *Philip Morris*, 730/79, ECLI:UE:C:1980:209, paragrafu 11. Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2000, *Alzetta*, Kawżi Magħquda T-298/97, T-312/97, eċċ., ECLI:UE:T:2000:151, paragrafu 80.

([271]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2000, *Alzetta*, Kawżi Magħquda T-298/97, T-312/97 eċċ., ECLI:UE:T:2000:151, il-paragrafi minn 141 sa 147; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans*, ECLI:UE:C:2003:415.

([272]) Monopolju legali jeżisti fejn servizz partikolari jkun riżervat mil-liġi jew minn miżuri regolatorji lil fornitur esklużiv, bi projbizzjoni ċara għal kull operatur ieħor li jipprovdi dan is-servizz (lanqas biex jissodisfa domanda residwa possibbli minn ċerti gruppi ta' klijenti). Madankollu, is-sempliċi fatt li l-provvediment ta' servizz pubbliku jingħata lil impriża speċifika ma jfissirx li tali impriża tgawdi monopolju legali.

([273]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2014, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, T-295/12, ECLI:UE:T:2014:675, paragrafu 158; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat Nru N 356/2002 — Ir-Renju Unit — Network Rail (ĠU C 232, 28.9.2002, p. 2), premessi 75, 76 u 77. Pereżempju, jekk konċessjoni tingħata permezz ta' proċedura kompetittiva ikun hemm kompetizzjoni għas-suq.

([274]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Marzu 2005 *Heiser*, C-172/03, ECLI:UE:C:2005:130, paragrafu 55.

([275]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Settembru 2000, *Confederación Espanola de Transporte de Mercancías vs Il-Kummissjoni*, T-55/99, ECLI:UE:T:2000:223, paragrafu 89; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003 *Altmark Trans*, C-280/00, ECLI:UE: C:2003:415, paragrafu 81.

([276]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003 *Altmark Trans*, C-280/00, ECLI:UE:C:2003:415, paragrafu 79.

kellha effett reali fuq l-iskambji bejn Stati Membri iżda biss jekk l-għajnuna jistax ikollha impatt fuq dan il-kummerċ ([277]). B'mod partikolari, il-Qrati tal-Unjoni stabbilixxew li "fejn l-għajnuna mogħtija mill-Istat issaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħrajn li qed jikkompetu fil-kummerċ intra-[Unjoni], dawn tal-aħħar jridu jitqiesu li ġew affettwati minn din l-għajnuna" ([278]).

191. Is-sostenn pubbliku jista' jitqies li kapaċi jaffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri anki jekk ir-riċevitur mhuwiex direttament involut f'kummerċ transfruntier. Pereżempju, is-sussidju jista' jagħmilha aktar diffiċli għall-operaturi fi Stati Membri oħra biex jidħlu fis-suq billi jżommu jew iżidu l-provvista lokali ([279]).

192. Fil-fatt, l-ammont relattivament baxx ta' għajnuna jew id-daqs relattivament żgħir tal-impriża benefiċjarja ma jeskludux, a priori, l-eventwalità li l-kummerċ bejn l-Istati Membri jkun affettwat ([280]). Sussidju pubbliku mogħti lil impriża li tipprovdi biss servizzi lokali jew servizzi reġjonali u ma tipprovdix servizzi barra mill-Istat tal-oriġini tagħha xorta jista' jkollha effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri fejn l-impriżi minn Stati Membri oħra jistgħu jipprovdu dawn is-servizzi (permezz ukoll tad-dritt tal-istabbiliment) u din il-possibbiltà mhijiex sempliċiment ipotetika. Fil-fatt, meta Stat Membru jagħti sussidju pubbliku lil impriża għall-forniment tas-servizzi tat-trasport, il-forniment ta' dawk is-servizzi jista', permezz tas-sussidju, jinżamm jew jiżdied, bil-konsegwenza li l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra jkollhom anqas opportunità li jipprovdu servizzi tat-trasport fis-suq ta' dan l-Istat ([281]). Effett bħal dan jista' madankollu jkun anqas probabbli fejn l-ambitu tal-attività ekonomika jkun żgħir ħafna, kif jista' jidher pereżempju minn fatturat baxx ħafna.

193. Fil-prinċipju, effett fuq il-kummerċ jista' jseħħ ukoll anki jekk riċevitur jesporta l-biċċa l-kbira jew il-produzzjoni kollha tiegħu barra mill-Unjoni, iżda f'sitwazzjonijiet bħal dawn l-effett ikun anqas immedjat u ma jistax jiġi preżunt mis-sempliċi fatt li s-suq huwa miftuħ għall-kompetizzjoni ([282]).

194. Fl-istabbiliment tal-effett fuq il-kummerċ, mhuwiex meħtieġ li jiġi definit is-suq jew li jiġi investigat fid-dettall l-impatt tal-miżura fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-benefiċjarju u tal-kompetituri tiegħu ([283]).

195. Madankollu, l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri ma jistax ikun sempliċiment ipotetiku jew preżunt. Irid jiġi stabbilit għalfejn il-miżura tfixkel jew thedded li tagħmel distorsjoni għall-kompetizzjoni u tista' twassal biex taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, abbażi tal-effetti prevedibbli tal-miżura ([284]).

196. Il-Kummissjoni f'diversi deċiżjonijiet qieset, fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każijiet, li l-miżura kellha impatt purament lokali u konsegwentement l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri. F'dawn il-każijiet, il-Kummissjoni kkonstatat b'mod partikolari li l-benefiċjarju forna oġġetti jew servizzi f'żona limitata fi Stat Membru u x'aktarx ma ġibidx klijenti minn Stati Membri oħrajn, u li ma setax jiġi previst li l-miżura kien se jkollha effett aktar minn effett marġinali fuq il-kundizzjonijiet tal-investimenti jew l-istabbilimenti transfruntieri.

([277]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech* vs *The Parking Adjudicator*, C-518/13, ECLI:UE:C:2015:9, paragrafu 65; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2013, *Libert et al*, Kawżi Magħquda C-197/11 u C-203/11, ECLI:UE:C:2013:288, paragrafu 76.

([278]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech* vs *The Parking Adjudicator*, C-518/13, ECLI:UE:C:2015:9, paragrafu 66; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2013, *Libert et al*, Kawżi Magħquda C-197/11 u C-203/11, ECLI:UE:C:2013:288, paragrafu 77; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' April 2001, *Friuli Venezia Giulia*, T-288/97, ECLI:UE:T:2001:115, paragrafu 41.

([279]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech vs The Parking Adjudicator*, C-518/13, ECLI:UE:C:2015:9, paragrafu 67; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Mejju 2013, *Libert et al*, Kawżi Magħquda C-197/11 u C-203/11, ECLI:UE:C:2013:288, paragrafu 78; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003 *Altmark Trans*, C-280/00, ECLI:UE:C:2003:415, paragrafu 78.

([280]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech vs The Parking Adjudicator*, C-518/13, ECLI:UE:C:2015:9, paragrafu 68.

([281]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, *Altmark Trans*, C-280/00, ECLI:UE:C:2003:415, paragrafi 77 u 78.

([282]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Marzu 1990, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni ("Tubemeuse")*, C-142/87, ECLI:UE:C:1990:125, paragrafu 35; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' April 2009, *Il-Kummissjoni vs Italian Republic u Wam SpA*, C-494/06 P, ECLI:UE:C:2009:272, paragrafu 62.

([283]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 1980, *Philip Morris*, 730/79, ECLI:UE:C:1980:209; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Settembru 2009, *l-Italja vs Il-Kummissjoni*, T-211/05, ECLI:UE:T:2009:304, paragrafi 157 sa 160; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2000, *Alzetta*, Kawżi Magħquda T-298/97, T-312/97 eċċ., ECLI:UE:T:2000:151, paragrafu 95.

([284]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Lulju 1995, *AITEC et* vs Il-Kummissjoni (Kawżi Magħquda T-447/93, T-448/93 u T-449/93, ECLI:UE:T:1995:130, paragrafu 141.

197. Filwaqt li mhuwiex possibbli li jiġu ddefiniti kategoriji ġenerali ta' miżuri li normalment jissodisfaw dawn il-kriterji, id-deċiżjonijiet tal-passat jipprovdu eżempji ta' sitwazzjonijiet li fihom il-Kummissjoni kkonstatat, fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, li l-appoġġ pubbliku ma kienx ta' natura li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Xi eżempji ta' dawn il-każijiet huma:

(a) faċilitajiet sportivi u tad-divertiment li jservu l-aktar udjenza lokali u li x'aktarx ma jiġbdux klijenti jew investiment minn Stati Membri oħra ([285]);

(b) avvenimenti kulturali u entitajiet li jwettqu attivitajiet ekonomiċi ([286]) li madankollu huwa improbabbli li jiebgħdu l-viżitaturi jew utenti minn offerti simili fi Stati Membri oħra ([287]); il-Kummissjoni tqis li huwa biss il-finanzjament li jingħata lill-istituzzjonijiet kulturali kbar u magħrufa u avvenimenti fi Stat Membru li jkunu promossi b'mod wiesa' barra r-reġjun ta' pajjiżhom li għandhu l-potenzjal li jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri;

(c) sptarijiet u faċilitajiet oħra tal-kura tas-saħħa li jipprovdu għadd normali ta' servizzi mediċi mmirati lejn il-popolazzjoni lokali li huwa improbabbli li jattiraw klijenti jew investiment minn Stati Membri oħra ([288]);

(d) il-midja tal-aħbarijiet u/jew prodotti kulturali, li għal raġunijiet lingwistiċi u ġeografiċi, jkollhom udjenza ristretta lokalment ([289]);

(e) ċentru għall-konferenzi, fejn il-post tiegħu u l-effett potenzjali tal-għajnuna fuq il-prezzijiet huwa ġenwinament improbabbli li jiddevja l-utenti minn ċentri oħra fi Stati Membri oħra ([290]);

(f) pjattaforma ta' informazzjoni u netwerk sabiex jiġu indirizzati l-problemi tal-qgħad u l-kunflitti soċjali f'żona lokali predefinita u żgħira ħafna ([291]);

(g) ajruporti żgħar ([292]) jew portijiet ([293]) li prinċipalment iservu utenti lokali, b'hekk jillimitaw il-kompetizzjoni għas-servizzi offruti f'livell lokali, u li l-impatt tagħhom fuq l-investiment transfruntier huwa ġenwinament mhux aktar minn marġinali;

---

([285]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat fi N 258/2000 Leisure Pool Dorsten, (ĠU C 172, 16.6.2001, p. 16). C 10/2003 — in-Netherlands — marini għall-jottijiet mingħajr għan ta' profitt, (ĠU L 34, 6.2.2004, p. 63); SA.37963 — Ir-Renju Unit — Għajnuna mill-Istat allegata lil Glenmore Lodge, (ĠU C 277, 21.8.2015, p. 3); SA.38208 — Ir-Renju Unit — Għajnuna mill-Istat allegata lil klabbs tal-golf tar-Renju Unit li huma proprjetà tal-membri, (ĠU C 277, 21.8.2015, p. 4).

([286]) Ara t-Taqsima 2.6 dwar il-kundizzjonijiet li taħthom l-attivitajiet ta' konservazzjoni kulturali jew tal-patrimonju huma ta' natura ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat. Għal attivitajiet ta' konservazzjoni kulturali jew tal-patrimonju li mhumiex ta' natura ekonomika hemm valutazzjoni dwar jekk ikunx possibbli li l-finanzjament pubbliku li jkollu effett fuq il-kummerċ mhijiex meħtieġa.

([287]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni fil-każijiet ta' għajnuna mill-Istat N 630/2003 Local Museums Sardinia, (ĠU C 275, 8.11.2005, p. 3); SA.34466 Ċipru — Center for Visual Arts and Research, (ĠU C 1, 4.1.2013, p. 10); SA.36581, il-Greċja — Bini ta' Mużew Arkaeoloġiku, Messara, Kreta; (ĠU C 353, 3.12.2013, p. 4); SA.35909 (2012/N) — ir-Repubblika Ċeka — Infrastruttura għat-turiżmu (NUTS II reġjun tax-Xlokk), (ĠU C 306, 22.10.2013, p. 4); SA.34891 (2012/N) — Il-Polonja — Appoġġ tal-Istat lil Związek Gmin Fortecznych Twierdzy Przemyśl (ĠU C 293, 9.10.2013, p. 1).

([288]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni f'każijiet ta' għajnuna mill-Istat N 543/2001 l-Irlanda — Allowances ta' kapital għall-isptarijiet (ĠU C 154, 28.6.2002, p. 4); SA.34576 Il-Potugall — Jean Piaget North-east Continuing Care Unit (ĠU C 73, 13.3.2013, p. 1); SA.37432 — ir-Repubblika Ċeka — Finanzjament lil sptarijiet pubbliċi fir-reġjun ta' Hradec Králové (ĠU C 203, 19.6.2015, p. 2); SA.37904 — il-Ġermanja — Għajnuna mill-Istat allegata lil ċentru mediku f'Durmersheim (ĠU C 188, 5.6.2015, p. 2); SA.38035 — il-Ġermanja — Għajnuna allegata ta' klinika speċjalizzata f'riabilitazzjoni għal mediċina ortopedika u l-kirurġija tat-trawmi, (ĠU C 188, 5.6.2015, p. 3).

([289]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni f'każijiet ta' għajnuna mill-Istat N 257/2007 Sussidji għal produzzjonijiet teatrali fil-pajjiż Bask, (ĠU C 173, 26.7.2007, p. 1); N 458/2004 Editorial Andaluza Holding; (ĠU C 131, 28.5.2005, p. 1) SA.33243 Jornal da Madeira, (ĠU C 16, 19.1.2013, p. 1).

([290]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni f'każijiet ta' għajnuna mll-Istat N 486/2002 L-Isvezja — Sala tal-kungress f'Visby, (ĠU C 75, 27.3.2003, p. 2.)

([291]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat SA.33149 — il-Ġermanja — Għajnuna mill-Istat allegata mogħtija illegalment għal Städtische Projekt "Wirtschaftsbür Gaarden"— Kiel, (ĠU C 188, 5.6.2015, p. 1).

([292]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni fil-każ ta' għajnuna mill-Istat SA.38441 — ir-Renju Unit — Isles of Scilly Air links, (ĠU C 5, 9.1.2015, p. 4).

([293]) Ara, pereżempju, id-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni f'każijiet ta' għajnuna mill-Istat SA.39403 — In-Netherlands — Investimenti fil-port ta' Lauwersoog, (ĠU C 259, 7.8.2015, p. 4); SA.42219 — il-Ġermanja — Ir-rinnovament tal-moll Schuhmacher fil-port ta' Maasholm, (ĠU C 426, 18.12.2015, p. 5).

(h) il-finanzjament ta' ċerti funikulari (b'mod partikolari liftijiet tal-iski) f'żoni li għandhom ftit faċilitajiet tat-turiżmu u kapaċità limitata. Il-Kummissjoni ċċarat li l-fatturi li ġejjin huma tipikament ikkunsidrati sabiex jagħmlu distinzjoni bejn istallazzjonijiet li jappoġġaw attività kapaċi li tattira utenti mhux lokali, li huma ġeneralment meqjusa li għandhom effett fuq il-kummerċ, u l-istallazzjonijiet relatati mal-isport f'żoni li għandhom ftit faċilitajiet tat-turiżmu u kapaċità limitata, fejn l-appoġġ pubbliku jista' ma jaffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri ([294]): a) il-post fejn tinstab l-installazjoni (pereżempju fl-ibliet jew ċentri residenzjali); b) ħin ta' tħaddim; c) il-parti l-kbira tal-utenti huma lokali (proporzjon tal-użu ta' kuljum għall-kuntrarju ta' dak ta' kull ġimgħa); d) in-numru totali u l-kapaċità ta' stallazzjonijiet imqabbel man-numru ta' utenti residenti; e) faċilitajiet oħrajn relatati mas-settur tat-turiżmu fiż-żona. Bl-aġġustamenti meħtieġa fatturi simili jistgħu jkunu rilevanti wkoll għal tipi oħra ta' faċilitajiet.

198. Anki jekk f'ħafna każi, li ċ-ċirkostanzi stess li fihom tingħata l-għajnuna jkunu suffiċjenti biex juru li l-għajnuna tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u li tfixkel jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, dawn iċ-ċirkustanzi għandhom jiġu stabbiliti b'mod xieraq. F'każ ta' skemi ta' għajnuna, huwa normalment suffiċjenti li jiġu eżaminati l-karatteristiċi tal-iskema inkwistjoni ([295]).

## 7. INFRASTRUTTURA: XI KJARIFIKI SPEĊIFIĊI

### 7.1. Introduzzjoni

199. Il-gwida dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat kif stabbilit f'dan l-Avviż japplika għall-finanzjament pubbliku ta' infrastruttura li għandu użu ekonomiku, billi tapplika għal kull finanzjament pubbliku ieħor li jiffavorixxi attività ekonomika ([296]). Madankollu, minħabba l-importanza strateġika ta' finanzjament pubbliku ta' infrastruttura, mhux l-inqas għall-promozzjoni tat-tkabbir, u l-mistoqsijiet li spiss tqajjem, ikun xieraq li tingħata gwida speċifika dwar meta l-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura jiffavorixxi impriża, tagħti vantaġġ u jkollu effett fuq il-kompetizzjoni u fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

200. Proġetti ta' infrastruttura spiss jinvolvu bosta kategoriji ta' atturi u l-għajnuna mill-Istat involuta tista' potenzjalment tibbenefika l-kostruzzjoni (inklużi estensjonijiet jew titjib), l-operat jew l-użu tal-infrastruttura ([297]). Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, huwa għaldaqstant siewi li jkun hemm distinzjoni bejn l-iżviluppatur u/jew l-ewwel sid ("żviluppatur/sid" ([298])) ta' infrastruttura, l-operaturi (jiġifieri impriżi li jagħmlu użu dirett mill-infrastruttura biex jiġu pprovduti s-servizzi lill-utenti aħħarin, inklużi impriżi li jiksbu l-infrastruttura mill-iżviluppatur/sid biex tiġi sfruttata ekonomikament jew li jiksbu konċessjoni jew lokazzjoni għall-użu u l-operat tal-infrastruttura), u l-utenti aħħarin ta' infrastruttura, għalkemm dawn il-funzjonijiet jistgħu f'ċerti każijiet jidduplikaw.

### 7.2. Għajnuna lill-iżviluppatur/sid

#### 7.2.1. *Attività ekonomika meta mqabbla ma' attivitajiet ta' natura mhux ekonomika*

201. Il-finanzjament pubbliku ta' ħafna mill-infrastruttura tradizzjonalment kien ikkunsidrat li jaqa' barra r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat peress li l-bini u t-tħaddim tagħhom kienu kkunsidrati li jikkostitwixxu miżura ġenerali ta' politika pubblika u mhux attività ekonomika ([299]). Aktar reċentement, diversi fatturi, bħalma huma l-liberalizzazzjoni, il-privatizzazzjoni, l-integrazzjoni tas-suq u l-progress teknoloġiku madankollu żied l-ambitu għall-isfruttament kummerċjali ta' infrastrutturi.

([294]) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri u partijiet interessati oħra dwar l-għajnuna mill-Istat N 376/01- Skema ta' għajnuna għall-funikulari, (ĠU C 172, 18.7.2002, p. 2).
([295]) Ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 1987, *Il-Ġermanja vs il-Kummissjoni*, 248/84, ECLI:UE:C:1987:437, paragrafu 18.
([296]) Il-"Finanzjament pubbliku għall-infrastruttura" huwa maħsub li jinkludi l-forom kollha ta' provvediment ta' riżorsi tal-Istat għall-kostruzzjoni, l-akkwist jew it-tħaddim tal-infrastruttura.
([297]) Din it-taqsima ma tikkonċernax l-għajnuna potenzjali lil kuntratturi involuti fil-kostruzzjoni tal-infrastruttura.
([298]) "Sid" tinkludi kull entità li teżerċita drittijiet effettivi ta' sjieda fuq l-infrastruttura u tgawdi l-benefiċċji ekonomiċi tagħha. Pereżempju, jekk is-sid jiddelega d-drittijiet ta' sjieda tiegħu lil entità separata (pereżempju lill-awtorità tal-port) li timmaniġġja l-infrastruttura f'isem is-sid, din tista' titqies bħala li tissostitwixxi s-sid għall-finijiet tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat.
([299]) Il-Ħamsa u Għoxrin Rapport dwar il-Politika ta' Kompetizzjoni, 1995, punt 175.

202. Fis-sentenza tal-*Aéroports de Paris* ([300]) il-Qorti Ġenerali irrikonoxxiet din l-evoluzzjoni, billi kkjarifikat li l-operat ta' ajruport kellu jiġi kkunsidrat bħala attività ekonomika. Iktar reċentement, is-sentenza *Leipzig/Halle* ([301]) ikkonfermat li l-kostruzzjoni ta' runway ta' ajruport kummerċjali, hija attività ekonomika fiha nnifisha. Filwaqt li dawn il-kawżi jirrigwardaw speċifikament ajruporti, il-prinċipji żviluppati mill-Qorti tal-Unjoni jidhru li huma ta' interpretazzjoni ġenerali u b'hekk applikabbli għall-bini ta' infrastrutturi oħra li huma marbuta b'mod indissoċjabbli ma' attività ekonomika ([302]).

203. Min-naħa l-oħra, il-finanzjament tal-infrastruttura li ma jkunx maħsub biex ikun kummerċjalment sfruttat huwa fil-prinċipju eskluż mill-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Dan jikkonċerna, pereżempju, infrastruttura li tintuża għal attivitajiet li l-Istat normalment iwettaq fl-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi tiegħu (pereżempju, faċilitajiet militari, il-kontroll tat-traffiku tal-ajru fl-ajruporti, fanali tal-portijiet u tagħmir ieħor għall-ħtiġijiet tan-navigazzjoni ġenerali inklużi fil-passaġġi tal-ilma interni, il-protezzjoni mill-għargħar u l-ġestjoni tal-ilma baxx fl-interess pubbliku, il-pulizija u d-dwana) jew li ma tintużax biex jiġu offruti prodotti jew servizzi f'suq partikolari (pereżempju toroq disponibbli għal użu pubbliku mingħajr ħlas). Attivitajiet bħal dawn mhumiex ta' natura ekonomika u, konsegwentement, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kif huwa wkoll il-każ, għaldaqstant, għall-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura relatata ([303]).

204. Fil-każ li infrastruttura oriġinarjament li tkun użata għal attivitajiet ta' natura mhux ekonomika tiġi aktar tard assenjata mill-ġdid għal użu ekonomiku (pereżempju fil-każ li ajruport militari jinbidel għal użu ċivili), il-kostijiet involuti għall-bidla tal-infrastruttura għal użu ekonomiku biss se jitqiesu għall-valutazzjoni skont ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat ([304]).

205. Jekk l-infrastruttura tintuża kemm għal attivitajiet ekonomiċi kif ukoll għal dawk li mhumiex, il-finanzjament pubbliku għal kostruzzjoni tagħha jaqa' taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat biss safejn dan ikopri l-kostijiet marbuta mal-attivitajiet ekonomiċi.

206. Jekk entità tkun involuta f'attivitajiet ekonomiċi u mhux ekonomiċi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-finanzjament pubbliku pprovdut għall-attivitajiet ta' natura mhux ekonomika ma jkunx jista jintuża biex jiġu sussidjati reċiprokament l-attivitajiet ekonomiċi. Dan jista' jkun żgurat billi jiġi limitat il-finanzjament pubbliku għall-kost nett (inkluż il-kost tal-kapital) tal-attivitajiet ta' natura mhux ekonomika, li għandhom jiġu identifikati abbażi ta' separazzjoni ċara tal-kontijiet.

207. Jekk fil-każijiet ta' użu mħallat, l-infrastruttura tkun użata kważi esklussivament għal attività mhux ekonomika, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-finanzjament tagħha tista' taqa' lil hinn mir-regoli tal-għajnuna tal-Istat kompletament, sakemm l attività ekonomika tibqa' purament anċillari, jiġifieri attività li hija direttament relatata mal-operat tal-infrastruttura u meħtieġa għalih, jew tkun marbuta intrinsikament mal-użu ewlieni mhux ekonomiku tagħha. Dan għandu jitqies li jkun il-każ meta l-attivitajiet ekonomiċi jikkunsmaw l-istess inputs bħall-attivitajiet primarji mhux ekonomiċi, pereżempju materjal, tagħmir, xogħol u kapital fiss. L-attivitajiet ekonomiċi anċillari jridu jibqgħu limitati fl-ambitu, rigward il-kapaċità tal-infrastruttura ([305]). Eżempji ta' attivitajiet ekonomiċi anċillari bħal dawn jistgħu jinkludu organizzazzjoni ta' riċerka li kultant tikri t-tagħmir u l-laboratorji tagħha lis-sħab industrijali ([306]). Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-finanzjament pubbliku pprovdut lil

([300]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2000, *Aéroports de Paris* vs *Il-Kummissjoni*, T-128/98, ECLI:UE:T:2000:290, paragrafu 125, ikkonfermat b'appell fis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ottubru 2002, *Aéroports de Paris* vs *Il-Kummissjoni*, C-82/01 P, ECLI:UE:C:2002:617. Ara wkoll is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Diċembru 2008, *Ryanair* vs *Il-Kummissjoni*, T-196/04, ECLI:UE:T:2008:585, paragrafu 88.

([301]) Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011, *Freistaat Sachsen u Land Sachsen-Anhalt et al vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-443/08 u T-455/08, ECLI:UE:T:2011:117, b'mod partikolari l-paragrafi 93 u 94, ikkonfermata b'appell fis-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2012, *Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig-Halle GmbH vs Il-Kummissjoni*, C-288/11 P, ECLI:UE:C:2012:821, b'mod partikolari l-paragrafi 40 sa 43, 47.

([302]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2012, *Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig-Halle GmbH vs Il-Kummissjoni*, C-288/11 P, ECLI:EU:C:2012:821, paragrafi 43 u 44. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Jannar 2015, *Eventech vs The Parking Adjudicator*, C-518/13, ECLI:UE:C:2015:9, paragrafu 40.

([303]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ġunju 1987, *Il-Kummissjoni vs l-Italja*, C-118/85, ECLI:UE:C:1987:283, paragrafi 7 u 8. Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Mejju 1988, *Bodson/Pompes funèbres des reġjuni libérées*, C-30/87, ECLI:UE:C:1988:225, paragrafu 18; Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Marzu 2011, *Freistaat Sachsen u Land Sachsen-Anhalt et vs Il-Kummissjoni*, Kawżi Magħquda T-443/08 u T-455/08, ECLI:UE:T:2011:117, paragrafu 98).

([304]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat SA. 23324, — L-Ajruport ta' Tampere-Pirkkala, (ĠU L 309, 13.11.2013, p. 27), u dwar l-għajnuna mill-Istat SA.35388 — il-Polonja — l-Istabbiliment tal-Ajruport ta' Gdynia-Kosakowo.

([305]) F'dan ir-rigward, l-użu kummerċjali tal-infrastruttura jista' jitqies anċillari meta l-kapaċità allokata kull sena għal din l-attività ma taqbiżx l-20 fil-mija tal-kapaċità tal-infrastruttura annwali globali.

([306]) Jekk l-attivitajiet ma jibqgħux anċillari, attivitajiet ekonomiċi sekondarji jistgħu wkoll jiġu soġġetti għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat (ara s-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2013, *Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*, T-347/09, ECLI:UE:T:2013:418, dwar il-bejgħ ta' injam u attivitajiet turistiċi ta' organizzazzjonijiet għall-konservazzjoni tan-natura).

faċilitajiet abitwali (bħal ristoranti, ħwienet jew ipparkjar imħallas) għal infrastrutturi li huma kważi esklużivament għal attività mhux ekonomika normalment ma għandu l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri billi dawk l-faċilitajiet abitwali x'aktarx ma jiġbdux klijenti minn Stati Membri oħrajn u l-finanzjament tagħhom x'aktarx li ma jkollux aktar minn effett marġinali fuq l-investiment jew stabbiliment transfruntier.

208. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet fis-Sentenza tagħha *Leipzig/Halle*, il-bini ta' infrastruttura, jew parti minnha, tista' taqa' taħt l-eżerċizzju ta' setgħat pubbliċi tal-Istat ([307]). F'dan il-każ, il-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura (jew il-parti rilevanti tal-infrastruttura) mhuwiex soġġett għal regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

209. Minħabba l-inċertezza li kienet teżisti qabel is-Sentenza tal-*Aéroports de Paris*, l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu ġustament jikkunsidraw li l-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura mogħti qabel din is-Sentenza ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u li, għalhekk, dawn il-miżuri ma għandhomx għalfejn ikunu notifikati lill-Kummissjoni. B'hekk il-Kummissjoni ma tistax tikkontesta tali miżuri ta' finanzjament adottati definittivament qabel is-Sentenza tal-*Aéroports de Paris* fuq il-bażi tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat ([308]). Dan ma jimplika l-ebda suppożizzjoni dwar il-preżenza jew l-assenza ta' għajnuna mill-Istat jew aspettattivi leġittimi fir-rigward ta' miżuri ta' finanzjament mhux adottati definittivament qabel is-Sentenza tal-*Aéroports de Paris*, li trid tiġi vverifikata fuq bażi ta' każ b'każ ([309]).

7.2.2. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ*

210. Ir-raġunament wara l-każijiet li fihom il-Kummissjoni kkunsidrat li ċerti miżuri ma setgħux jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri kif stipulat fil-paragrafi 196 sa 197 jista' jkun ukoll rilevanti għal xi finanzjament pubbliku tal-infrastruttura, b'mod partikolari l-infrastruttura lokali jew muniċipali, anki jekk hija użata kummerċjalment. Karatteristika waħda importanti ta' każijiet bħal dawn tkun żona ta' lħuq predominentement lokali kif ukoll evidenza li mhux probabbli li l-investiment transfruntier jiġi affettwat aktar minn b'mod marġinali. Pereżempju, il-bini ta' installazzjonijiet ta' divertiment lokali, il-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, ajruporti jew portijiet żgħar li prinċipalment iservu utenti lokali u li l-impatt tagħhom fuq l-investiment transfruntier huwa marġinali probabbilment ma jaffettwawx il-kummerċ. Evidenza li turi li ma hemm l-ebda effett fuq il-kummerċ tista' tinkludi dejta li turi li ftit hemm użu tal-infrastruttura minn barra l-Istat Membru jew li investimenti transfruntiera fis-suq inkwistjoni huma minimi jew mhux probabbli li jiġu affettwati b'mod negattiv.

211. Hemm ċirkostanzi li fihom ċerti infrastrutturi ma humiex soġġetti għall-kompetizzjoni diretta minn infrastrutturi oħra tal-istess tip jew ta' tip differenti ta' infrastrutturi li joffru servizzi b'ċertu grad ta' sostitwibbiltà, jew ma' tali servizzi direttament ([310]). In-nuqqas ta' kompetizzjoni diretta bejn l-infrastrutturi huwa probabbilment il-każ għal netwerk komprensiv ta' infrastrutturi ([311]) li huma monopolji naturali, jiġifieri ma jkunx ekonomikament vantaġġjuż li jiġu replikati. Bl-istess mod, jista' jkun hemm oqsma fejn il-finanzjament privat għall-bini tal-infrastrutturi huwa insinifikanti ([312]). Il-Kummissjoni tqis li l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni huwa normalment eskluż fir-rigward tal-bini tal-infrastruttura f'każijiet fejn fl-istess ħin (i) infrastruttura tipikament ma tiffaċċjax kompetizzjoni diretta, (ii) il-finanzjament privat huwa insinifikanti f'dan is-settur u l-Istat Membru kkonċernat u (iii) l-infrastruttura mhijiex imfassla biex b'mod selettiv tiffavorixxi impriża partikolari jew settur, iżda jipprovdi benefiċċji għas-soċjetà kollha kemm hi.

---

([307]) Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2012, *Mitteldeutsche Flughafen AG u Flughafen Leipzig-Halle GmbH vs Il-Kummissjoni*, C-288/11 P, ECLI:UE:C:2012:821, paragrafu 47.

([308]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2012 dwar l-għajnuna mill-Istat SA 23600, Arranġamenti għall-finanzjament tal-ajruport ta' Munich, Terminal 2, (ĠU L 319, 29.11.2013, p. 8), premessi 74 sa 81. Il-linji gwida tal-Avjazzjoni 1994 tal-Kummissjoni stabblixxew li *"il-kostruzzjoni [jew] it-tkabbir ta' proġetti ta' infrastruttura (bħal ajruporti, toroq, pontijiet, eċċ.) jirrappreżentaw miżura ġenerali ta' politika ekonomika li ma tistax tiġi kkontrollata mill-Kummissjoni skont ir-regoli tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat"*; (ĠU C 350 10.12.1994, p. 5), ara l-paragrafu 12.

([309]) Dawn il-kjarifiki ta' hawn fuq huma mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Politika ta' Koeżjoni f'dawn iċ-ċirkostanzi, li fuqhom ġiet provduta gwida f'każijiet oħra. Ara pereżempju n-nota ta' gwida tal-Kummissjoni lill-COCOF: Verifikazzjoni tal-konformità mal-Għajnuna mill-Istat f'każijiet ta' infrastruttura, disponibbli taħt http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/cocof/2012/cocof_12_0059_01_en.pdf

([310]) Pereżempju s-servizzi offruti minn operaturi ta' laneċ kummerċjali jistgħu jkunu f'kompetizzjoni ma' pont bin-nollijiet jew mina.

([311]) F'infrastruttura ta' netwerk elementi differenti tan-netwerk jikkomplementaw lil xulxin, minflok ma jikkompetu ma' xulxin.

([312]) Il-kwistjoni dwar jekk hemmx finanzjament tas-suq insinifikanti biss f'settur partikolari għandha tiġi vvalutata fil-livell tal-Istat Membru kkonċernat u mhux reġjonali jew lokali, bl-istess mod li l-valutazzjoni tal-eżistenza ta' suq fi Stat Membru (ara, pereżempju, is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Novembru 2015, *Spanja vs Il-Kummissjoni*, T-461/13, ECLI:UE:T:2015:891, paragrafu 44).

212. Sabiex il-finanzjament pubbliku kollu ta' proġett partikolari ma jaqax taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri jridu jiżguraw li l-finanzjament ipprovdut għall-kostruzzjoni tal-infrastrutturi fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 211 ma jistgħux jintużaw biex jissussidjaw b'mod reċiproku jew indirettament jissussidjaw attivitajiet ekonomiċi oħra, inkluż l-operat tal-infrastruttura. Is-sussidjar reċiproku jista' jiġi eskluż billi jiġi żgurat li s-sid tal-infrastruttura ma jinvolvi ruħu fl-ebda attività ekonomika oħra jew — jekk is-sid tal-infrastruttura huwa involut fi kwalunkwe attività ekonomika oħra — billi jinżammu kontijiet separati, jiġu allokati l-kostijiet u d-dħul b'mod xieraq u li jiġi żgurat li kull finanzjament pubbliku ma jibbenefikax minn attivitajiet oħra. In-nuqqas ta' għajnuna indiretta, b'mod partikolari lill-operatur tal-infrastruttura, jista' jiġi żgurat, pereżempju, billi ssir sejħa għall-offerti għall-operat.

### 7.2.3. *Għajnuna lill-iżviluppatur/lis-sid tal-infrastruttura — ħarsa ġenerali skont kull settur*

213. Din it-taqsima tipprovdi ħarsa ġenerali ta' kif il-Kummissjoni beħsiebha tivvaluta n-natura tal-għajnuna mill-Istat tal-finanzjament ta' infrastruttura f'setturi differenti, billi jiġu kkunsidrati l-karatteristiċi ewlenin li l-finanzjament tal-infrastruttura pubblika bħalissa tipikament juri fis-setturi differenti fir-rigward tal-kundizzjonijiet identifikati hawn fuq. Huwa mingħajr preġudizzju għar-riżultat tal-valutazzjoni konkreta każ b'każ ta' proġetti fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, il-mod li bih Stat Membru partikolari, ikun organizza l-għoti ta' servizzi marbuta mal-użu tal-infrastruttura u l-iżvilupp tas-servizzi kummerċjali u tas-suq intern. Mhuwiex maħsub biex tiġ sostitwita valutazzjoni individwali ta' jekk l-elementi kollha tal-kunċett ta' għajnuna mill-Istat humiex issodisfati fir-rigward tal-miżura konkreta tal-iffinanzjar ta' infrastruttura speċifika. Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll gwida aktar dettaljata dwar setturi speċifiċi f'uħud mil-Linji Gwida u Oqfsa tagħha.

214. **L-infrastruttura tal-ajruport** hija magħmula minn tipi differenti ta' infrastruttura. Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tal-Unjoni, huwa stabbilit sew li l-biċċa l-kbira l-infrastruttura tal-ajruport ([313]) hija maħsuba għall-provvediment ta' servizzi tal-ajruport lil-linji tal-ajru bi ħlas ([314]), li jikkwalifikaw bħala attivitajiet ekonomiċi, u li għalhekk il-finanzjament tagħhom huwa soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Bl-istess mod, jekk l-infrastruttura hija maħsuba għal servizzi kummerċjali mhux ajrunawtiċi għal utenti oħrajn, il-finanzjament pubbliku huwa soġġett għar-regoli tal-għajnuna statali ([315]). Billi l-ajruporti spiss jikkompetu ma' xulxin, il-finanzjament ta' infrastrutturi tal-ajruporti hija wkoll probabbli li taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri. Min-naħa l-oħra, il-finanzjament pubbliku tal-infrastrutturi maħsuba għal attivitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi tagħha ma jaqgħux taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Il-kontroll tat-traffiku tal-ajru, is-salvataġġ u t-tifi tan-nar ta' inġenji tal-ajru, il-pulizija, id-dwana u attivitajiet meħtieġa għas-salvagwardja f'ajruport tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali huma ġeneralment meqjusa bħala ta' natura mhux ekonomika.

215. Bl-istess mod, kif jirriżulta mill-prassi deċiżjonali tal-Kummissjoni ([316]), il-finanzjament pubbliku tal-**infrastruttura tal-portijiet** jiffavorixxi attività ekonomika u għalhekk huwa, fil-prinċipju, soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Bħal fil-każ ta' ajruporti, il-portijiet jistgħu jikkompetu ma' xulxin u l-finanzjament tal-infrastruttura tal-portijiet għalhekk probabbilment taffettwa wkoll il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Madankollu, l-investiment għal infrastruttura li hija meħtieġa għal attivitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat fl-eżerċizzju tas-setgħat pubbliċi tiegħu mhumiex soġġetti għall-kontroll tal-għajnuna mill-Istat. Il-kontroll tat-traffiku marittimu, it-tifi tan-nar, il-pulizija u d-dwana huma b'mod ġenerali ta' natura mhux ekonomika.

216. **L-infrastruttura tal-broadband** hija użata biex tkun tista' tiġi pprovduta konnettività tat-telekomunikazzjoni lill-utenti aħħarin. Il-provvediment ta' konnettività lill-utenti aħħarin bi ħlas huwa attività ekonomika. L-infrastruttura tal-broadband hija ħafna drabi mibnija mill-operaturi mingħajr finanzjament mill-Istat, li hija evidenza ta' finanzjament sinifikanti tas-suq, u f'bosta żoni ġeografiċi jikkompetu diversi netwerks ta' operaturi differenti ([317]). L-infrastrutturi tal-broadband huma parti minn netwerks kbar, interkonnessi u sfruttati

([313]) Bħar-runways u s-sistemi tad-dawl tagħhom, it-terminals, is-superfiċje asfaltata fl-ajrudrom, it-taxiways, l-infrastruttura ċentralizzata tal-ground handling bħal ktajjen tal-bagalji.

([314]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru, (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3), premessa 31.

([315]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru, (ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3), premessa 33.

([316]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.38302 — l-Italja — il-Port ta' Salerno. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Frar 2012 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.30742 (N/2010) — il-Litwanja — Kostruzzjoni ta' infrastrutturi ta' laneċ tal-passiġġieri u tal-merkanzija f'terminali ta' Klaipeda, (ĠU C 121, 26.4.2012, p. 1); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Lulju 2013 dwar l-għajnuna mill-Istat 35418 (2012/N) — il-Greċja — Estensjoni tal-Port ta' Piraeus, (ĠU C 256, 5.9.2013, p. 2).

([317]) Kif iddikjarat fil-paragrafu 211 u n-nota ta' qiegħ il-paġna 312, il-kwistjoni jekk hemmx finanzjament tas-suq insinifikanti biss f'settur partikolari għandha tiġi vvalutata fil-livell tal-Istat Membru kkonċernat u mhux fil-livell reġjonali jew lokali.

kummerċjalment. Għal dawn ir-raġunijiet, il-finanzjament pubbliku ta' infrastruttura tal-broadband għall-provvediment tal-konnettività għall-utenti aħħarin huwa soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kif stabbilit fil-Linji Gwida għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband ([318]). B'kuntrast, il-konnessjoni ta' awtoritajiet pubbliċi biss hija attività mhux ekonomika u l-finanzjament pubbliku tal-hekk imsejjħa "netwerks magħluqa" għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat ([319]).

217. **L-infrastruttura tal-enerġija** ([320]) hija użata għall-provvediment ta' servizzi ta' enerġija bi ħlas, li tikkostitwixxi attività ekonomika. L-infrastruttura tal-enerġija hija fil-biċċa l-kbira mibnija mill-atturi tas-suq, li hija evidenza ta' finanzjament sinifikanti fis-suq, u tiġi ffinanzjata permezz ta' tariffi tal-utent. Il-finanzjament pubbliku tal-infrastruttura tal-enerġija għalhekk jiffavorixxi attività ekonomika u x'aktarx ikollu effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u għalhekk huwa, fil-prinċipju, soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ([321]).

218. Il-finanzjament pubbliku tal-**infrastrutturi ta' riċerka** jista' jiffavorixxi attività ekonomika u għaldaqstant huwa soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat sa fejn l-infrastruttura hija fil-fatt maħsuba għat-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi, (bħall-kiri ta' tagħmir jew laboratorji lil impriżi, provvediment ta' servizzi lil impriżi jew twettiq ta' riċerka b'kuntratt). Il-finanzjament pubbliku ta' infrastrutturi ta' riċerka użat għal attivitajiet ta' natura mhux ekonomika, bħal riċerka indipendenti għal aktar għarfien u fehim aħjar, b'kuntrast ma' dan, ma jaqax taħt ir-regoli tal-għajnuna mill-Istat. Għal iktar gwida dettaljata dwar id-distinzjoni bejn l-attivitajiet ekonomiċi u dawk mhux ekonomiċi fil-qasam tar-riċerka, ara l-ispjegazzjonijiet ipprovduti fil-Qafas għall-għajnuna mill-Istat għar-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni ([322]).

219. Filwaqt li l-operat ta' **infrastruttura ferrovjarja** ([323]) jista' jikkostitwixxi attività ekonomika ([324]), il-kostruzzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja li hija disponibbli għall-utenti potenzjali fuq termini ugwali u nondiskriminatorji — għall-kuntrarju għall-operat tal-infrastruttura — tipikament tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 211 hawn fuq u l-finanzjament tagħha għalhekk normalment ma jaffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri jew jagħmel distorsjoni fil-kompetizzjoni. Sabiex jiżguraw li l-finanzjament kollu kemm hu ta' proġett partikolari ma jiġix soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri barra minn hekk għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 212 jiġu ssodisfati. L-istess raġunament japplika għal investimenti ta' **pontijiet ferrovjarji, mini ferrovjarji** u **infrastruttura tat-trasport urban** ([325]).

220. Filwaqt li t-**toroq** disponibbli għal użu pubbliku mingħajr ħlas huma infrastrutturi ġenerali u l-finanzjament pubbliku tagħhom ma jaqax taħt ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-operat ta' toroq b'pedaġġ f'ħafna każijiet jikkostitwixxi attività ekonomika. Madankollu, il-kostruzzjoni ta' infrastruttura tat-toroq ([326]), inklużi toroq b'pedaġġ — b'kuntrast mal-operat ta' toroq b'pedaġġ u sakemm dan ma jikkostitwixxix infrastruttura dedikata — tipikament jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 211 hawn fuq u l-finanzjament tagħha

([318]) ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1. Il-linji gwida jispjegaw li s-settur tal-broadband hija kkaratterizzata minn karatteristiċi speċifiċi, b'mod partikolari minħabba l-fatt li netwerk tal-broadband tista' tilqa' bosta operaturi tas-servizzi tat-telekomunikazzjoni u għalhekk jista' jipprovdi opportunità għall-preżenza ta' operaturi li jikkompetu.

([319]) Il-Linji Gwida tal-UE għall-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat b'rabta mal-implimentazzjoni rapida tan-netwerks tal-broadband, (ĠU C 25, 26.1.2013, p. 1), premessa 11 u n-nota 14 f'qiegħ il-paġna.

([320]) L-infrastruttura tal-enerġija tinkludi, b'mod partikolari, it-trasport, id-distribuzzjoni u l-infrastrutturi tal-ħżin tal-elettriku, il-gass u ż-żejt. Għal aktar dettalji, ara d-definizzjoni tal-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020, (ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1), premessa 31.

([321]) Il-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020, (ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1), taqsima 3.8; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-10.7.2014 dwar l-għajnuna mill-Istat Nru SA.36290 — Ir-Renju Unit –Il-Pipeline tal-Gass, l-Irlanda ta' fuq; estensjoni lejn il-Punent u l-Majjistral.

([322]) ĠU C 198, 27.6.2014, p. 1, il-premessi 17 *et seq*.

([323]) Bħal linji ferrovjarji u stazzjonijiet tal-ferrovija.

([324]) Din l-osservazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni dwar jekk kull vantaġġ mogħti lill-operatur tal-infrastruttura mill-Istat ikunx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Pereżempju, jekk l-operat tal-infrastruttura jkun soġġett għal monopolju legali u jekk il-kompetizzjoni biex is-suq iħaddem l-infrastruttura tkun eskluża, vantaġġ mogħti lill-operatur tal-infrastruttura mill-Istat ma jistax ifixkel il-kompetizzjoni u għalhekk ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat. Ara l-paragrafu 188 ta' din il-Komunikazzjoni u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2002 dwar l-għajnuna mill-Istat N 356/2002 — In-Network Rail tar-Renju Unit, u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2013 dwar SA.35948 — ir-Repubblika Ċeka — Estensjoni tal-iskema ta' Interoperabbiltà fit-trasport ferrovjarju. Kif spjegat fil-paragrafu 188, jekk is-sid jew operatur ikun attiv f'suq liberalizzat ieħor, sabiex jevita s-sussidji reċiproċi, għandu jżomm kontijiet separati, jalloka l-kostijiet u d-dħul b'mod xieraq u jiżgura li kwalunkwe finanzjament pubbliku ma jibbenefikax attivitajiet oħra.

([325]) Bħal linji għal trammijiet jew ta' trasport pubbliku taħt l-art.

([326]) Inklużi t-toroq għall-konnessjoni ta' art kummerċjalment sfruttabbli, ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar SA.36147, Għajnuna infrastrutturali allegata għal Propapier u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Jannar 2016 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.36019 — Miżuri ta' infrastruttura tat-toroq fil-viċinanza ta' proġett ta' proprjetà immobbli — Uplace.

għalhekk normalment ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri u jagħmel distorsjoni fil-kompetizzjoni ([327]). Sabiex jiġi evitat li l-finanzjament pubbliku kollu ta' proġett partikolari ma jiġix soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri barra minn hekk għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 212 jiġu ssodisfati. L-istess raġunament japplika għal investimenti f'**pontijiet, mini** u **passaġġi tal-ilma interni (pereżempju xmajjar u kanali)**.

221. Filwaqt li l-operat ta' **netwerks ta' provvista tal-ilma u tal-ilma mormi** ([328]) jikkostitwixxi attività ekonomika, il-kostruzzjoni ta' netwerk tal-provvista tal-ilma u l-ilma mormi li normalment tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 211 u l-finanzjament tagħha għaldaqstant tipikament ma toħloqx distorsjoni fil-kompetizzjoni jew ma taffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Sabiex jiġi żgurat li l-finanzjament kollu kemm hu ta' proġett partikolari ma jiġix soġġett għar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, l-Istati Membri barra minn hekk għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 212 jiġu ssodisfati.

## 7.3. Għajnuna lill-operaturi

222. Fil-każ li l-elementi kollha tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat jiġu ssodisfati fir-rigward tal-iżviluppatur/tas-sid ta' infrastruttura, l-għajnuna mill-Istat għall-iżviluppatur/għas-sid hija preżenti, irrispettivament minn jekk jagħmlux użu dirett tal-infrastruttura biex jipprovdu l-merkanzija u s-servizzi huma stess jew jagħmlux l-infrastruttura disponibbli għal operatur terz li jipprovdi servizzi lil utenti aħħarin tal-infrastruttura (pereżempju, meta sid ta' ajruport jagħti konċessjoni għall-forniment ta' servizzi fl-ajruport).

223. L-operaturi li jużaw l-infrastruttura megħjuna biex jipprovdu servizzi lil utenti aħħarin jirċievu vantaġġ jekk l-użu tal-infrastruttura jagħtihom benefiċċju ekonomiku li kieku ma kinux jiksbu f'kundizzjonijiet normali tas-suq. Dan normalment japplika jekk dak li jħallsu għad-dritt biex jisfruttaw l-infrastruttura ikun inqas minn dak li kieku jħallsu għal infrastruttura komparabbli taħt kundizzjonijiet normali tas-suq. Gwida dwar kif jiġi stabbilit jekk it-termini ta' operat ikunux konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq hija pprovduta fit-Taqsima 4.2. Skont din it-Taqsima, il-Kummissjoni tqis li l-vantaġġ ekonomiku lill-operatur jista' b'mod partikolari jiġi eskluż jekk il-konċessjoni biex tiġi operata l-infrastruttura (jew partijiet minnha) tkun assenjata għal prezz pożittiv permezz ta' offerta li tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stipulati fil-paragrafi 90 sa 96 ([329]).

224. Madankollu, il-Kummissjoni tfakkar li jekk Stat Membru ma jkunx konformi mal-obbligu tiegħu tal-avviż u hemm dubji dwar il-kompatibbiltà tal-għajnuna lill-iżviluppatur/lis-sid mas-suq intern, il-Kummissjoni tista' toħroġ inġunzjoni li titlob lill-Istat Membru biex jissospendi l-implimentazzjoni tal-miżura u biex jirkupra xi flus imħallsa provviżorjament sakemm tkun ħadet deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tagħha. Barra minn hekk, l-imħallfin nazzjonali għandhom l-obbligu li jagħmlu hekk ukoll fuq talba tal-kompetituri. Barra minn hekk, jekk, wara l-valutazzjoni tagħha tal-miżura, il-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tiddikjara l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u tordna l-irkupru tagħha, impatt fuq l-operatur tal-infrastruttura ma jistax jiġi eskluż.

## 7.4. Għajnuna lill-utenti aħħarin

225. Jekk operatur ta' infrastruttura jkun irċieva għajnuna mill-Istat jew jekk ir-riżorsi tiegħu jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat, ikun f'pożizzjoni li jagħti vantaġġ lill-utenti tal-infrastruttura (jekk huma impriżi) sakemm it-termini tal-użu jaqblu mat-test tal-OES jiġifieri li l-infrastruttura tkun disponibbli għall-utenti fuq termini tas-suq.

([327]) Sitwazzjoni atipika fejn l-għajnuna mill-Istat ma tistax tiġi eskluża, tkun pereżempju, pont jew mina bejn żewġ Stati Membri, li joffru kważi servizz sostitwibbli mas-servizz offrut minn operaturi ta' laneċ kummerċjali jew il-kostruzzjoni ta' toroq b'pedaġġ f'kompetizzjoni diretta ma' xulxin (pereżempju żewġ toroq b'pedaġġ li jkunu b'mod parallel ma' xulxin, u b'hekk joffru l-iktar servizzi sostitwibbli).

([328]) Il-provvista tal-ilma u n-netwerks tal-ilma mormi jinkludu l-infrastruttura għad-distribuzzjoni tal-ilma u lt- trasport tal-ilma mormi, bħall-pajpijiet rispettivi.

([329]) Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.38478 — l-Ungerija — Żvilupp tal-Port Pubbliku Győr-Gönyű. B'kuntrast, vantaġġ għall-iżviluppatur/sid ta' infrastruttura ma jistax jiġi eskluż b'offerta u l-offerta timminimizza biss l-għajnuna mogħtija.

226. Skont il-prinċipji ġenerali spjegati fit-Taqsima 4.2, vantaġġ għall-utenti f'każijiet bħal dawn jista' jiġi eskluż fejn it-tariffi għall-użu tal-infrastruttura jkunu ġew stabbiliti permezz ta' offerta li tissodisfa l-kundizzjonijiet rilevanti kollha stipulati fil-paragrafi 90 sa 96.

227. Kif spjegat fit-Taqsima 4.2, fejn tali evidenza speċifika ma tkunx disponibbli, il-kwistjoni dwar jekk tranżazzjoni hijiex konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq, tista' tiġi vvalutata fid-dawl tat-termini u l-kundizzjonijiet li taħthom l-użu ta' infrastruttura komparabbli jingħata minn operaturi privati komparabbli f'sitwazzjonijiet komparabbli (valutazzjoni komparattiva), sakemm tqabbil bħal dan ikun possibbli.

228. Jekk l-ebda wieħed minn dawn il-kriterji ta' valutazzjoni ma jista' jiġi applikat, il-fatt li tranżazzjoni hija konformi mal-kundizzjonijiet tas-suq jista' jiġi stabbilit fuq il-bażi ta' metodoloġija ta' valutazzjoni standard, ġeneralment aċċettata. Il-Kummissjoni tqis li t-test tal-OES jista' jkun issodisfat għal finanzjament pubbliku ta' infrastrutturi miftuħa li mhumiex maħsuba għall-ebda utent(i) speċifiku (speċifiċi) fejn l-utenti tagħhom jikkontribwixxu b'mod inkrimentali, minn perspettiva *ex ante*, għall-profitabbiltà tal-proġett/operatur. Dan huwa l-każ fejn l-operatur tal-infrastruttura jistabbilixxi arranġamenti kummerċjali ma' utenti individwali li jippermettu li jkunu koperti l-kostijiet kollha li jirriżultaw minn dawn l-arranġamenti, inkluż marġni ta' profitt raġonevoli fuq il-bażi ta' prospetti b'saħħithom fuq medda medja ta' żmien. Din il-valutazzjoni għandha tikkunsidra d-dħul inkrementali kollu u l-kostijiet antiċipati inkrementali kollha mistennija mġarrba mill-operatur b'rabta mal-attivitajiet tal-utent speċifiku ([330]).

## 8. DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

229. Din il-komunikazzjoni tissostitwixxi il-Komunikazzjonijiet u l-Avviżi tal-Kummissjoni li ġejjin:

— Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Istati Membri 93/C-307/03 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat KEE u l-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 80/723/KEE għal impriżi pubbliċi fis-settur tal-manifattura ([331]);

— Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-elementi ta' għajnuna mill-Istat fil-bejgħ ta' art u binjiet mill-awtoritajiet pubbliċi ([332]);

— Avviż mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri marbutin ma' tassazzjoni diretta tan-negozju ([333]).

230. Il-Komunikazzjoni preżenti tissostitwixxi kull dikjarazzjoni kuntrarja dwar il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat inkluża fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-Oqfsa eżistenti kollha, ħlief għal dikjarazzjonijiet marbutin ma' setturi speċifiċi u ġustifikati mill-karatteristiċi partikolari tagħhom.

([330]) Ara pereżempju d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ottubru 2014 dwar SA.36147, Għajnuna Infrastrutturali allegata għal Propapier. Ara l-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ajruporti u l-linji tal-ajru, ĠU C 99, 4.4.2014, p. 3, premessi 61 sa 64.
([331]) ĠU C 307, 13.11.1993, p. 3.
([332]) ĠU C 209, 10.7.1997, p. 3.
([333]) ĠU C 384, 10.12.1998, p. 3.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT